32000R2082

9.10.2000 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 254/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2082/2000

tas-6 ta' Settembru 2000

li jadotta l-istandards ta' l-Eurocontrol u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 97/15/KE, li tadotta l-istandards ta' l-Eurocontrol u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/65/KEE

IL-KUMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/65/KEE tad-19 ta' Lulju 1993 dwar id-definizzjoni u l-użu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi kompatibbli għax-xiri ta' tagħmir u sistemi ta' l-immaniġġar tat-traffiku ta' l-ajru ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/15/KE tal-25 ta' Marzu 1997 li tadotta l-istandards ta' l-Eurocontrol u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/65/KEE dwar id-definizzjoni u l-użu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi kompatibbli għax-xiri ta' tagħmir u sistemi ta' l-immaniġġar tat-traffiku ta' l-ajru ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 97/15/KE adottat l-istandard ta' l-Eurocontrol għall-*On-Line Data Interchange*, (OLDI), u l-istandard ta' l-Eurocontrol għall-Preżentazzjoni ta' l-Iskambji tad-Data fis-Servizzi tat-Traffiku ta' l-Ajru (*Air Traffic Services Data Exchange Presentation*) (ADEXP), edizzjoni 1.0.

(2) L-Eurocontrol adotta verżjonijiet aktar reċenti taż-żewġ-standards fuq imsemmija, i.e. OLDI edizzjoni 2.2 u l-ADEXP edizzjoni 2.0 kif ukoll l-istandard il-ġdid ta' l-Eurocontrol li jismu Skambju tad-Data tat-Titjir — Dokument li Jikkontrolla t-Tlaqqigħ) (FDE-ICD).

(3) Dawn l-istandards ta' l-Eurocontrol jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 93/65/KEE u jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni tas-sistema nazzjonali ta' l-immaniġġar tat-traffiku ta' l-ajru ta' l-Istati Membri, partikolarment rigward it-trasferiment ta' titjiriet bejn ċentri tal-kontroll tat-traffiku bl-ajru (OLDI), l-immaniġġar tal-movimenti tat-traffiku ta' l-ajru (ADEXP) u l-komunikazzjonijiet bejn is-sistemi nazzjonali (FDE-ICD).

(4) L-edizzjonijiet 2.2 ta' l-OLDI u 2.0 tal-ADEXP jieħdu post l-edizzjonijiet preċedenti li bħalissa qegħdin fis-seħħ skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 97/15/KE u għalhekk dak l-Artikolu ġie rrevokat.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma konformi ma l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond id-Direttiva 93/65/KEE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Sakemm huwa meħtieġ għall-implementazzjoni ta' sistema integrata ta' l-immaneġġar tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru Ewropew, l-elementi mandatorji ta' l-ispeċifikazzjoni ta' l-Eurocontrol inklużi f'dawn id-dokumenti ta' standards ta' l-Eurocontrol huma adottati fil-qafas tad-Direttiva 93/65/KEE:

– l-istandards ta' l-Eurocontrol għal *On-Line Data Interchange* (OLDI), edizzjoni 2.2 (Dokument ta' referenza Eurocontrol DPS.ET1.ST06-STD), li t-test tagħhom huwa inkluż fl-Anness I ta' dan ir-Regolament preżenti,

– l-istandards ta' l-Eurocontrol għal *Air Traffic Services Data Exchange Presentation* (ADEXP), edizzjoni 2.0 (Dokument ta' referenza Eurocontrol DPS.ET1.ST09-STD), li t-test tagħhom huwa inkluż fl-Anness II ta' dan ir-Regolament preżenti,

– l-istandards ta' l-Eurocontrol għal *Flight Data Exchange — Interface Control Document* (FDE-ICD), edizzjoni 1.0 (Dokument ta' referenza Eurocontrol COM.ETI.STI 2-STD), li t-test tagħhom huwa inkluż fl-Anness III ta' dan ir-Regolament preżenti.

L-Artikolu 2

L-Artikolu 1 tad-Direttiva 97/15/KE huwa b'hekk imħassar.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament preżenti għandu jidħol fis-seħħfit-tielet jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

([1]) ĠU L 187, tad-29.7.1993, p. 52.
([2]) ĠU L 95, ta' l-10.4.1997, p. 16.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Settembru 2000.

Għall-Kummissjoni

Loyola DE PALACIO

Viċi-President

L-ANNESS I

ON-LINE DATA INTERCHANGE **(OLDI) EDIZZJONI 2.2**

(Dokument Eurocontrol referenza DPS.ET1.ST06-STD)

WERREJ

AVVIŻ TA' DRITT TA' L-AWTUR 114

PREFAZJU 115

1 INTRODUZZJONI 118

1.1. Skop 118

1.2. Skop 118

2. REFERENZI 118

3. DEFINIZZJONIJIET, SIMBOLI U ABBREVJAZZJONIJIET 119

3.1. Definizzjonijiet 119

3.2. Simboli u Abbrevjazzjonijiet 121

4. ĦTIĠIET ĠENERALI 122

4.1. Introduzzjoni 122

4.2. Ħtiġiet ta' Sistema ta' Proċessar ta' Dettalji ta' Titjira. 123

4.2.1. Bażi ta' Dettalji ta' Titjira 123

4.2.2. Operat f'Ħin Attwali 123

4.2.3. Kapabilità ta' Dettalji ta' Komunikazzjonijiet 123

4.2.4. Funzjonijiet ta' Applikazzjoni 123

4.2.5. *Human-Machine Interface* (HMI) (*Interface* bejn Umani u Magni) 124

4.2.6. Bidu ta' Messaġġi 124

4.2.7. Wasla ta' Messaġġi 125

4.3. Aġġornament minn Dettalji ta' Sorveljanza 125

4.4. Rekordjar ta' *Data* OLDI 125

4.4.1. Kontenut 125

4.4.2. Faċilitajiet 125

4.5. Disponibilità, Fiduċja, Sigurtà tad-Dettalji u Integrità tad-Dettalji 125

4.5.1. Disponibilità 125

4.5.2. Fiduċja 126

4.5.3. Sigurtà ta' Dettalji 126

4.5.4. Integrità ta' Dettalji 126

4.6. Evalutazzjoni Operazzjonali 126

4.6.1. Perijodu ta' Evalutazzjoni 126

4.6.2. *Data* ta' Introduzzjoni Operazzjonali 126

5. KATEGORIJI TA' MESSAĠĠI 126

5.1. Ġenerali 126

5.1.1. Skop 126

5.1.2. Kategoriji ta' Messaġġi 126

5.2. Ħinijiet ta' Transazzjoni 127

5.2.1. Kondizzjonijiet tal-Ħinijiet tat-Transazzjoni 127

5.3. Klassifikazzjoni u Kategorizzazzjoni ta' Messaġġi 127

5.3.1. Klassifikazzjoni ta' Messaġġi — Mandatorji u Komplimentarji 127

5.3.2. Kategorizzazzjoni ta' Messaġġi 128

6. PROĊEDURA BAŻIKA — MESSAĠĠI MANDATORJI 129

6.1. Ġenerali 129

6.1.1. Deskrizzjoni ta' Ħtieġa 129

6.1.2. Implimentazzjoni 129

6.2. *Advance Boundary Information Message* (ABI) (Messaġġ bil-Quddiem ta' Informazzjoni dwar Fruntiera) 129

6.2.1. Skop tal-Messaġġ ABI 129

6.2.2. Kontenuti tal-Messaġġ 130

6.2.3. Ir-Regoli ta' l-Applikazzjoni 130

6.2.4. Konfermazzjoni ta' ABI 131

6.2.5. Eżempji 131

6.3. Activate Message (ACT) (Messaġġ attivat) 132

6.3.1. Skop tal-Messaġġ ACT 132

6.3.2. Kontenut ta' Messaġġ 132

6.3.3. Regoli ta' Applikazzjoni 132

6.3.4. Konfermazzjoni ta' ACT 134

6.3.5. Eżempji 134

6.4. *Logical Acknowledgement Message* (LAM) (Messaġġ loġiku ta' konferma) 134

6.4.1. Skop tal-Messaġġ LAM 134

6.4.2. Kontenut ta' Messaġġ 135

6.4.3. Regoli ta' Applikazzjoni 135

6.4.4. Konfermazzjoni ta' LAM 135

6.4.5. Eżempji 135

7. PROĊEDURA BAŻIKA — MESSAĠĠI KOMPLIMENTARJI 135

7.1. Ġenerali 135

7.1.1. Deskrizjoni ta' Ħtieġa 135

7.1.2. Implementazzjoni 135

7.2. *Preliminary Activate Message* (PAC) (Messaġġ ta' Attivar Prelimenari) 136

7.2.1. Skop tal-Messaġġ PAC 136

7.2.2. Kontenut ta' Messaġġ 136

7.2.3. Regoli ta' Applikazzjoni 136

7.2.4. Konfermazzjoni ta' PAC 138

7.2.5. Eżempji 138

7.3. *Revision Message* (REV) (Messaġġ ta' Reviżjoni) 139

7.3.1. Skop tal-Messaġġ REV 139

7.3.2. Kontenut ta' Messaġġ 139

7.3.3. Regoli ta' Applikazzjoni 139

7.3.4. Konfermazzjoni ta' REV 141

7.3.5. Eżempji 142

7.4. Messaġġ għal Abrogazzjoni ta' Kordinament (MAC) — (*Abrogation of Co-ordination*) 142

7.4.1. Skop tal-Messaġġ MAC 142

7.4.2. Kontenut ta' Messaġġ 142

7.4.3. Regoli ta' Applikazzjoni 142

7.4.4. Konfermazzjoni ta' MAC 144

7.4.5. Eżempji 144

7.5. *SSR Code Assignment Message* (COD) — (Kodiċi SSR ta' Assenjament ta' Messaġġ) 145

7.5.1. Skop tal-Messaġġ COD 145

7.5.2. Kontenut ta' Messaġġ 145

7.5.3. Regoli ta' Applikazzjoni 145

7.5.4. Konfermazzjoni ta' COD 146

7.5.5. Eżempji 146

7.6. Messaġġ ta' Informazzjoni (INF) 146

7.6.1. Skop tal-Messaġġ INF 146

7.6.2. Kontenut ta' Messaġġ 146

7.6.3. Regoli ta' Applikazzjoni 147

7.6.4. Konfermazzjoni ta' INF 147

7.6.5. Eżempji 147

8. PROĊEDURA — KORDINAMENT TA' DJALOGU 148

8.1. Ġenerali 148

8.1.1. Introduzzjoni 148

8.1.2. Il-Filtru 148

8.1.2.1. Ġenerali 148

8.1.3. Sekwenza ta' Messaġġ 149

8.1.3.1. Ġenerali 149

8.1.4. Trattament Simultanju ta' Messaġġ 150

8.1.5. Ċaħda ta' Trattament 150

8.1.6. Tweġiba Operazzjonali *Time-Out* 150

8.1.7. Implimentazzjoni 150

8.2. *Activate Message* (ACT) (Attiva l-Messaġġ) 151

8.2.1. Skop tal-Messaġġ ACT 151

8.2.2. Kontenut ta' Messaġġ 151

8.2.3. Regoli ta' Applikazzjoni 151

8.2.4. Konfermazzjoni ta' ACT 152

8.3. *Referred Activate Proposal Message* (RAP) (messaġġ ta' proposta attiva ta' referenza) 152

8.3.1. Skop tal-Messaġġ RAP 152

8.3.2. Kontenut ta' Messaġġ 152

8.3.3. Regoli ta' Applikazzjoni 152

8.3.4. Konfermazzjoni ta' RAP 153

8.3.5. Tweġiba Operazzjonali ta' RAP 154

8.3.6. Eżempji 154

8.4. *Revision Message* (REV) (Reviżjoni ta' Messaġġ) 154

8.4.1. Skop tal-Messaġġ REV 154

8.4.2. Kontenut ta' Messaġġ 154

8.4.3. Regoli ta' Applikazzjoni 154

8.4.4. Konfermazzjoni ta' REV 155

8.4.5. Tweġiba Operazzjonali ta' REV 155

8.5. *Referred Revision Proposal Message* (RRV) — (messaġġ ta' reviżjoni ta' proposta ta' referenza) 156

8.5.1. Skop tal-Messaġġ RRV 156

8.5.2. Kontenut ta' Messaġġ 156

8.5.3. Regoli ta' Applikazzjoni 156

8.5.4. Konfermazzjoni ta' RRV 156

8.5.5. Tweġiba Operazzjonali lejn RRV 157

8.5.6. Eżempji 157

8.6. *Stand-by Message* (SBY) — (messaġġ ta' stennija) 157

8.6.1. Skop tal-Messaġġ SBY 157

8.6.2. Kontenut tal-Messaġġ 157

8.6.3. Regoli ta' Applikazzjoni 158

8.6.4. Konfermazzjoni ta' SBY 158

8.6.5. Eżempji 158

8.7. Messaġġ ta' Aċċettazzjoni (ACP) 158

8.7.1. Skop tal-Messaġġ ACP 158

8.7.2. Kontenut tal-Messaġġ 158

8.7.3. Regoli ta' Applikazzjoni 159

8.7.4. Konfermazzjoni ta' ACP 159

8.7.5. Eżempji 160

8.8. *Co-ordination Message* (CDN) — (Messaġġ ta' Kordinament) 160

8.8.1. Skop tal-Messaġġ CDN 160

8.8.2. Kontenut ta' Messaġġ 160

8.8.3. Regoli ta' Applikazzjoni 161

8.8.4. Konfermazzjoni ta' CDN 161

8.8.5. Tweġiba Operazzjonali ta' CDN 162

8.8.6. Eżempji 162

8.9. *Reject Co-ordination Message* (RJC) — (messaġġ ta' caħda ta' koordinazzjoni) 162

8.9.1. Skop tal-Messaġġ RJC 162

8.9.2. Kontenut ta' Messaġġ 162

8.9.3. Regoli ta' Applikazzjoni 163

8.9.4. Konfermazzjoni ta' RJC 163

8.9.5. Eżempji 163

9. PROĊEDURA TA' DJALOGU — TRASFERIMENT TA' KOMUNIKAZZJONI 163

9.1. Ġenerali 163

9.1.1. Introduzjoni 163

9.1.2. Sekwenza ta' Messaġġ 164

9.1.3. Trasferiment ta' Komunikazzjoni 164

9.2. *Transfer Initiation Message* (TIM) — (messaġġ ta' bidu ta' trasferiment) 164

9.2.1. Skop tal-Messaġġ TIM 164

9.2.2. Kontenut ta' Messaġġ 164

9.2.3. Regoli ta' Applikazzjoni 165

9.2.4. Konfermazzjoni ta' TIM 165

9.2.5. Eżempju 166

9.3. *Supplementary Data Message* (SDM) — (messaġġ ta' dettalji supplementarji) 166

9.3.1. Skop tal-Messaġġ SDM 166

9.3.2. Kontenut ta' Messaġġ 166

9.3.3. Regoli ta' Applikazzjoni 167

9.3.4. Konfermazzjoni ta' SDM 167

9.3.5. Eżempju 168

9.4. *Hand-Over Proposal* (HOP) — (Proposta għal Ġhoti ta' Responsabilità) 168

9.4.1. Skop tal-Messaġġ HOP 168

9.4.2. Kontenut ta' Messaġġ 168

9.4.3. Regoli ta' Applikazzjoni 168

9.4.4. Konfermazzjoni ta' HOP 169

9.4.5. Eżempju 169

9.5. *Request On Frequency Message* (ROF) — (messaġġ dwar talba ta' frekwenza) 170

9.5.1. Skop tal-Messaġġ ROF 170

9.5.2. Kontenut ta' Messaġġ 170

9.5.3. Regoli ta' Applikazzjoni 170

9.5.4. Konfermazzjoni ta' ROF 170

9.5.5. Eżempju 171

9.6. *Change of Frequency Message* (COF) — (messaġġ ta' tibdil ta' frekwenza) 171

9.6.1. Skop tal-Messaġġ COF 171

9.6.2. Kontenut ta' Messaġġ 171

9.6.3. Regoli ta' Applikazzjoni 171

9.6.4. Konfermazzjoni ta' COF 172

9.6.5. Eżempji 172

9.7. *Manual Assumption of Communications Message* (MAS) — (messaġġ dwar it-teħid manwali ta' komunikazzjoni) 172

9.7.1. Skop tal-Messaġġ MAS 172

9.7.2. Kontenut tal-Messaġġ 172

9.7.3. Regoli ta' Applikazzjoni 172

9.7.4. Konfermazzjoni ta' MAS 173

9.7.5. Eżempju 173

L-ANNESS A (Normattiv) REGOLI TA' INSERZJONI TA' DETTALJI 174

L-ANNESS B (Normattiv) ĦTIĠIET TA' PROĊESSAR TA' ROTTA SPEĊJALI 185

L-ANNESS Ċ (*INFORMATTIV*) PROĊEDURA TA' DJALOGU (LIVELL SYSCO 1) SEKWENZA TA' FRAŻIJIET — SEKWENZA TA' MESSAĠĠ 191

AVVIŻ TA' DRITT TA' L-AWTUR

Dan id-dokument ġie prodott mill-Aġenzija Eurocontrol.

Id-dritt ta' awtur huwa ta' l-Aġenzija Eurocontrol.

Il-kontenut, jew xi parti minnu, huwa għalhekk liberalment disponibbli għar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri, imma kopja jew żvelar lejn xi parti oħra hija suġġetta għal kunsens bil-quddiem bil-miktub mill-Aġenzija Eurocontrol.

PREFAZJU

1. Il-Korp Resposabbli

L-istandard ta' l-Eurocontrol għal *On-Line Data Interchange* (OLDI), Edizzjoni 2.2 kienet ġiet imħejjija mid-*Directorate of European ATC Harmonisation and Integration Programme* (EATCHIP) *Development* (DED), Eurocontrol, li huwa responsabbli ukoll għal aġġornamanet ta' dan id-dokument. Il-kummenti u l-mistoqsijiet kollha għandhom ikunu indirizzati lid-Direttur Ġenerali, Eurocontrol, Rue de la Fusée, 96, B-1130 Bruxelles, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni DED-2.

2. Ir-Relazzjoni mad-Dokument ta' Programm ta' Ħidma EATCHIP.

Dan l-istandard jikkostitwixxi l-forniment taħt *Specialist Task* DPS.ET1.ST06 ta' l-ATM *Data Processing Systems* (DPS) dominju ta' EATCHIP kif speċifikat fid-Dokument ta' Programm ta' Ħidma EATCHIP (EWPD) Edizzjoni 2.0, bid-data tat-30/09/94.

3. L-Approvazzjoni u I-Emendi

Dan l-istandard kien suġġett għal din il-proċedura ta' approvazzjoni kif dettaljata fid-Direttiva għal Normalizzazzjoni ta' Eurocontrol:

- Approvazzjoni mill-*EATCHIP Operational Requirement and ATM Data Processing Team* (ODT) bi proċedura ta' korrispondenza;
- Konsultazzjoni ta' l-Istati ECAC (KEAĊ) kollha permezz tar-rappreżentanti tagħhom fil-Kumitat ta' Amministrazzjoni jew l-*EATCHIP Project Board*;
- Approvazzjoni mill-*EATCHIP Project Board* u l-Kumitat ta' Amministrazzjoni;
- Adozzjoni mill-Kummissjoni Permanenti.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-istandard huma effettivi wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni Permanenti.

Sabiex jintlaħqu l-ħtiġiet ta' l-evoluzzjoni tal-proċeduri tal-Kontroll tat-Traffiku ta' l-Ajru — Air Traffic Control (ATC), emendi u żidiet jistghu jkunu proposti permezz ta' l-ODT ghal diskussjoni u l-possibiltà ta' approvazzjoni. Il-ħtiġiet ghandhom ikunu inkorporati jew bħala emenda jew bħala żieda oħra mad-dokument ghal konferma u approvazzjoni bi qbil ma' proċeduri speċjali.

4. Il-Prattiċi Editorjali

Dawn il-prattiċi li ġejjin kienu assimilati sabiex ikun indikat l-status ta' kull stqarrija: Elementi Normattivi ġew stampati b'tipa ħafifa; *Elementi Rakkomandati* ġew stampati b'tipa ħafifa fil-korsiv, l-istatus huwa indikat bil-prefiss **Rakkomandazzjoni**.

Din il-prattika editorjali kienet ġiet użata fil-kitba ta' l-ispeċifikazzjonijiet: ghal Elementi Normattivi l-verb "ghandu" huwa użat, u ghal Elementi Rakkomandati il-verb operattiv "jkun opportun" huwa użat.

In-Noti huma stampati b'tipa ħafifa fil-korsiv preċeduti bil-prefiss "NOTA".

5. **Ir-Relazzjoni ma' l-Edizzjoni 1 ta' l-Istandard Eurocontrol għal *On Line Data Interchange***

Dan id-dokument jissupera u jieħu post il-Partijiet 1 u 2 ta' l-Edizzjoni 1 ta' l-Istandard Eurocontrol għal *On Line Data Interchange*. Il-Parti 3, li tiddeskrivi l-protokolli tekniċi li għandhom ikunu użati hi ssuperata mill-Istandard Eurocontrol għal *On Line Data Interchange* — Dokument *Interface Control* il-Parti 1.

6. **It-Tibdil Sinifikanti mill-Edizzjoni 1**

Dawn li ġejjin huma t-tibdil u ż-żidied l-aktar sinifikanti mill-Edizzjoni 1:

1. L-inkorporazzjoni ta' dawn il-messaġġi komplementarji (mhux-mandatorji) fir-rigward tal-proċedura bażika:

   – Messaġġ għal Abrogazzjoni ta' Koordinament (Abrogation of Co-ordination (MAC));

   – Messaġġ ta' *Secondary Surveillance Radar* (SSR) *Code Assignment* (COD);

   – Messaġġ ta' Informazzjoni (INF).

2. Definizzjoni ta' kontenut u format ta' messaġġ biex isostni l-qsim transkonfinali minn titjira fuq passaġġli ma hux definit b'rotta ta' Servizzi ta' Traffiku ta' l-Ajru (ATS), imma li huwa definit bil-punti tal-bidu u t-tmiem ta' sezzjoni ta' rotta.

3. Inkorporazzjoni ta' proċedura ta' djalogu li tippermetti:

   – l-identifikazzjoni u n-negozjar ta' kondizzjonijiet ta' trasferiment mhux regolari minn kontrolluri li jwettqu l-funzjonijiet ta' l-ippjanar;

   – il-provvediment tal-kapaċità ta' l-unità ta' aċċettazzjoni biex tagħmel kontro-proposta għal kondizzjonijiet ta' trasferiment;

   – id-dispożizzjoni ta' faċilitajiet ta' trasferiment ta' komunikazzjoni bħala parti mit-trasferiment tal-proċedura ta' kontroll.

4. L-użu tal-format deskritt fl-Edizzjoni 2 tal-Dokument Bażiku Eurocontrol għal ATS. *Data Exchange Presentation* (ADEXP) hija introdotta. Il-messaġġi kollha speċifikati permezz tal-proċedura bażika u dawk użati matul il-fażi ta' koordinament ta' proċedura ta' djalogu huma deskritti bl-użu ta' fomati kemm ta' l-Organizzazzjoni ta' Avjazzjoni Ċivili — kif ukoll ta' l-ADEXP. Trasferiment ta' messaġġi ta' Komunikazzjoni deskritti permezz tal-proċedura ta' djalogu huma deskritti billi jintuża biss il-format ADEXP.

5. Tħassir ta' dawn l-Annessi ta' l-Edizzjoni 1:

   A: ATC *Unit Identification* (Unità ta' Identifikazzjoni ATC).

   B: OLDI *Message Structure* (Struttura ta' Messaġġ OLDI)

   (il-messaġġi kollha fl-Edizzjoni 3 inklużi l-eżempji).

   D: *Historical Overview* (Ħarsa Ġenerali Storika).

   E: Pjan ta' Implementazzjoni.

   F: Konformità minn Stati.

   G: Linji ta' Gwida għall-Implementazzjoni.

   H: Linji ta' Gwida għall-Evalutazzjoni ta' OLDI.

6. Separazzjoni tal-Parti 3 — Ħtiġiet Tekniċi — mill-ispeċifikazzjoni ta' l-applikazzjoni.

7. **Ir-Relazzjoni ma' Dokumenti Oħra**

Dan id-dokument jagħmel referenza għall-użu ta' żewġ tipi ta' formati ta' qasam fil-kompilazzjoni ta' messaġġi; dawn huma ICAO u ADEXP.

Il-formati ta' oqsma ICAO huwa deskritti fir-Referenza 1. Fil-każ li r-Referenza 1 tkun superata b'dokument ieħor, id-definizzjoni ta' tipi ta' oqsma ICAO għandhom ikunu kif deskritti f'dak id-dokument.

Il-formati ta' oqsma ADEXP huma deskritti fir-Referenza 2.

NOTA *Id-dokumenti li hemm referenza dwarhom huma elenkati fis-Sezzjoni 2.*

8. **Il-Lingwa**

Il-Lingwa Ingliża ġiet użata fit-tħejjija ta' l-oriġinali ta' dan id-dokument.

1. L-INTRODUZZJONI

1.1. L-Iskop

1.1.1. Titjiriet li jkunu qegħdin jiġu pprovduti b'servizz ATC huma ttrasferiti minn unità ATC waħda lejn dik li tkun tmiss b'tali manjera li hija ddisinjata biex tassigura sigurtà sħiħa. Sa biex ikun milħuq dan l-objettiv, hija proċedura normali li kull titjira li taqsam minn fuq fruntiera taż-żoni ta' responsabilità taż-żewġ unitajiet li jikkoordinaw bejniethom bil-quddiem u li l-kontroll tat-titjira jkun trasferit meta din tkun fil, jew biswit ta', l-imsemmija fruntiera.

1.1.2. Meta jitwettqu bit-telefon, il-forniment ta' dettalji dwar titjiriet individwali bħala parti minn proċess ta' koordinazzjoni, dan ikun dmir maġġuri ta' l-unitajiet ATC, partikolarment fil-*Area Control Centres* (ACC) — (Ċentri ta' Kontrolli ta' Żoni). L-użu operazzjonali ta' konnessjonijiet bejn il-*Flight Data Processing System* (FDPS) — (Sistema ta' Proċessar ta' Dettalji dwar Titjira), għall-iskopijiet li jkunu mibdula ċerti "kalkoli" verbali, li huma irreferuti bħala *On-Line Data Interchange* (OLDI), kien beda fl-Ewropa fil-bidu tassnin elf disa' mija u tmeninijiet.

1.1.3. Sabiex tkun iffaċilitata l-implementazzjoni, regoli komuni u formati ta' messaġġi kienu ġew elaborati u miftiehma mill-aġenziji kkonċernati u inkorporati fl-Edizzjoni 1 ta' l-istandard Eurocontrol għal *On-Line Data Interchange*; dan id-dokument, Edizzjoni, kienet ġiet ipproduċuta bħala sostenn tal-kontinwazzjoni ta' żvilupp ta' faċilitajiet bħal dawn b'konformità mal-ħtiġiet EATCHIP.

1.2. L-Iskop

1.2.1. Dan id-dokument jispeċifika l-faċilitajiet u messaġġi li għandhom ikunu pprovduti bejn il-FDPS li jservu lill-unitajiet ATC għal l-iskop li jintlaħaq:

- il-koordinament meħtieġ qabel it-trasferiment ta' titjiriet minn unità waħda lejn dik li tkun tmiss;
- trasferiment ta' komunikazzjoni dwar dawn it-titjiriet.

1.2.2. Dan id-dokument:

- jidefinixxi l-formati ta' messaġġi u regoli għal kontenut;
- jiddeskrivi l-faċilitajiet meħtieġa għal dawk l-unitajiet li huma pre-rekwiżiti għal użu ta' inter-kambjament ta' dettalji għal dan l-iskop.

1.2.3. Dan l-istandard huwa applikabbli bejn l-Istati Membri tal-Eurocontrol ta' faċilitajiet internazzjonali OLDI bejn unitajiet li jipprovdu żona ta' servizz ATC.

1.2.4. **Rakkomandazzjoni** Huwa rakkomandat li Stati tal-Konferenza Ewropea ta' Avjazzjoni Ċivili (ECAC) — (European Civil Aviation Conference) (KEAC) — *għandhom japplikaw dan l-istandard lejn*:

- *faċilitajiet internazzjonali OLDI bejn unitajiet li jipprovdu żona ta' servizz ATC fiż-żona ECAC;*
- *faċilitajiet OLDI bejn unitajiet li jipprovdu żona ta' servizz ATC li huma interni għall-Istat ikkonċernat.*

2. IR-REFERENZI

2.1. Dawn id-dokumenti li ġejjin jinkludu dispożizzjonijiet li, permezz ta' referenza f'dan it-test, jikkostitwixxu dispożizzjonijiet għal dan id-Dokument Bażiku Eurocontrol.

Fil-waqt tal-publikazzjoni ta' dan id-Dokument Bażiku Eurocontrol, l-edizzjonijiet indikati għad-dokumenti li hemm referenza dwarhom, kienu validi.

Xi reviżjoni għad-Dokumenti ICAO li hemm referenza dwarhom għandhom ikunu immedjatament meqjusa biex ikun rivedut dan id-Dokument Bażiku Eurocontrol.

Reviżjonijiet ta' dokumenti oħra ta' referenza m'għandhomx jiffurmaw parti mid-dispożizzjonijiet ta' dan id-Dokument Bażiku Eurocontrol sa kemm dawk ikunu formalment riveduti u inkorporti f'dan id-Dokument Bażiku Eurocontrol.

F'każ ta' kunflitt bejn il-ħtiġiet ta' dan id-Dokument Bażiku Eurocontrol u l-kontenut ta' dawn id-dokumenti l-oħra bħala referenza, dan id-Dokument Bażiku Eurocontrol għandu jkollu preċedenza.

2.2. Dawn id-dokumenti li ġejjin hemm referenza għalihom f'dan id-Dokument Bażiku:

1. *Procedures for Air Navigation Services — Rules of the Air & Air Traffic Services, ICAO Document 4444, Thirteenth Edition* iddatat 7 ta' Nov. 1996, kif emendat.

2. Edizzjoni 2.0 tad-Dokument Bażiku Eurocontrol għal *ATS Data Exchange Presentation* (ADEXP) — (Preżentazzjoni ta' Skambju ta' Dettalji ATS), referenza DPS-ET1-ST09-STD-01-00, bid-data ta' Ġunju 1998.

3. ID-DEFINIZZJONIJIET, SIMBOLI U ABBREVJAZZJONIJIET

3.1. Id-Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan id-Dokument Bażiku Eurocontrol, dawn id-definizzjonijiet segwenti għandhom ikunu applikabbli.

3.1.1. *Unità li taċċetta* (*Accepting Unit*): L-unità li tipprovdi servizz ATC li għandha tieħu kontroll jew li tkun ħadet kontroll ta' titjira meta t-trasferiment minn unità waħda lejn dik li tkun tmiss ikun sejjer jew ikun fil-fatt seħħ.

3.1.2. *Rikonoxximent* Notifika li messaġġ ikun wasal u li jkun instab li huwa proċessabbli kif xieraq.

3.1.3. *Attivazzjoni* Il-proċess fl-unità ATC li tirċievi li biha l-pjan tat-titjira għat-titjira riferuta ikun aġġornat biex jinkludi d-dettalji ipprovduti mill-unità li titrasferixxi bħala parti mill-proċess ta' koordinament bejn iżżewġ unitajiet u li tirriżulta fil-forniment ta' dettalji lejn il-kontrolluri.

3.1.4. *Altitudni* Id-distanza vertikali ta' livell, punt jew oġġett meqjus bħala punt, imkejjel mil-livell medju tal-baħar.

3.1.5. *Applikar* Dik il-parti tas-sistema sekondarja ATS li tkun konformi ma' dan l-istandard u tidħol bi qbil ma' entitajiet tali f'sistemi ATS oħra.

3.1.6. *Qasam ta' Responsabilità* Spazju ta' l-ajru ta' dimensjonijiet definiti li fihom unità ATC tipprovdi servizz ta' traffiku ta' l-ajru.

3.1.7. *Assoċjazzjoni* Proċedura li biha sistema torbot messaġġ OLDI mwassal ma' pjan ta' titjira għal dħul f'*database*.

3.1.8. *Unità ATC* Unità li tipprovdi servizz ta' kontroll tat-traffiku ta' l-ajru.

3.1.9. *Disponibilità* Probabilità li faċilià tkun aċċessibbli fil-waqt minn dak li jagħmel użu.

3.1.10. *Fruntiera* Il-pjanura (laterali u vertikali) li tillimita ż-żona ta' responsabilità ta' unità ATC.

3.1.11. *Cleared Flight Level (Livell Permissibli għal Titjira)* Il-livell ta' titjira lejn jew li fih it-titjira tkun preżentament ġiet rilaxxata minn ATC.

3.1.12. *Koordinament, ATC* Il-proċess, eżekwit bejn unitajiet ATC b'żoni biswit xulxin ta' responsabilità, li formalment jindirizzaw lil xulxin bil-passaġġ ta' titjiriet ippjanati minn fuq fruntiera, sa biex tkun assigurata s-sigurtà tat-titjira permezz ta' konsistenza ta' l-azzjonijiet li jkun hemm intenzjoni dwarhom.

3.1.13. *Koordinament ta' Messaġġ* Terminu ġeneriku li jirreferi għal messaġġ użat biex titwettaq il-koordinazzjoni ta' ATC. Dawn jinkludu ċ-CDN li hija messaġġ speċifiku deskritt fil-paragrafu 8.8.

3.1.14. *Faġi ta' Koordinament* Fir-rigward ta' titjira partikolari, il-faġi li matulha l-unitajiet ATC li jittrasferixxu u li jirċievu jaqblu dawr il-kondizzjonijiet (e.g. livell tat-titjira, punt ta' fruntiera) li permezz tiegħu it-titjira tgħaddi mill-kontroll ta' wieħed lejn l-ieħor.

3.1.15. *Punt ta' Koordinament* Punt fuq jew biswit il-fruntiera magħrufa minn unitajiet ATC f'sekwenza ta' koordinament u li hemm referenza dwaru f'messaġġi ta' koordinazzjoni.

3.1.16. *Korrelazzjoni* Il-proċess ibbażat fuq kriterja definita li tgħaqqad dettalji ta' pjan ta' titjira mal-faxxa tar-radar ta' l-istess titjira, normalment għal preżentazzjoni fuq "wirja" ta' kontrollur.

3.1.17. *Standard Eurocontrol* Xi speċifikazzjonijiet għal karatteristiċi fiżiċi, konfigurazzjoni, materjal, twettiq, impjegati jew proċedura, li l-applikar uniformi tagħhom ikun ġie approvat bħala essenzjali għall-implementazzjoni fis-sistemi ATS fl-Istati Membri Eurocontrol. Standard Eurocontrol m'għandhiex tkun f'kunflitt ma' Standards ICAO, imma, fejn xieraq, għandhom jikkumplementaw lil dan ta' l-aħħar.

3.1.18. *Kontrollur Eżekettiv* Kontrollur li jipprovdi istruzzjonijiet direttament lejn titjiriet taħt il-kontroll tiegħu/tagħha. Kontrolluri bħal dawn jinkludu dawk li jipprovdu servizz ta' żona ta' kontroll bir-radar.

3.1.19. *Livell ta' Ħruġ* Livell li fih titjira tkun ġiet ikkoordinata biex taqsam punt ta' trasferiment ta' kontroll. Livell ta' ħruġ jista' jinkludi kondizzjonijiet supplementari ta' qsim li jiddefinixxu faxxa ta' livell li fih tkun qiegħda titjira fit-tlugħ/inżul.

3.1.20. *Pjan ta' titjira* Informazzjoni speċifikata pprovduta lejn unitajiet ta' servizz ta' traffiku bl-ajru, b'relatività għal titjira intenzjonata jew parti minn titjira ta' ajruplan. B'żieda, informazzjoni li tkun akwistata minn pjan ta' titjira għal titjira speċifika li tinżamm fi FDPS.

3.1.21. *Ġenerat* Proċess f'sistema ATC meta *d-data*; relevanti jkunu estratti minn bażi ta' dettal(ji) u messaġġ ikun maħluq għal trasmissjoni lejn unità ATC li tirċievi.

3.1.22. *Format ICAO* Il-format utilizzat għal trasmissjoni mill-art lejn l-art ta' messaġġi ATS u li tuża tipi u separaturi ta' oqsma deskritti fir-Referenza 1.

3.1.23. *Livell* Terminu ġeneriku li jirrigwarda l-pożizzjoni vertikali ta' ajruplan waqt titjira; f'dan l-istandard it-terminu livell jew livell ta' titjira jinkludi altitudni f'dak il-każi meta dan ikunu użat.

3.1.24. *Notifikazzjoni* Il-proċess li bih l-unità li titrasferixxi titrażmetti dettalji biex taġġorna s-sistema fl-unità li tirċievi bi thejjija għal faġi ta' koordinament.

3.1.25. *Unità li Tirċievi* Unità ATC fejn ikun intbagħat il-messaġġ.

3.1.26. *Affidabilità* Il-persentaġġ tad-disponibilità skedata li matulha s-servizz għandu jkun operabbli.

3.1.27. *Livell mitlub ta' titjira* Livell mitlub ta' titjira mit-titjira fil-pjan ta' titjira.

3.1.28. *Reviżjoni* Emenda għad-dettal li kien intbagħat qabel minn unità ATC li titrasferixxi lejn unità ATC li tirċievi.

3.1.29. *Livell Supplementari ta' Qsim* Livell, fil-, jew 'il fuq minn, jew fil-, jew 'l isfel minn, li titjira tkun ġiet ikkoordinata biex taqsam il-punt ta' kontroll ta' trasferiment. Il-livell supplementari, jekk preżenti, huwa element ta' livell ta' ħruġ.

3.1.30. *Sistema ta' Pjan ta' titjira* Informazzjoni li tkun akkwistat minn pjan ta' titjira għal titjira speċifika li tinżamm fi FDPS.

3.1.31. *Ħin tat-Transazzjoni* Intervall ta' ħin wara li jkun inbeda messaġġ li matulu trasmissjoni, proċessar inizjali fis-sistema li tirċievi, ġenerazzjoni u trasmissjoni ta' messaġġ ta' rikonoxximent, u l-identifikazzjoni tiegħu fis-sistema tat-trasferiment, fejn ikunu mwettqa.

3.1.32. *Trasferiment ta' Punt ta' Kontroll* Punt definit, lokalizzat matul passaġġ ta' titjira ta' ajruplan, li fih ir-responsabilità biex ikun ipprovdut ATS lejn ajruplan ikun trasferit minn unità ATC waħda jew pożizzjoni ta' kontroll lejn dik li tkun tmiss. Mhux neċessarjament konċidenti ma' punt ta' koordinament.

3.1.33. *Fażi ta' Trasferiment* Fażi ta' titjira li tkun skond il-fażi ta' koordinament, li matulha t-trasferiment ta' komunikazzjoni jkun esegwit.

3.1.34. *Unità li Titrasferixxi* F'sekwenza ta' koordinament, l-unità ATC responsabbli biex tipprovdi servizz lejn titjira qabel il-fruntiera u li tibda l-fażi ta' koordinament ma' l-unità li tkun tmiss.

3.1.35. *Ittrasmetti* Ikkomunika messaġġ minn sistema lejn oħra.

3.1.36. *Unità* Unità ta' servizz tat-traffiku bl-ajru

3.1.37. *Avviż* Messaġġ muri f'qagħda ta' ħidma meta l-proċess ta' koordinament awtomatiku ikun falla.

3.2. **Is-Simboli u L-Abbrevjazzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan l-istandard Eurocontrol, dawn is-simboli u abbrevjazzjonijiet għandhom ikunu applikabbli.

ABI *Advance Boundary Information Message* (Messaġġ bil-Quddiem ta' Informazzjoni dwar Fruntiera)

ACC *Area Control Centre* (Ċentru ta' Kontroll taż-Żona)

ACP *Accept Message* (Aċċetta l-Messaġġ)

ACT *Activate Message* (Agħmel il-Messaġġ attiv)

ADEXP *ATS Data Exchange Presentation* (Preżentazzjoni ta' Skambju ta' Dettalji)

ATC *Air Traffic Control* (Kontroll tat-Traffiku ta' l-Ajru)

ATM *Air Traffic Management* (Amministrazzjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru)

ATS *Air Traffic Service* (Servizz tat-Traffiku ta' l-Ajru)

CDN *Co-ordination Message* (Messaġġ ta' Koordinament)

CNL *Flight Plan Cancellation* (Kanċellazzjoni ta' Pjan ta' Titjira)

COD *SSR Code Assignment Message* (Kodiċi SSR ta' Assenjament ta' Messaġġ)

COF *Change of Frequency Message* (messaġġ ta' tibdil ta' frekwenza)

COP *Co-ordination Point* (Punt ta' Koordinament)

DED *Directorate of EATCHIP Development, Eurocontrol* (Żvilupp tad-Direttorat ta' EATCHIP, Eurocontrol)

EATCHIP	*European ATC Harmonisation and Integration Programme* (Programm ta' Armonizzazzjoni u Integrazzjoni ta' ATC Ewropea)
ECAC	*European Civil Aviation Conference* (Konferenza Ewropea ta' l-Avjazzjoni Ċivili)
ETO	*Estimated Time Over* (Kalkolu ta' Ħin Superat)
ETOT	*Estimated Take-off Time* (Ħin ikkalkulat għat-tluq)
EWPD	*EATCHIP Work Programme Document* (Dokument ta' Programm ta' Ħidma EATCHIP)
FDPS	*Flight Data Processing System* (Sistema ta' Proċessar ta' Dettalji ta' Titjira)
FRF	*Further Route of Flight* (Rotta ulterjuri ta' Titjira)
HMI	*Human-Machine Interface* (Interface bejn Umani u Magni)
HOP	*Handover Proposal Message* (Proposta għal Messaġġ li jgħaddi r-responsabilita)
ICAO	*International Civil Aviation Organisation* (Organizzazzjoni Internazzjonali ta' Avjazzjoni Ċivili)
INF	*Information Message* (Messaġġta' Informazzjoni)
LAM	*Logical Acknowledgement Message* (Messaġġ loġiku ta' rikonoxximent)
LoA	*Letter of Agreement* (Ittra ta' Ftehim)
MAC	*Message for Abrogation of Co-ordination* (Messaġġ ta' abrogazzjoni ta' koordinazzjoni)
MAS	*Manual Assumption of Communications* (Teħid Manwali ta' Komunikazzjonijiet)
NM	*Nautical Mile* (Mil Nawtiku)
OLDI	*On-Line Data Interchange* (Inter-Skambju ta' Dettalji On-Line)
ORCAM	*Originating Region Code Assignment Method* (Metodu ta' Origini għal Assenjament tal-Kodiċi Reġjonali)
PAC	*Preliminary Activate Message* (Messaġġ ta' Attivar Prelimenari)
RAP	*Referred Activate Proposal Message* (Messaġġ ta' proposta attiva ta' referenza)
REV	*Revision Message* (Reviżjoni ta' Messaġġ)
RJC	*Reject Co-ordination Message* (Messaġġ ta' caħda ta' koordinazzjoni)
ROF	*Request On Frequency Message* (messaġġ dwar talba ta' Frekwenza)
RRV	*Referred Revision Message* (Messaġġ għal Referenza ta' Reviżjoni)
SBY	*Stand-by Message* (messaġġ ta' stennija)
SDM	*Supplementary Data Message* (messaġġ ta' dettalji supplementaji)
SSR	*Secondary Surveillance Radar* (Sorveljanza Sekondarja bir-Radar)
SYSCO	*System Supported Co-ordination* (Sistema ta' Sostenn Ikkoordinat)
TI	*Transfer Initiation* (Bidu ta' Trasferiment)
TIM	*Transfer Initiation Message* (Messaġġ ta' bidu ta' trasferiment)
TWR/APP	*Tower (aerodrome control) and Approach Control* (Torri (kontroll ta' ajruport) u Kontroll tar-Resqien)

4. Il-ĦTIĠIET ĠENERALI

4.1. L-Introduzzjoni

Din is-sezzjoni tiddeskrivi l-ħtiġiet operazzjonali ġenerali meħtieġa għall-implementazzjoni ta' faċilità OLDI bejn unitajiet ATC u l-klassifikazzjoni u t-twettiq ta' ħtiġiet tat-tipi differenti ta' messaġġi użati.

4.2. **Il-Ħtiġiet ta' Sistema ta' Proċessar ta' Dettalji ta' Titjira.**

4.2.1. *Il-Bażi ta' Dettalji ta' Titjira*

Unitajiet li jutilizzaw faċilità deskritti f'dan id-dokument għandhom ikunu pprovduri bid-dettalji minn FDPS li jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa għal esebizzjoni, proċessar u kompilar tal-messaġġi kif speċifikati. Is-sorsi primarji ta' dettall għal kull titjira huwa l-pjan ta' titjira kif ippreżentat minn, jew fl-isem ta' il-pilota li jkollu l-kmand. Unitajiet oħra ta' dettalji akkwistati mill-ipproċessar ta' pjanijiet ta' titjira b'referenza lejn l-ambjent ta' l-unità kkonċernata.

4.2.2. *L-Operat f'Ħin Attwali*

Il-proċedura OLDI tinkludi ġrajjiet fit-trasferiment ta' unità ATC biex jinbdew il-funzjonijiet meħtieġa għal preżentazzjoni fil-waqt ta' dettalji lejn il-kontrollur li jitrasferixxi u t-trasmissjoni ta' dettali ikkoordinati ta' dettalji lejn l-unità li taċċetta. Għal dan l-iskop l-FDPS għandha tkun tista' li tibda l-funzjonijiet bi tqabbil tal-*Co-ordinated Universal Time* (Ħin Universali Ikkoordinat) u parametri ta' ħin applikabbli malħinijiet f'pożizzjonijiet speċifikati fuq ir-rotta tat-titjira kif iddeterminata mid-*database* tat-titjira.

4.2.3. *Il-Kapaċità ta' Dettalji ta' Komunikazzjonijiet*

4.2.3.1. L-FDPS għandha tkun tista' tirċievi u titrasmetti dettalji ta' titjira fil-format applikabbli għall-messaġġ kif speċifikat f'dan id-dokument permezz tal-medja ta' dettalji ta' komunikazzjoni li ssostni l-funzjoni OLDI.

4.2.3.2 **Rakkomandazzjoni** *L-FDPS għandha jkollha l-potenzjal ta' żvilupp biex jippermetti ż-żieda ta' messaġġi ġodda li jistgħu jkunu inklużi fl-edizzjonijiet futuri ta' dan l-istandard.*

4.2.3.3. Fil-ħtiġiet ta' twettiq speċifikati f'dan id-dokument, il-medja ta' dettalji ta' komunikazzjoni għandha tipprovdi applikar-lejn-applikar mgħaġġel u ta' affidabbli ta' skambju ta' dettalji billi:

– jassigura l-integrità ta' trasmissjonijiet ta' messaġġ OLDI;

u

– monitoraġġ jew ta' konnesjoni punt-lejn-punt jew ta' *l-istatus* ta' oqfsa ta' komunikazzjonijiet, skond kif applikabbli.

4.2.3.4. L-FDPS għandu javża l-pożizzjonijiet ta' ħidma meta anomaliji jkunu misjuba minn sistema ta' komunikazzjoni ta' dettalji.

4.2.4. *Funzjonijiet ta' Applikazzjoni*

4.2.4.1. Is-sistema użata għal provvediment ta' faċilitajiet OLDI għandha tkun tista' tirċievi awtomatikament, taħżen, tipproċessa, tiġbed u twassal għal esibizzjoni, u tittrasmetti dettalji relatati ma' OLDI f'ħin attwali.

4.2.4.2. L-FDPS għandha:

– tirrifletti dettalji kurrenti operazzjonali relevanti lejn funzjoni OLDI kif meħtieġ b'dan l-istandard, aġġornati jew awtomatikament, permezz ta' dħul manwali, jew b'għaqda tat-tnejn;

– tkun tista' tiġbed elementi bħal dawk mid-database tal-pjan tat-titjira;

– tidentifika l-unità ATC li tmiss fuq ir-rotta tat-titjira.

4.2.4.3. Dan li ġej għandu jkun miftiehem bilateralment:

– Co-ordination Points (COPs); (Punt ta' Koordinament)

– Punti ta' Riferenza użati għal notazzjonijiet ta' direzjoni u distanza fl-identifikar tal-COP fuq segmenti diretti, 'il barra mir-rotta ATS, meta użata.

NOTA *Il-COP tista' mhux dejjem tkun identika mal-punti ta' kontroll tat-trasferiment.*

4.2.5. *Human-Machine Interface (HMI) (Interface bejn Umani u Magni)*

4.2.5.1. L-HMI għandha tkun tista':

– tesebixxi l-kontenut operazzjonali ta' messaġġi OLDI u twissijiet relevanti dwar messaġġi mwassla għal attenzjoni immedjata;

– koordinazzjoni ta' rotta u twissijiet ta' trasferiment ta' messaġġ lejn pożizzjonijiet operabbli li huma responsabbli għal koordinament tat-titjiriet ikkonċernati.

4.2.5.2. L-impjegati ta' l-ATC għandhom ikunu ipprovduti b'mezzi biex jimmodifikaw id-dettalji li l-kontenut operazzjonali tal-messaġġi jkunu akkwistati kif meħtieġ b'dan id-dokument.

4.2.5.3. L-HMI għandha tindika li t-trasmissjoni tal-messaġġi tkun qiegħda sseħħ jew li jkunu ġew trasmessi b'suċċess, kif xieraq.

4.2.5.4. Twissija jew notifika ta' l-ATC xierqa jew pożizzjonijiet tekniċi għandhom ikunu ġġenerati awtomatikament jekk l-ebda rikonoxximent ma jkun wasal fil-parametri ta' ħin wara t-trasmissjoni ta' koordinament jew trasferiment ta' messaġġ.

4.2.5.5. Twissija jew notifika għandha tkun fil-għamla li immedjatament tattira l-attenzjoni tal-pożizzjoni xierqa ta' ħidma.

4.2.5.6. **Rakkomandazzjoni** *L-HMI u l-pożizzjoni ATC li jużaw OLDI għandhom jipprovdu twissija jekk il-faċilità OLDI ma tkunx disponibbli.*

4.2.6. *Bidu ta' Messaġġi*

4.2.6.1. Kull sistema għandha jkun fiha sistema ta' parametri sa biex ikunu assigurati fil-waqt, bidu awtomatiku ta' messaġġi OLDI.

4.2.6.2. **Rakkomandazzjoni** *Il-kapabilità li manwalment tkun mibdija t-trasmissjoni ta' messaġġ ta' koordinazzjoni qabel il-ħin tat-trasmissjoni ikkalkolat, għandu jkun ipprovdut.*

4.2.6.3. Il-ġrajja awtomatika għandha dejjem tkun assigurata, jekk bidu manwali ma jkunx esegwit.

4.2.6.4. Is-sistema għandha tutilizza parametri ta' ħin biex ikun definit dan li ġej:

– ħin ta' tħejjija, qabel it-trasmissjoni, waqt li l-kontenut operazzjoni tal-messaġġ fl-unità li titrasferixxi jkun esibit;

– ħin ta' tħejjija, globali jew COP, biex ikun trasmess il-messaġġ, meta applikabbli;

– ħin wara t-trasmissjoni ta' messaġġ li matulu rikonoxximent ta' livell ta' applikazzjoni għandu jkun wasal (*time-out*).

4.2.6.5. Messaġġ għandu jkun trasmess mingħajr dewmien meta l-informazzjoni meħtieġa tkun disponibbli f'ħin aktar tard minn dak li fih kieku kien ikun trasmess.

Eżempju Titjira tibda l-parti GAT IFR f'punt qrib il-fruntiera li imbagħad din taqsam; l-ETO fil-punt huwa mgħarraf tmien minuti qabel il-COP f'liema waqt trasmissjoni ta' messaġġ ACT ikun diġà tard, kif ibbażat fuq il-parametri tal-ħin; il-messaġġ jintbagħat mingħajr dewmien.

4.2.7. *Il-Wasla ta' Messaġġi*

4.2.7.1. Is-sistema ATC għandha tkun tista':

– tirċievi messaġġi OLDI;

– tipproċessahom awtomatikament bi qbil ma' dan l-istandard;

– toħroġ id-dettalji dwar it-titjira bi qbil mal-messaġġ li jkun wasal, u tesebixxi t-twissijiet meħtieġa fil-każ ta' inkonsistenza fid-dettalji li jkunu waslu;

– tiġġenera u titrasmetti awtomatikament messaġġi ta' rikonoxximent fil-livell ta' l-applikazzjoni.

4.2.7.2. Messaġġ ta' rikonoxximent (*Logical Acknowledgement* (LAM), *Accept* (ACP) or *Stand-by* (SBY) *Message*) għandu jkun iġġenerat u trasmess meta l-messaġġ korrispondenti ikun ġie ipproċessat u l-preżentazzjoni tar-riżultati ta' l-ipproċessar lejn il-pożizzjonijiet xierqa, kif meħtieġ, ikun assigurat.

NOTA *Kondizzjonijiet dettaljati biex jiġi ġġenerat rikonoxximent huma speċifikati individwalment għal kull messaġġ.*

4.3. **L-Aġġornament minn Dettalji ta' Sorveljanza**

Rakkomandazzjoni *Sa biex tkun assigurata l-eżattezza tad-dettal dwar il-kalkolu tal-ħin, informazzjoni akwistata mis-sejba ta' titjiriet permezz tar-radar jew mezzi oħra ta' sorveljanza, għandhom ikunu użati biex jaġġornaw id-database tal-pjan tat-titjira.*

4.4. **Ir-Rekordjar ta' *Data* OLDI**

4.4.1. *Kontenut*

Il-kontenuti tal-messaġġi kollha OLDI u l-ħin tal-wasla għandhom ikunu rrekordjati.

4.4.2. *Faċilitajiet*

Faċilitajiet għandhom ikunu disponibbli biex jinġabru u jkunu murija mad-dettalji rrekordjati.

4.5. **Id-Disponibbilità, l-Affidabilità, is-Sigurtà tad-Dettalji u l-Integrità tad-Dettalji**

4.5.1. *Id-Disponibilità*

4.5.1.1. Il-faċilità OLDI għandha tkun disponibbli matul is-sigħat ta' ċaqliq normali u qawwija ta' traffiku bejn iż-żewġ unitajiet ikkonċernati.

4.5.1.2. **Rakkomandazzjoni** *Il-faċilità OLDI għandha tkun disponibbli 24 siegħa kull jum.*

4.5.1.3. Xi perijodi skedati bħala ħin-ta'-waqfien (u b'ħekk disponibilità ta' ħin ippjanat) għandhom ikunu miftiehma bilateralment bejn iż-żewġ unitajiet ikkonċernati.

4.5.2. *L-Affidabilità*

4.5.2.1. Affidabilità f'kull konnessjoni OLDI għandha tkun ta' mill-anqas 99,86 % (ekwivalenti għal ħin-ta'-waqfien ta' mhux aktar minn 12 il-siegħa kull sena ibbażati fuq disponibilità ta' 24-siegħa).

4.5.2.2. **Rakkomandazzjoni** *Meta operazjonalment iġġustifikata, affidabilità ta' mill-anqas 99,99 % (ekwivalenti għal ħin-ta'-waqfien ta' mhux aktar minn 52 minuti kull sena, ibbażati fuq disponibilità ta' 24 siegħa) għandha tkun ipprovduta.*

4.5.3. *Is-Sigurtà ta' Dettalji*

Rakkomandazzjoni *Metodi ta' sigurtà ta' dettalji (e.g. dritt ta' aċċess, verifika ta' sorsi) u, fejn applikabbli, amministrazzjoni tan-network, għandhom ikunu applikabbli għal faċilitajiet OLDI.*

4.5.4. *L-Integrità ta' Dettalji*

Ir-rata ta' falliment f'livell ta' applikar m'għandhiex teċċedi żball ta' trasmissjoni kull 2 000 messaġġ.

4.6. **Evalutazzjoni Operazjonali**

4.6.1. *Perijodu ta' Evalutazzjoni*

Kull faċilità OLDI ġdida, inkluża faċilità ġdida dwar konnessjoni eżistenti, għandha tkun suġġetta għal perijodu ta' evalutazzjoni biex tkun ivverifikata l-integrità tad-dettalji, l-eżatezza tagħhom, it-twettiq, il-kompatibilità ma proċeduri ATC u s-sigurtà ġenerali qabel l-implementazzjoni operazjonali tagħhom.

NOTA *Proċedura biex tgħin fl-evalutazzjoni ta' faċilità ġdida OLDI hija disponibbli mis-Segretarjat OLDI, Eurocontrol.*

4.6.2. *Data ta' Introduzjoni Operazjonali*

Id-data ta' l-introduzjoni operazjonali, li timplika t-twettiq tal-perijodu ta' evalutazzjoni, għandha tkun formalment miftiehma bejn iż-żewġ unitajiet.

5. **KATEGORIJI TA' MESSAĠĠI**

5.1. **Ġenerali**

5.1.1. *Skop*

Din is-Sezzjoni tad-dokument:

– tiddiffenixxi l-kategoriji ta' messaġġi;

– tiddikjara l-ħtiġiet tal-ħin tat-transazzjoni għal kategoriji;

– tistqarr liema messaġġi huma mandatorji u liema huma kumplimentarji;

– tassenja t-tipi ta' messaġġi lejn kategoriji.

5.1.2. *Kategoriji ta' Messaġġi*

Messaġġi OLDI ġew assenjati lil dawn il-kategoriji:

– Kategorija 1: Trasferiment ta' Komunikazzjoni;

– Kategorija 2: Koordinazzjoni;

– Kategorija 3: Notifikazzjoni.

5.2. **Ħinijiet ta' Transazzjoni**

5.2.1. *Kondizzjonijiet tal-Ħinijiet tat-Transazzjoni*

5.2.1.1. Il-ħinijiet speċifikati ta' transazzjoni jinkludu trasmissjoni, proċessar inizjati mill-unità li tirċievi, ħolqien ta' messaġġ ta' rikonoxximent, it-trasmissjoni tiegħu u l-wasla għand l-unità li titrasferixxi. Il-messaġġi awtomatiċi ta' rikonoxximent LAM u SBY kienu għalhekk, ma ġewx assenjati lejn kategorija ta' messaġġ.

5.2.1.2. Il-ħinijiet massimi ta' transazzjoni għal kategoriji differenti ta' messaġġi għandhom ikunu kif speċifikati fit-Tabella 5-1.

Tabella 5-1

Ħinijiet Massimi ta' Transazzjoni

Kategorija ta' Messaġġ	90 %	99,8 %
1	4 sek	10 sek
2	10 sek	25 sek
3	15 sek	45 sek

5.2.1.3. Valur ta' *time-out* għandu jkun definit għal kategorija jew tip ta' messaġġ.

5.2.1.4. Jekk l-ebda rikonoxximent ma jkun wasal matul il-ħin speċifikat wara t-trasmissjoni, messaġġ għandu jkun meqjus li kien ġie trasmess jew ipproċessat mingħajr suċċess u ħruġ ta' twissija kif speċifikat fis-sezzjoni pertinenti ta' dan id-dokument.

5.2.1.5. **Rakkomandazzjoni** *Rakkomandazzjoni Il-valuri ta' time-out għal dawn it-tliet kategoriji m'għandux jeċċedi 12- il sekonda, 30 sekonda u 60 sekonda rispettivament.*

5.3. **Klassifikazzjoni u Kategorizzazzjoni ta' Messaġġi**

5.3.1. *Klassifikazzjoni ta' Messaġġi — Mandatorji u Komplimentarji*

5.3.1.1. Messaġġi deskritti f'dan id-dokument huma ikklassifikati jew bħala mandatorji inkella komplimentari.

5.3.1.2. Meta messaġġ huwa deskritt bħala mandatorju (M) għal trasmissjoni (TX), proċessar għandu jkun inkluż sabiex ikunu jistgħu jintbagħtu messaġġi bħal dawn.

5.3.1.3. Meta messaġġ huwa deskritt bħala mandatorju għal biex ikun jista' jasal (REC), proċessar għandu jkun inkluż sabiex ikun jista' jipproċessa l-messaġġi li jkunu waslu.

NOTA *F'każi eċċezzjonali, meta ċ-ċaqliq ta' traffiku bejn żewġunitajiet ikunu f'direzzjoni waħda, il-messaġġi mandatorji għandhom ikunu applikabbli lejn direzzjoni waħda biss.*

5.3.1.4. Meta messaġġ huwa deskritt bħala komplimentari (C) għal trasmissjoni, l-ipproċessar għandu jkun inkluż sa biex ikun jista jibgħat messaġġi bħal dawn jekk meħtieġmill-unità li tibgħat u miftiehma bilateralment ma' l-unità li tirċievi.

NOTA *Messaġġi kumpimentarji jistgħu jintużaw f'direzzjoni waħda biss kif determinat mill-ħtiġiet operazzjonali.*

5.3.1.5. Meta messaġġ huwa deskritt bħala kumplimentari għal biex ikun jista' jasal, l-ipproċessar għandu jkun inkluż sabiex ikun jista' jipproċessa l-messaġġi li jkunu waslu meta l-użu bħal dan ikun ġie miftiehem bilateralment.

5.3.1.6. Il-ħtiġiet deskritti fit-Tabelli 5-3 u 5-4 huma applikabbli biss meta l-użu tal-proċedura ta' Djalogu għal Koordinazzjoni u/jew Trasferiment ta' Komunikazzjoni rispettivament tkun ġiet miftiehma bilateralment bejn unitajiet ATC.

5.3.2. *Kategorizzazzjoni ta' Messaġġi*

5.3.2.1. Il-kategorizzazzjoni ta' messaġġi għal proċedura bażika hija speċifikata fit-Tabella 5-2.

5.3.2.2. Il-kategorizzazzjoni ta' koordinazzjoni ta' messaġġi addizzjonali għal proċedura ta' djalogu hija speċifikata fit-Tabella 5-3.

5.3.2.3. Il-kategorizzazzjoni ta' trasferiment ta' messaġġi ta' komunikazzjoni għal proċedura ta' djalogu hija speċifikata fit-Tabella 5-4.

Tabella 5-2

Proċedura Bażika ta' Messaġġi

Tip ta' messaġġ	Abbrevjazzjonijiet	Kategorija	Trasmissjoni	Wasla
Fruntiera Avvanzata Informazzjoni	ABI	3	M	M
Attivar	ACT	2	M	M
Reviżjoni	REV	2	C ([1])	C ([1])
Attivar Prelimenari	PAC	2	C	C
Abrogazzjoni ta' Koordinazzjoni	MAC	2	C	C
Assenjar ta' Kodiċi SSR	COD	2	C	C
Informazzjoni	INF	3	C	C
Rikonoxximent loġiku Messaġġ	LAM		M	M

NOTA
([1]) Mandatorju ghal TX u REC meta użata fi proċedura ta' djalogu.

Tabella 5-3

Proċedura ta' Djalogu, Fażi ta' koordinament — Messaġġi
(Bħala żieda ghat-Tabella 5-2)

Tip ta' messaġġ	Abbrevjazzjonijiet	Kategorija	Trasmissjoni	Wasla
Attivar ta' Proposta Riferuta	RAP	2	C	M
Reviżjoni Riferuta	RRV	2	C	M
Koordinazzjoni	CDN	2	M	M
Stand-by ([1])	SBY		M	M
Aċċetta	ACP	2	M	M
Ċaħda ta' Koordinament ([2])	RJC	2	C	C

NOTI
([1]) Ara l-paragrafu 5.2.1.1 Kondizzjonijiet ta' Ħin ta' Transazzjoni.
([2]) Mhux użat fil-konfigirazzjonijiet kollha ta' l-ispazju ta' l-ajru.

Tabella 5-4

Proċedura ta' Djalogu Fażi ta' Trasferiment ta' Messaġġi

Tip ta' messaġġ	Abbrevjazzjonijiet	Kategorija	Trasmissjoni	Wasla
Inizjar ta' Trasferiment	TIM	1	M	M
Dettalji Supplementai	SDM	1	([1])	([1])
Proposta ta' Konsenja	HOP	1	M	M
Skambju ta' Frekwenza ([2])	COF	1	C	M
Talba fuq Frekwenza	ROF	1	C	M
Assum Manwali ([2])	MAS1	1	C	M

NOTI
([1]) M meta mibgħuta lejn unità li titrasferixxi; C meta mibgħuta minn unità li taċċetta.
([2]) Proċeduri bilateralment miftiehma għandhom ikunu speċifikati li meta t-trasferiment isehh fir-rigward ta' direzzjoni moghdija ta' ċaqliq ta' traffiku, bħala minimu, jew lill-unità tat-trasferiment ghandha tibghat messaġġ COP jew lill-unità li taċċetta ghandha tibghat messaġġ MAS.

6. PROĊEDURA BAŻIKA — MESSAĠĠI MANDATORJI

6.1. Ġenerali

6.1.1. *Deskrizzjoni ta' Ħtieġa*

Din is-sezzjoni tiddeskrivi il-ħtieġa minima fil-livell ta' applikazzjoni għall-implementazzjoni ta' faċilitajiet OLDI.

6.1.2. *Implementazzjoni*

Unitajiet li jużaw OLDI għal koordinament ta' titjiriet għandhom jimplementaw l-ABI, ACT u LAM kif deskritt f'din is-sezzjoni, ħlief meta jkun ġie bilateralment miftiehem biex jintuża l-koordinament ta' proċedura ta' djalogu kif deskritta fis-sezzjoni 8 ta' dan id-dokument, f'liema każ il-kundizzjonijiet għall-użu ta' messaġġi ACT u LAM huma definiti f'dik is-sezzjoni.

6.2. Advance Boundary Information Message (ABI) (Messaġġ bil-Quddiem ta' Informazzjoni dwar Fruntiera)

6.2.1. *Skop tal-Messaġġ ABI*

L-ABI jissodisfa dawn il-ħtiġiet operazzjonali:

– jipprovdi għall-akwist ta' dettalji nieqsa mill-pjan tat-titjira;

– jipprovdi informazzjoni bil-quddiem tal-fruntiera u reviżjoniet dwarhom lejn l-unità ATC li tkun tmiss;

– jaġġorna d-dettalji ta' pjan bażiku ta' titjira;

– jiffaċilità korrelazzjoni kmieni ta' passaggi tar-radar;

– jiffaċilità settur eżatt ta' terminu fil-qosor tal-kalkolu ta' tagħbija.

L-ABI huwa messaġġ ta' notifika.

6.2.2. *Kontenuti tal-Messaġġ*

Il-messaġġ ABI għandu jkun fih dawn l-elementi ta' dettalji li ġejjin:

– It-Tip ta' messaġġ;

– In-Numru tal-Messaġġ;

– L-Identifikazzjoni ta' l-ajruplan;

– Il-Modalità u Kodiċi SSR (jekk disponibbli);

– L-Ajruport tat-Tluq;

– L-Estimi ta' Dettalji;

– L-Ajruport ta' Destinazzjoni;

– In-Numru u t-Tip ta' l-ajruplan;

– It-Rotta (voluntarja);

– Id-Dettalji l-Oħra tal-Pjan tat-Titjira (voluntarja).

NOTA *Ir-regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

6.2.3. *Ir-Regoli ta' l-Applikazzjoni*

6.2.3.1. Ġenerali

6.2.3.1.1. Ħlief kif hemm ipprovdut fi 6.2.3.1.3. u 6.2.3.1.4 hawn taħt, wieħed jew aktar messaġġi ABI għandhom jintbagħtu għal kull titjira li tkun ippjanata li taqsam il-fruntiera ta' oqsma ta' responsabilità suġġetti għal proċeduri OLDI.

6.2.3.1.2. Meta jintbagħtu, l-messaġġi ABI għandhom jippreċedu l-messaġġ *Activate* (ACT) jew il-messaġġ *Referred Activate Proposal* (RAP).

6.2.3.1.3. Il-Messaġġ *ABI* m'għandux ikun iġġenerat jekk messaġġ *Activate* Prelimenari (PAC) jkollu jkun mibgħut.

6.2.3.1.4. **Rakkomandazzjoni** *It-Trasmissjoni ABI għandha tkun ristretta jekk il-messaġġ ACT jew RAF ikun jistenna għal trasmissjoni immedjata jew f'intervall ta' ħin li jkun bilateralment miftiehem.*

NOTA *L-iskop ta' din ir-rakkomandazzjoni huwa biex ikun evitat it-tentattiv ta' riżoluzzjoni simultanja ta' anomalija f'pożizzjonijiet differenti fl-unità li tirċievi fir-rigward ta' messaġġi ABI u ACT għall-istess titjira.*

6.2.3.1.5. Messaġġ ABI rivedut għandu jintbagħat jekk messaġġ ACT sussegwenti ma jkunx ġie iġġenerat u:

– ir-rotta ta' titjira tkun ġiet immodifikata hekk li l-COP ta' messaġġ ABI preċedenti ma jkunx aktar eżatt;

– l-ajruport ta' destinazzjoni jkun ġie mibdul;

jew

– it-tip ta' ajruplan ikun ġie mibdul.

6.2.3.1.6. **Rakkomandazzjoni** *Il-Messaġġi ABI riveduti għandhom jintbagħtu jekk messaġġi ACT sussegwenti ma jkunux ġew iġġenerati u wieħed minn dawn id-dettalji li ġejjin ikunu suġġetti għal bidla:*

– Il-livell mistenni ta' qsim ta' fruntiera;

– Il-kodiċi mistennija fil-punt ta' trasferiment ta' kontroll;

– Meta l-ħin ikkalkolat fuq (ETO) fil-COP jiddiferixxi mill-messaġġ ABI preċedenti aktar milli mil-ħin speċifikat fl-Ittra ta' Ftehim (LoA);

– Xi dettalji oħra miftiehma bilateralment.

6.2.3.2. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

6.2.3.2.1. Is-sistema ATC li tirċievi messaġġ ABI għandha tipprova assoċjazzjoni mad-dettal korrispondenti ta' pjan ta' titjira.

6.2.3.2.2. Jekk l-assoċjazzjoni ta' pjan ta' titjira ma jkunx b'suċċess, pjan ta' titjira għandu jkun maħluq awtomatikament jew manwalment fis-sistema li tirċievi.

6.2.3.2.3. Jekk l-assoċjazzjoni ta' pjan ta' titjira jkun sar b'suċċess imma diskrepanza tkun identifikata bejn id-dettalji fil-messaġġ u d-dettalji korrispondenti fis-sistema li tirċievi li jkunu jirriżultaw fil-ħtieġa ta' azzjoni korrettiva mal-wasla ta' dan il-messaġġ ACT, id-diskrepanza għandha tkun irriferuta lejn pożizzjoni xierqa għal reżoluzzjoni.

6.2.3.3. Parametri ta' Ħin għat-Trasmissjoni

6.2.3.3.1. Il-messaġġġħandu jkum trasmess numru parametri ta' minuti qabel il-ħin ikkalkolat fil-COP.

6.2.3.3.2. Il-parametri ta' ġenerazzjoni ABI għandhom ikunu inklużi fil-LoA bejn l-unitajiet ATC ikkonċernati.

6.2.3.3.3. **Rakkomandazzjoni** *Il-Prametri ta' ġenerazzjoni ABI għandhom ikunu:*

– varjabbli, ibbażati fuq id-dispożizzjonijiet tal-LoA;

– definiti separatament għall kull COP.

6.2.4. *Rikonoxximent ta' ABI*

6.2.4.1. Rikonoxximent

Il-messaġġ ABI għandu jkun rikonoxxut bil-ġenerazzjoni u t-trasmissjoni ta' messaġġ LAM.

NOTA *Messaġġ LAM huwa ġġenerat independentament mir-riżultati ta' tentattiv ta' assoċjazzjoni ta' pjan ta' titjira.*

6.2.4.2. L-ebda rikonoxximent

Rakkomandazzjoni *Jekk l-ebda messaġġ LAM ma jkun wasal bħala rikonoxximent għal messaġġ ABI, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni ta' superviżjoni.*

6.2.5. *Eżempji*

"Air 2000" 253, Boeing 757 minn Malta lejn Birmingham kalkolu ta' BNE VOR fi 1221 UTC, ittir fi FL350 bħala voloċità vera ta' l-ajru ta' 480 knots, rotta ippjanata via UB4 BNE UB4 BPK UB3 HON, transpondata fuq A7012 u titlob FL390. Dawn li ġejjin huma eżempju ekwivalenti għal messaġġ ABI mibgħut minn Reims lejn l-ATC ta' Londra.

6.2.5.1. ICAO

(ABIE/L001-AMM253/A7012-LMML-BNE/1221F350-EGBB-9/B757/M-15/N0480F390 UB4 BNE UB4 BPK UB3 HON)

6.2.5.2. ADEXP

-TITLE ABI -REFDATA -SENDER -FAC E -RKEVR -FAC L -SEQNUM 001 -ARCID AMM253 -SSRCODE A7012 -ADEP LMML -COORDATA -PTID BNE -TO 1221 -TFL F350 -ADES EGBB -ARCTYP B757 -ROUTE N0480F390 UB4 BNE UB4 BPK UB3 HON

6.3. **Activate Message (ACT) (Messaġġ attivat)**

6.3.1. *Skop tal-Messaġġ ACT*

Il-messaġġ ACT jissodisfa dawn il-ħtiġiet operazzjonali:

– Tibdil tal-kalkolu verbali ta' fruntiera bit-trasmissjoni ta' dettalji awtomatiċi ta' titjira minn unità ATC lejn dik immedjatament ta' qabel it-trasferiment ta' kontroll;

– L-aġġornament tad-dettalji ta' pjan bażiku ta' titjira fl-unità ATC li tirċievi ma' l-informazzjoni l-aktar riċenti.

– Tiffaċilita distribuzzjoni u l-esebizzjoni ta' dettalji ta' pjan ta' titjira fl-unità ATC li tirċievi lejn il-pożizzjoni ta' ħidma involuta;

– Tħaffef l-esebizzjoni tal-korrelazzjoni tal-callsign/code fl-unità ATC li tirċievi;

– Tipprovdi kondizzjonijiet ta' trasferiment lejn l-unità ATC li tirċievi.

6.3.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-messaġġ ACT għandu jkun fih dawn l-elementi ta' dettalji li ġejjin:

– It-Tip ta' messaġġ;

– In-Numru tal-Messaġġ;

– L-Identifikazzjoni ta' l-ajruplan;

– L-SSR Modalità u Kodiċi

– L-Ajruport tat-Tluq;

– L-Estimi ta' Dettalji;

– L-Ajruport ta' Destinazzjoni;

– In-Numru u Tip ta' l-ajruplan;

– Ir-Rotta (voluntarja);

– Id-Dettalji oħra tal-Pjan tat-Titjira (voluntarja).

NOTA *Regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

6.3.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

6.3.3.1. Ġenerali

6.3.3.1.1. Messaġġ wieħed ACT għandu jintbagħat għal titjiriet eliġibbli li jaqsmu l-fruntiera ħlief kif ipprovdut għal dan fil-paragrafu 6.3.3.1.10.

6.3.3.1.2. Il-messaġġ ACT għandu jkun iġġenerat u trasmess awtomatikament fil-ħin ikkalkolat kif speċifikat fil-LoA, sa kemm ma jkunx mibdi manwalment f'ħin aktar kmieni.

6.3.3.1.3. **Rakkomandazzjoni** *Impjegati ta' l-ATC għandhom ikunu ipprovduti b'mezzi li jibdew it-trasmissjoni ta' messaġġ ACT qabel il-ħin ikkalkolat tat-trasmissjoni.*

6.3.3.1.4. Il-kontenuti operazjonali ta' messaġġ ACT li jkun lest għat-trasmissjoni għandu jkun muri fil-pożizzjoni ta' ħidma responsabbli għal koordinazzjoni ta' titjira qabel it-trasmissjoni attwali.

6.3.3.1.5. **Rakkomandazzjoni** *B'relazzjoni ma' 6.3.3.1.4, il-ħin li fih huwa kkalkolat li l-ACT għandu jkun trasmess awtomatikament għandu jkun muri flimkien mal-kontenut tiegħu.*

6.3.3.1.6. Il-messaġġ ACT għandu jkun fih l-informazzjoni l-aktar riċenti dwar it-titjira, li tirrifletti il-kundizzjonijiet mistennija ta' ħruġ.

6.3.3.1.7. Il-pożizzjoni relevanti ta' ħidma għandha tkun innotifikata bit-trasmissjoni tal-messaġġ ACT.

6.3.3.1.8. Malli LAM ikun wasal, id-dettal ta' messaġġ ACT isir operazjonalment jorbot fuq iż-żewġ unitajiet ATC. Il-kundizzjonijiet ta' trasferiment ikkoordinat u l-fatt li l-LAM tkun waslet għandu jkun ippreżentat lill-impjegati ATC fl-unità li titrasferixxi.

6.3.3.1.9. Aċċettazzjoni mill-unità li tirċievi tal-kundizzjonijiet ta' trasferiment kif implikati fil-messaġġ ACT għandhom ikunu assumiti, sa kemm l-unità li tirċievi ma tkunx bdiet koordinazzjoni biex temendhom.

6.3.3.1.10. Messaġġ ACT ieħor jista' jintbagħat biss lejn l-istess sieħeb ta' koordinazzjoni jekk dak preċedenti jkun ġie abrogat bl-użu ta' MAC.

6.3.3.1.11. Dettalji ta' Rotta u dettalji oħra ta' pjan ta' titjira għandhom ikunu inklużi jekk miftiehma bilateralment.

6.3.3.2. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

6.3.3.2.1. Is-sistema ATC li tirċievi messaġġ ACT għandha tipprova assoċjazzjoni mad-dettal korrispondenti ta' pjan ta' titjira.

6.3.3.2.2. Jekk il-pjan korrispondenti ta' titjira jinstab u l-ebda diskrepanza ma tkun teżisti fil-messaġġ, dan għandu jimpedixxi l-proċessar korrett:

- il-kontenut operazzjonali għandu jkun inkluż fil-pjan tat-titjira;
- id-dettalji meħtieġa għandhom ikunu maħruġa fl-ATC operazzjonali u l-pożizzjonijiet l-oħra kif xieraq;
- LAM għandu jintbagħat lura.

6.3.3.2.3. Jekk pjan korrispondenti ta' titjira ma jkunx jista' jinstab, jew diskrepanza tinstab li tfixkel il-proċessar korrett tal-messaġġ:

- jekk is-settur responsabbli biex jaċċetta kontroll tat-titjira jista' jkun identifikat:
  - il-kontenut operazzjoni tal-messaġġ għandu jkun muri fis-settur;
  - LAM għandu jintbagħat lura;
  - pjan ta' titjira għandu jkun maħluq;
- fil-każi l-oħra kollha LAM m'għandux jintbagħat lura.

6.3.3.3. Parametri għat-Trasmissjoni

6.3.3.3.1. Il-messaġġ għandu jkun trasmess malajr kemm jista' jkun possibbli wara l-ħinijiet aktar kmieni kif determinati minn dan li ġej:

- numru parametru ta' minuti qabel il-ħin ikkalkolat tal-COP;
- il-ħin li fih it-titjira tkun f'distanza mill-COP, bilateralment miftiehma.

6.3.3.3.2. Il-parametri ta' ġenerazzjoni ACT għandhom ikunu inklużi fil-LoA bejn l-unitajiet ATC ikkonċernati.

6.3.3.3.3. Il-parametri iġġenerati ta' ACT għandhom ikunu varjabilment ibbażati fuq id-dispożizzjonijiet tal-LoA.

6.3.3.3.4. **Rakkomandazzjoni** *Il-parametri ta' ġenerazzjoni ACT għandhom ikunu definiti separatament għal kull COP.*

6.3.3.3.5. Il-parametri speċifikati għandhom jippermettu ħin suffiċjenti għal:

– l-unità ta' trasmissjoni biex taġġorna t-trasferiment tal-livell ta' titjira biex jirrefletti l-kondizzjonijiet mistennija fil-COP;

u

– l-unità li tirċievi biex tipproċessa l-ACT u tiġġenera u titrasmetti LAM imma li xorta waħda tippermetti għal koordinament verbali li jkun imwettaq mill-unità li titrasferixxi u l-azzjoni riżultanti mibdija mill-unità li taċċetta jekk l-iskambju ta' dettalji jfalli.

6.3.4. *Rikonoxximent ta' ACT*

6.3.4.1. Rikonoxximent

Il-messaġġ ACT għandju jkun ikkonfermat bil-ġenerazzjoni u t-trasmissjoni ta' messaġġ LAM.

6.3.4.2. Każi ta' l-Ebda Rikonoxximent

Jekk l-ebda messaġġ LAM ma jkun wasal bħala rikonoxximent ta' messaġġ ACT, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni ACT li hija responsabbli għal koordinament tat-titjira.

6.3.5. *Eżempji*

Dawn l-eżempji li ġejjin huma estenzjonijiet ta' dawk ipprovduti għal messaġġ ABI fil-paragrafu 6.2; id-dettalji huma l-istess ħlief il-ETO u l-COP, li huma 1266 fil-messaġġ ACT kif muri.

6.3.5.1. ICAO

(ACTE/L005-AMM253/A7012-LMML-BNE/1226F350-EGBB-9/B757/M-15/N0480F390 UB4 BNE UB4 BPK UB3 HON)

6.3.5.2. ADEXP

-TITLE ACT -REFDATA -SENDER -FAC E -RKEVR -FAC L -SEQNUM 005 -ARCID AMM253-SSRCODE A7012 -ADEP LMML -COORDATA -PTID BNE -TO 1226 -TFL F350 -ADES EGBB -ARCTYP B757 -ROUTE N0480F390 UB4 BNE UB4 BPK UB3 HON

6.4. ***Logical Acknowledgement Message* (LAM) (Messaġġ loġiku ta' rikonoxximent)**

6.4.1. *Skop tal-Messaġġ LAM*

Il-LAM huma mezzi li bihom il-wasla u s-salvagward ta' messaġġ trasmess ikunu indikati lejn l-unità li tibgħat mill-unità li tirċievi.

Il-LAM li jiproċċessa għandu jipprovdi lill-impjegati ta' l-ATC fl-unità li titrasferixxi, b'dan li ġej:

– twissija meta l-ebda rikonoxximent ma jkun wasal;

– indikazzjoni li l-messaġġ li jkun qiegħed jiġi rikonoxxut, ikun wasal, ġie ipproċessat b'suċċess, misjub ħieles minn żbalji, maħżun u, meta relevanti, jkun disponibbli għal preżentazzjoni tal-pożizzjonijiet ta' ħidma kif meħtieġ.

6.4.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-messaġġ LAM għandu jkun fih dawn l-elementi ta' dettalji li ġejjin:

– It-Tip ta' messaġġ;

– In-Numru tal-Messaġġ;

– Ir-Referenza tal-Messaġġ.

NOTA *Regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

6.4.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

6.4.3.1. Ġenerali

6.4.3.1.1. Ir-regoli għar-ritorn ta' LAM huma speċifikati fis-sezzjoni ta' dan id-dokument li tiddiffenixxi l-proċessar ta' kull messaġġ.

6.4.3.1.2. Il-messaġġ LAM għandu jkun iġġenerat u trasmess mingħajr intervent uman.

6.4.3.1.3. Messaġġ LAM m'għandux ikun użat biex tkun evitata l-ħtieġa għal messaġġi teknici biex jassiguraw l-integrità tat-trasmissjoni tad-dettalji.

6.4.3.1.4. Il-messaġġ LAM għandu jkun iġġenerat u trasmess immedjatament sa biex il-ħtieġa tal-ħin tat-transazzjoni tal-messaġġli jkun qiegħed jiġi rikonoxxut tkun tista' tiġi milħuqa.

6.4.3.1.5. Bl-eċċezzjoni ta' messaġġi ABI, is-sistema ATC li tittrasmetti għandha tinforma lill-kontrollur responsabbli għal koordinament jekk messaġġ LAM ma jkunx wasal fil-parametri tal-ħin stabbiliti għal twissijiet bħal dawk.

6.4.4. *Rikonoxximent ta' LAM*

Il-messaġġ LAM m'għandhux ikun jenħtieġ rikonoxximent.

6.4.5. *Eżempji*

6.4.5.1. ICAO

(LAML/E012E/L001)

6.4.5.2. ADEXP

-TITLE LAM -REFDATA -SENDER -FAC L -RKEVR -FAC E -SEQNUM 012 -MSGREF -SENDER -FAC E -RKEVR -FAC L -SEQNUM 001

7. PROĊEDURA BAŻIKA — MESSAĠĠI KOMPLIMENTARJI

7.1. Ġenerali

7.1.1. *Deskrizzjoni ta' Ħtieġa*

Din is-sezzjoni tiddeskrivi l-faċilitajiet applikabbli għal proċedura bażika li huma addizzjonali għal dawk deskritti fis-Sezzjoni 6 tal-Proċedura Bażika — Messaġġi Mandatorji.

7.1.2. *Implementazzjoni*

7.1.2.1. L-użu ta' xi faċilitajiet deskritti f'din is-sezzjoni għandhom ikunu bilateralment miftiehma qabel l-introduzzjoni.

7.1.2.2. Billi l-użu bħal dan huwa miftiehem, ir-regoli deskritti f'din is-sezzjoni għandhom ikunu applikati.

7.2. **Preliminary Activate Message (PAC) (Messaġġ ta' Attivar Preliminari)**

7.2.1. *Skop tal-Messaġġ PAC*

Il-messaġġ PAC jissodisfa dawn il-ħtiġiet operazzjonali:

– notifikazzjoni u koordinazzjoni ta' qabel it-tluq ta' titjira meta l-ħin ta' titjira mit-tluq lejn il-COP ikun anqas minn dak li jkun meħtieġbiex ikun konformi mal-parametri miftiehma tal-ħin għat-trasmissjoni ta' messaġġ ACT;

– notifikazzjoni u koordinazzjoni ta' qabel it-tluq ta' titjira qabel it-tluq minn unità lokali (ajruport/kontrol tar-resqien) lejn l-unità li tmiss li tkun sejra tieħu kontroll tat-titjira;

– jipprovdi għall-akwista ta' dettalji ta' pjan ta' titjira nieqsa fil-każ ta' diskrepanzi fid-distribuzzjoni inizjali ta' dettalji ta' pjan ta' titjira;

– talba għal assenjament ta' kodiċi SSR mill-unità li lilha n-notifikazzjoni/ko-ordinazzjoni ta' hawn fuq tkun mibgħuta, jekk meħtieġ.

7.2.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-messaġġ PAC għandu jkun fih dawn l-elementi ta' dettalji li ġejjin:

– It-Tip ta' messaġġ;

– In-Numru tal-Messaġġ;

– Ir-Referenza tal-Messaġġ (voluntarja);

– L-Identifikazzjoni ta' l-ajruplan;

– L-SSR Modalità u Kodiċi;

– L-Ajruport tat-Tluq;

– Il-Ħin Ikkalkolat għat-tluq u Dettalji Ikkalkolati:

– L-Ajruport ta' Destinazzjoni;

– It-Tip ta' Ajruplan;

– Ir-Rotta (voluntarja);

– Id-Dettalji l-oħra tal-Pjan tat-Titjira (voluntarja).

NOTA *Regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

7.2.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

7.2.3.1. Ġenerali

7.2.3.1.1. Wieħed jew aktar messaġġi PAC għandhom jintbagħtu għal kull titjira li tkun ippjanata li taqsam minn fuq il-fruntieri ta' żoni ta' responsabilità meta l-ħin mit-tluq lejn il-COP ma jkunx jippermetti li l-messaġġ ACT jintbagħat fil-ħin meħtieġ.

7.2.3.1.2. Wieħed jew aktar messaġġi PAC għandhom jintbagħtu lejn l-ajruport/Unità ta' Resqien ta' l-unità li tmiss għal kull titjira li tkun sejra titlaq u li dwarha jew notifika inkella koordinament ikun meħtieġ.

7.2.3.1.3. **Rakkomandazzjoni** *Għall-implementazzjoni ta' PAC/LAM bejn unitajiet, ir-relevanti sistemi TWR/APP għandhom ikunu pprovduti b'mezzi ta' dħul u ta' segwiment "start-up", "push-back", "taxi" u informazzjoni simili li minnhom il-ETOT tkun tista' tiġi akwistata sabiex ikun ikkalkolat il-ETO u l-COP u tinbeda t-trasmissjoni tal-PAC.*

7.2.3.1.4. Kif miftiehem bilateralment, il-messaġġ għandu jkun fih, jew:

– il-Ħin ikkalkulat għal Take-Off (tluq);

inkella

– l-Estimi ta' Dettalji.

7.2.3.1.5. Meta r-referenza tal-messaġġ tkun inkluża, bi ftehim bilaterali, din għandha:

– jkun fiha n-numru tal-messaġġ ta' l-ewwel messaġġ PAC li jkun intbagħat għat-titjira;

– jkun inkluż fit-tieni u l-messaġġi sussegwenti PAC.

7.2.3.1.6. L-użu tal-faċilità għal talba tal-kodiċi, jekk meħtieġa, għandha tkun miftiehma bilateralment.

7.2.3.1.7. Messaġġ PAC rivedut għandu jintbagħat jekk, qabel it-tluq, uħud minn dawn il-kundizzjonijiet ikunu applikabbli:

– ir-rotta ta' titjira tkun ġiet immodifikata hekk li l-COP ta' messaġġ preċedenti ma jkunx aktar eżatt;

– it-tip ta' ajruplan jkun ġie mibdul;

– l-ajruport tad-destinazzjoni fil-PAC preċedenti jinstab li ma jkunx korrett.

7.2.3.1.8. **Rakkomandazzjoni** *Messaġġ PAC rivedut għandu jintbagħat jekk, qabel it-tluq, id-dettalji li ġejjin ikunu differenti minn dawk tal-messaġġi PAC preċedenti:*

– il-livell (fid-dettalji ikkalkolati, jekk preżenti);

– Il-kodiċi SSR mistennija fil-punt ta' trasferiment ta' kontroll;

– il-ħin ikkalkolat tat-Take-Off (tluq) jew l-ETO fil-COP bil-ħin li jkun b'eċċess tal-valur miftiehem bilateralment;

– ikun hemm xi tibdil f'xi dettalji oħra, kif miftiehem bilateralment.

7.2.3.2. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

7.2.3.2.1. is-sistema ATC li tirċievi messaġġ pac għandha tipprova assoċjazzjoni mad-dettal korrispondenti ta' pjan ta' titjira.

7.2.3.2.2. Jekk il-pjan korrispondenti ta' titjira jinstab u l-ebda diskrepanza ma tkun teżisti fil-messaġġ, dan għandu jimpedixxi l-proċessar korrett:

– il-kontenut operazzjonali għandu jkun inkluż fil-pjan tat-titjira;

– id-dettalji meħtieġa għandhom ikunu maħruġa fl-ATC operazzjonali u l-pożizzjonijiet l-oħra kif xieraq;

– LAM għandu jintbagħat lura.

7.2.3.2.3. Jekk pjan korrispondenti ta' titjira ma jkunx jista' jinstab, jew diskrepanza tinstab li tfixkel il-proċessar korrett tal-messaġġ:

– jekk is-settur responsabbli biex jaċċetta kontroll tat-titjira jista jkun identifikat:

  – il-kontenut operazzjoni tal-messaġġ għandu jkun muri fis-settur;

  – LAM għandu jintbagħat lura;

  – pjan ta' titjira għandu jkun maħluq;

– fil-każi l-oħra kollha LAM m'għandux jintbagħat lura.

7.2.3.2.4. Id-dettalji fit-tieni messaġġ PAC u messaġġi sussegwenti għandhom jissuperaw id-dettalji tal-messaġġ preċedenti.

7.2.3.2.5. Jekk messaġġ PAC jinkludi talba għal assenjament ta' kodiċi SSR u jkun korrettament proċessibbli kif deskritt fil-paragrafu 7.2.3.2.2. ta' hawn fuq, messaġġ COD għandu jinbagħat lura b'żieda mal-LAM.

NOTA *La darba l-proċess ta' assenjar ta' kodiċi jenħtieġ informazzjoni dwar ir-rotta ta' pjan ta' titjira, l-ebda ħtieġa ma ssir f'dan id-dokument għar-ritorn ta' messaġġ CID mill-unità li tirċievi meta dettal bħal dan jista' ma jkunx disponibbli għat-titjira. Dan ma jfixkilx milli messaġġ ikun mibgħut lura skond dawk iċ-ċirkostanzi jekk kapaċità lokali speċifika tkun teżisti u l-proċedura tkun ġiet miftiehma bilateralment.*

7.2.3.3. Parametri ta' Ħin għat-Trasmissjoni

Parametru tal-ħin għat-trasmissjoni mhux applikabbli la darba l-messaġġ ikun mibgħut bħala riżultat ta' messaġġi mdaħħal manwalment li jidentifika l-partenza iminenti tat-titjira.

7.2.4. *Rikonoxximent ta' PAC*

7.2.4.1. Rikonoxximent

Il-messaġġi li għandhom jintbagħtu b'reazzjoni ta' messaġġ PAC huma deskritti fil-paragrafu 7.2.3.2 ta' hawn fuq.

7.2.4.2. L-ebda Rikonoxximent

Jekk l-ebda messaġġ LAM ma jkun wasal bħala rikonoxximent ta' messaġġ PAC, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni ATC li hija responsabbli għal koordinament tat-titjira.

7.2.4.3. Każi ta' l-ebda-LAM

Fil-każi ta' l-ebda LAM, koordinazzjoni verbali għandha tkun mibdija.

7.2.4.4. Messaġġli ma hemmx COD

7.2.4.4.1. Jekk messaġġ COD ma jkunx wasal b'reazzjoni ta' talba għal kodiċi inkluża fil-messaġġ PAC, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni xierqa.

7.2.4.4.2. Meta l-funzjoni għal talba ta' kodiċi tkun użata, il-valur ta' time-out li għandu jkun applikat għandu jkun miftiehem bilateralment.

7.2.5. *Eżempji*

7.2.5.1. Kalkolu ta' Take-Off Time u ta' Code Request

7.2.5.1.1. ICAO

(PACBA/SZ002-CRX922/A9999-LFSB1638-LSZA-9/B737/M)

7.2.5.1.2. ADEXP

-TITLE PAC -REFDATA -SENDER -FAC BA -RKEVR -FAC SZ -SEQNUM 002 -ARCID CRX922 -SSRCODE REQ -ADEP LFSB -ETOT 1638 -ARCTYP B737 -ADES LSZA

7.2.5.2. Ħin f'COP

7.2.5.2.1. ICAO

(PACD/L025-EIN636/A5102-EIDW-LIFFY/1638F290F110A-EBBR-9/B737/M)

7.2.5.2.2. ADEXP

-TITLE PAC -REFDATA -SENDER -FAC D -RECVR -FAC L -SEQNUM 025 -ARCID EIN636 -SSRCODE A5102 -ADEP EIDW -COORDATA -PTID LIFFY -TO 1638 -TFL F290 -SFL F110A -ARCTYP B737 -ADES EBBR

7.3. **Revision Message (REV) (Messaġġ ta' Reviżjoni)**

7.3.1. *Skop tal-Messaġġ REV*

Il-messaġġ REV huwa użat biex ikunu trasmessi reviżjonijiet għal dettalji ta' koordinament li jkunu intbagħtu qabel f'messaġġ ACT basta li l-unitàli taċċetta ma tinbidilx bħala riżultat tal-modifika.

7.3.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-messaġġ REV għandu jkun fih dawn l-elementi ta' dettalji li ġejjin:

– It-Tip ta' messaġġ;

– In-Numru tal-Messaġġ;

– Ir-Referenza tal-Messaġġ (voluntarja);

– L-Identifikazzjoni ta' l-ajruplan;

– L-SSR Modalità u Kodiċi (voluntarja);

– L-Ajruport tat-Tluq;

– L-Estimi ta' Dettalji;

– *Il-Co-ordination Points* (Punt ta' Ko-ordinament) (voluntarji);

– L-Ajruport ta' Destinazzjoni;

– Ir-Rotta (voluntarja);

– Id-Dettalji l-oħra tal-Pjan tat-Titjira (voluntarja).

NOTA *Regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

7.3.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

7.3.3.1. Ġenerali

7.3.3.1.1. Wieħed jew aktar messaġġi REV jistgħu jintbagħtu lejn unità ta' fejn titjira tkun ġiet preżentamament ikkoordinata bl-użu ta' messaġġ Activate.

7.3.3.1.2. Dawn l-elementi li ġejjin għandhom ikunu suġġetti għal reviżjoni:

– ETO fil-COP;

– Livell(i) ta' Trasferiment;

– Kodiċi SSR.

7.3.3.1.3. Messaġġ REV għandu jintbagħat meta:

- l-ETO fil-COP ikun differenti minn dak tal-messaġġ preċedenti b'aktar mill-valur miftiehem bilateralment, imressaq lejn l-eqreb valur ta' inteġer;
- ma jkun hemm l-ebda bidla fil-livell(i) tat-trasferiment jew kodiċi SSR.

7.3.3.1.4. Meta bilateralment miftiehem, messaġġ REV għandu jintbagħat meta jkun hemm xi bidliet f'dawn li ġejjin:

- COP;
- rotta;
- id-dettalji l-oħra ta' pjan ta' titjira (ICAO qasam dettalji 8, 10 u 18).

NOTA *Regoli operazzjonali jistgħu jenħtieġu li modifiki effettwati wara ACT ikunu suġġetti għal koordinament preċedenti bejn l-Unitajiet ikkonċernati.*

7.3.3.1.5. Meta bilateralment miftiehem, referenza ta' messaġġ għandha tkun inkluża fil-messaġġ REV.

7.3.3.1.6. Ir-referenza ta' messaġġ, meta nkluża, għandha jkun fiha n-numru tal-messaġġ ACT preċedenti.

7.3.3.1.7. Aċċettazzjoni mill-unità ATC li tirċievi tal-kundizzjonijiet ta' trasferiment kif implikati fil-messaġġ REV għandhom ikunu assumiti, sa kemm l-unità ATC li tirċievi ma tkunx bdiet koordinazzjoni biex temendahom.

7.3.3.2. Formattjar ta' Messaġġi ta' Reviżjoni

7.3.3.2.1. Format ICAO

Il-messaġġi kollha ta' reviżjoni inklużi oqsma tipi 3, 7, 13, 14 u 16. Dawn it-tipi ta' reviżjoni huma miġbura f'dawk l-oqsma:

- tibdila għal ETO tal-COP jew livell(i) ta' trasferiment għandhom ikunu inkorporati bl-inklużjoni tad-dettalji riveduti fil-qasam 14;
- bidla għal Kodiċi SSR għandha tkun inkluża fil-qasam 7;
- tibdiliet fir-rotta inklużi tibdiliet għal COP għandhom ikunu inkorporati fil-qasam 14 u 15 ta' dettalji inklużi fil-format ta' qasam 22 wara l-hames oqsma inizjali. Messaġġi bħal dawn għandhom jinkludu iż-żewġ oqsma 14, l-ewwel li jkun fiha element a) biss, il-COP li permezz tiegħu it-titjira tkun qabel ġiet ikkoordinata. Regoli għal koordinament ta' dawn it-tibdiliet, inklużi rotot diretti, huma speċifikati fl-Anness B, Special Route Processing Requirements (Ħtiġiet ta' Proċessar għal Rotta Speċjali);
- modifiki lejn oqsma 8, 10 u 18 għandhom ikunu inkorporati fid-dettalji ta' qasam 22 wara l-ewwel oqsma inizjali.

7.3.3.2.2. Format ADEXP

Il-messaġġi kollha ta' reviżjoni fil-format ADEXP għandhom jinkludu dawn l-oqsma primarji: TITLE REFDATA ARCID ADEP ADES. Dawn ir-regoli għandhom ikunu applikabbli:

- tibdila għal ETO tal-COP jew livell(i) ta' trasferiment għandhom ikunu inkorporati bl-inklużjoni tad-dettalji riveduti f'qasam primarju COORDATA;
- tibdiliet ta' rotot, inklużi tibdiliet għal COP, għandhom ikunu inkorporati fl-oqsma primarji COORDATA u ROUTE. Messaġġi bħal dawn għandhom jinkludu il-qasam primarju COP li jkun fih il-Punt ta' Koordinament li minnu t-titjira tkun ġiet preċedentament ikkoordinata. Regoli għal koordinament ta' dawn it-tibdiliet, inklużi rotot diretti, huma speċifikati fl-Anness B;

– bidla għal Kodiċi SSR għandha tkun indikata bl-inklużjoni ta' qasam primarju SSRCODE;

– modifiki għal dettalji l-oħra ta' pjan ta' titjira għandhom ikunu inkorporati bl-inklużjoni ta' l-oqsma primarji rekwiżiti kif definiti għal Dettalji ta' Pjan ta' Titjira fl-Anness A.

Jekk messaġġ ta' reviżjoni ikun mibgħut biex jikkoordina biss Kodiċi SSR u/jew Dettal Ieħor ta' Pjan ta' Titjira, il-qasam primarju COP għandu jkun inkluż min flok COORDATA.

7.3.3.2.3. Kodiċi SSR

Modalità u Kodiċi SSR għandhom ikunu inklużi f'messaġġ REV biss meta jkun meħtieġa bħala koordinament ta' bidla ta' kodiċi SSR.

7.3.3.3. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

7.3.3.3.1. Jekk ACT ikun wasal għal dik it-titjira mill-istess unità ATC, is-sistema ATC li tirċievi messaġġ REV għandha tipprova għaqda mal-pjan tat-titjira korrispondenti.

7.3.3.3.2. Jekk il-pjan korrispondenti ta' titjira jinstab u l-ebda diskrepanza ma tkun teżisti fil-messaġġ, dan għandu jimpedixxi l-proċessar korrett:

– il-kontenut operazzjonali għandu jkun inkluż fil-pjan tat-titjira;

– id-dettalji meħtieġa għandhom ikunu maħruġa fl-ATC operazzjonali u l-pożizzjonijiet l-oħra kif xieraq.

7.3.3.4. Inizjar ta' Trasmissjoni

7.3.3.4.1. Il-messaġġ REV huwa wkoll imbuttat skond il-każ u għandu jkun trasmess immedjatament wara ir-relevanti "input" jew "update".

7.3.3.4.2. L-ebda kambjamenti ma jistgħu ikunu magħmula bl-użu ta' messaġġ REV wara li t-titjira tkun ħin/distanza speċifikata mill-punt ta' trasferiment. Il-parametri ta' ħin u distanza għandhom ikunu miftiehma bilateralment.

7.3.3.4.3. **Rakkomandazzjoni** *Il-parametri REV għandhom ikunu definiti separatament għal kull COP.*

7.3.3.5. Tibdil għal Unità ATC li Tirċievi

Il-Messaġġ REV m'għandux ikun użat jekk dettal ta' pjan ta' titjira jwassal għal bidla fl-unità ATC li tirċievi (ara Message for the Abrogation of Co-ordination — Messaġġ għal Abrogazzjoni ta' Koordinament).

7.3.4. *Rikonoxximent ta' REV*

7.3.4.1. Rikonoxximent

Jekk messaġġ REV:

– jista jkun assoċjat ma' pjan ta' titjira fis-sistema li tirċievi, messaġġ LAM għandu jkun trasmess b' rikonoxximent;

– ma jistax ikun assoċjat ma' pjan ta' titjira fis-sistema li tirċievi, messaġġ LAM m'għandux ikun trasmess b' rikonoxximent.

7.3.4.2. L-ebda Rikonoxximent

7.3.4.2.1. Jekk l-ebda messaġġ LAM ma jkun wasal bħala rikonoxximent ta' messaġġ REV, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni ATC li hija responsabbli għal koordinament tat-titjiriet.

7.3.4.2.2. Fil-każi l-ebda-LAM, reviżjoni verbali m'għandha tkun mibdija mill-unità ATC li titrasferixxi.

7.3.5. *Eżempji*

7.3.5.1. ICAO

a. (REVE/L002-AMM253-LMML-BNE/1226F310-EGBB)

b. (REVE/L010-AMM253/A2317-LMML-BNE/1226F310-EGBB)

7.3.5.2. ADEXP

a. -TITLE REV -REFDATA -SENDER -FAC E -RECVR -FAC L -SEQNUM 002 -ARCID AMM253 -ADEP LMML -COORDATA -PTID BNE -TO 1226 -TFL F310 -ADES EGBB

b -TITLE REV -REFDATA -SENDER -FAC E –RECVR -FAC L -SEQNUM 010 -ARCID AMM253 -ADEP LMML -COP BNE -ADES EGBB -SSRCODE A2317

7.4. **Messaġġ għal Abrogazzjoni ta' Koordinament (MAC) — (Abrogation of Co-ordination)**

7.4.1. *Skop tal-Messaġġ MAC*

Messaġġ MAC huwa użat biex jindika lill-unità li tirċievi li l-koordinament jew in-notifika li preċedentament tkun ġiet effettwata għal titjira tkun ġiet abrogata.

Jekk MAC ma jkunx kambjament għal messaġġ ta' Kanċellament (CNL), kif definit bl-ICAO, u għalhekk, m'għandux ikun użat biex jeradika id-dettal bażiku tal-pjan tat-titjira.

7.4.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-messaġġ MAC għandu jkun fih dawn l-elementi ta' dettalji li ġejjin:

– It-Tip ta' Messaġġ;

– In-Numru tal-Messaġġ;

– Ir-Referenza tal-Messaġġ (voluntarja);

– L-Identifikazzjoni ta' l-ajruplan;

– L-Ajruport tat-Tluq;

– Il-Punt ta' Koordinament;

– L-Ajruport ta' Destinazzjoni;

– L-Istatus u r-Raġuni ta' Koordinament (voluntarja).

NOTA *Regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

7.4.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

7.4.3.1. Ġenerali

7.4.3.1.1. Messaġġ MAC għandu jintbagħat lejn unità li magħha koordinazzjoni tkun preċedentament ġiet effettwata għal titjira, bl-użu ta' messaġġ ACT jew RAP, meta wieħed minn dwan iseħħ:

– il-livell mistenni fil-punt ta' trasferiment huwa differenti mil-livell li jkun jinstab fil-messaġġ preċedenti li jirriżulta f'kambjament ta' l-unità li tmiss fis-sekwenza ta' koordinament;

- ir-rotta ta' titjira tkun ġiet mibdula li tirriżulta f'bidla ta' l-unità li tmiss fis-sekwenza ta' koordinament;
- is-sistema ta' pjan ta' titjira jkun ikkanċellat mill-unità li tibagħtu u l-koordinament ma jkunx aktar relevanti;
- MAC ikun wasal mill-unità preċedenti fir-rigward tat-titjira.

7.4.3.1.2. Meta messaġġ MAC ikun mibgħut minħabba kambjament fil-livell ta' titjira jew rotta, notifika u/jew koordinazzjoni, kif xieraq, għandu jkun effettwat ma' l-unità l-ġdida tas-sekwenza ta' koordinament.

7.4.3.1.3. Messaġġ MAC għandu jintbagħat meta l-koordinazzjoni ta' titjira li tkun sejra titlaq, effettwat bl-użu ta' messaġġ PAC, ikun abrogat.

7.4.3.1.4. **Rakkomandazzjoni** *Messaġġ MAC għandu jintbagħat meta n-notifika (messaġġ ABI) li jkun preċedentament effettwat għal titjira, jkun ikkanċellat minħabba xi waħda mir-raġunijiet speċifikati fil-paragrafu 7.4.3.1.1. ta' hawn fuq jew jekk it-titjira tkun ġiet ittardjata matul rotta u l-kalkolu rivedut ma jkunx jista' jiġi awtomatikament iddeterminat.*

7.4.3.1.5. Referenza ta' messaġġ għandha tkun inkluża jekk miftiehma bilateralment.

7.4.3.1.6. Jekk inkluża, referenza ta' messaġġ għandha jkollha n-numru tal-messaġġ ta' l-aħħar messaġġ ABI, PAC jew ACT li jkun trasmess għat-titjira u li jkun ġie rikonoxxut.

7.4.3.1.7. Il-punt ta' koordinament għandu jkun il-COP li minnu t-titjira tkun preċedentament ġiet innotifikata jew ikkoordinata.

7.4.3.1.8. **Rakkomandazzjoni** *Il-messaġġ MAC għandu jidentifika l-istatus li miegħu il-koordinament jew notifika għandha tmur lura u r-raġuni għall-abrogazzjoni.*

7.4.3.1.9. Jekk inkluż, *l-istatus* u r-raġuni għandha tkun waħda minn dawn il-ġemgħat:

- meta l-unità li tirċievi ma tkunx aktar is-sieħeb li jmiss ta' koordinament:
  - l-istatus ikun INI (inizjali);
  - ir-raġuni tkun waħda minn dawn li ġejjin:
    - TFL jekk ir-raġuni hija bidla fil-livell tat-trasferiment;
    - RTE jekk ir-raġuni hija bidla fir-rotta;
    - CSN jekk ir-raġuni hija bidla fir-rotta;
    - CAN jekk ir-raġuni hija kanċellament;
    - OTH għal xi raġuni oħra jew jekk ir-raguni ma tkunx magħrufa;
- meta waħda minn dawn il-kundizzjonijiet tkun applikabbli:
  - il-koordinament ikun effettwat bl-użu ta' messaġġ PAC jew ACT preċedenti (kif immodifikat b'xi messaġġ REV sussegwenti) li jkun abrogat imma t-titjira tkun mistennija li tkun suġġetta għal sekwenza ġdida ta' koordinament ma' l-istess unità;

    jew
  - b'segwiment tat-trasmissjoni ta' messaġġ ABI, it-titjira tkun tistenna għal perijodu indefinit u hija mistennija li tkun suġġetta għal ABI jew ACT rivedut, kif xieraq:
    - l-istatus huwa NTF (notifika);
    - ir-raġuni tkun waħda minn dawn li ġejjin:
      - DLY jekk ir-raġuni hija dewmien;
      - HLD jekk ir-raġuni hija stennija;
      - OTH għal xi raġuni oħra jekk ir-raguni ma tkunx magħrufa.

7.4.3.1.10. Jekk it-titjira għandha tkun ri-notifikata jew ri-koordinata:

– notifika ġdida u/jew messaġġ ta' koordinazzjoni, kif xieraq, għandu jintbagħat;

– id-dettal bażiku ta' pjan ta' titjira maħżun mill-unità ATC li tirċievi m'għandux ikun effettwat minn messaġġ MAC;

– is-sistema għandha żżomm il-kapaċità li tipproċessa b'korrettezza notifika ġdida u/jew messaġġ ta' koordinament jew mill-unità preċedenti li titrasferixxi jew minn unità differenti f'sekwenza ta' koordinazzjoni ġdida.

7.4.3.2. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

Il-pożizzjoni(jiet) ta' ħidma ta' l-unità ATC li tirċievi li huma pprovduti b'dettalji tat-titjira għandhom ikunu nnotifikati bl-abrogazzjoni.

7.4.4. *Rikonoxximent ta' MAC*

7.4.4.1. Rikonoxximent

7.4.4.1.1. Jekk messaġġ MAC jista' jkun assoċjat ma' pjan ta' titjira fis-sistema li tirċievi u jista' jkun ipproċessat, mesaġġ LAM għandu jkun trasmess b'rikonoxximent.

7.4.4.1.2. Jekk messaġġ MAC ma jistax ikun assoċjat ma pjan ta' titjira fis-sistema li tirċievi u ma jistax ikun ipproċessat, mesaġġ LAM m'għandux ikun trasmess.

7.4.4.2. L-ebda Rikonoxximent

7.4.4.2.1. Jekk koordinazzjoni ATC tkun qieghda tiġi abrogata u l-ebda messaġġ LAM ma jkun wasal, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni ATC responsabbli għal koordinazzjoni.

7.4.4.2.2. F'każi bħal dawn abrogazzjoni verbali ta' koordinament għandu jkun effettwat mill-unità ATC li titrasferixxi.

7.4.5. *Eżempji*

Messaġġ ABI kien mibgħut minn Amsterdam ACC lejn Brussel ACC għal titjira HOZ3188, ippjanata fi FL190; it-titjira sussegwenti titlob tlugħ lejn FL270 u hekk rilaxxata, b'hekk tidħol fl-ispazju ta' l-ajru ta' Maastricht minn flok ta' Brussel. Eżempji 7.4.5.1 a u 7.4.5.2 a juru kif MAX mibgħut lil Brussel minn Amsterdam ikun jidher fiż-żewġ formati ICAO u ADEXP.

Għal ABI u, aktar tard, messaġġ ACT ikunu mibgħuta lejn Maastrict, imma, ftit minuti qabel ma tilħaq il-COP, l-ajruplan jirritorna lejn l-Ajruport ta' Amsterdam u l-pjan tat-titjira jkun ikkanċellat fl-unità tas-sistema li tibghat; MAC ikun mibghut lejn Maastricht kif muri fl-eżempji (7.4.5.1 b u 7.4.5.2 b).

7.4.5.1. ICAO

a. (MACAM/BC112-HOZ3188-EHAM-NIK-LFPG-18/STA/INITFL)

b. (MACAM/MC096-HOZ3188-EHAM-NIK-LFPG-18/STA/INICAN)

7.4.5.2. ADEXP

a. -TITLE MAC -REFDATA -SENDER -FAC AM -RECVR -FAC BC -SEQNUM 112 -ADEP EHAM -COP NIK -ADES LFPG -ARCID HOZ3188 -CSTAT -STATID INI -STATREASON TFL

b. -TITLE MAC -REFDATA -SENDER -FAC AM -RECVR -FAC MC -SEQNUM 096 -ADEP EHAM -COP NIK -ADES LFPG -ARCID HOZ3188 -CSTAT -STATID INI -STATREASON CAN

7.5. **SSR Code Assignment Message (COD) — (Kodiċi SSR ta' Assenjament ta' Messaġġ)**

7.5.1. *Skop tal-Messaġġ COD*

7.5.1.1. *The Originating Region Code Allocation Method* (ORCAM) — Il-Metodu ta' Allokazzjoni ta' Kodiċi ta' Reġjun li Joriġina — huwa pprovdut biex jippermetti titjira li twieġeb fuq l-istess kodiċi lejn Unitajiet suċċessivi fiż-żona parteċipanti. Sa kemm l-allokazzjoni ta' kodiċi ma tkunx imwettqa ċentralment, e.g. minn ACC, ajruporti jistgħu jkunu jenħtieġu li jkunu individwalment allokati sett diskret ta' kodiċi SSR. Allokazzjonijiet bħal dawn huma ħela kbira ta' kodiċi.

7.5.1.2. Il-messaġġ COD jissodisfa l-ħtieġa operazjzonali għal ħruġ ta' kodiċi Moduli ta' A SSR minn wieħed mill-Unità ta' Servizz tat-Traffiku bl-Ajru lejn titjira speċifikata meta hekk mitluba. Faċilità voluntarja tippermetti lill-unità li tagħmel il-ħruġ li tinkludi r-rotta tat-titjira jekk miftiehma bilateralment.

7.5.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-messaġġ COD għandu jkun fih dawn l-elementi ta' dettalji li ġejjin:

– It-Tip ta' messaġġ;

– In-Numru tal-Messaġġ;

– Ir-Referenza tal-Messaġġ (voluntarja);

– L-Identifikazzjoni ta' l-ajruplan;

– L-SSR Modalità u Kodiċi;

– L-Ajruport tat-Tluq;

– L-Ajruport ta' Destinazzjoni;

– Ir-Rotta (voluntarja).

NOTA *Regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

7.5.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

7.5.3.1. Ġenerali

7.5.3.1.1. Messaġġ COD għandu jkun iġġenerat u trasmess awtomatikament b'reazzjoni ta' talba għal assenjament ta' kodiċi li tkun waslet fil-messaġġ.

7.5.3.1.2. Il-kodiċi SSR għandha tkun il-kodiċi li tkun qiegħda tiġi assenjata lejn it-titjira.

7.5.3.1.3. L-approvazzjoni ta' kodiċi ta' milja, kif speċifikat fil-Air Navigation Plan for the European Region — Pjan ta' Navigazzjoni bl-Ajru għar-Reġjun Ewropew, għandu jkun imdaħħal jekk kodiċi diskreta ma tkunx disponibbli.

7.5.3.1.4. Jekk bilateralment miftiehma, il-messaġġ ta' referenza, li jkun fih in-numru tal-messaġġ li lejh il-messaġġ-COD jkun b'reazzjoni, għandu jkun inluż.

7.5.3.1.5. Ir-rotta għandha tkun inkluża jekk bilateralment miftiehma.

7.5.3.1.6. Aċċettazzjoni tal-kodiċi SSR mill-unità li tirċievi l-messaġġ COD għandha tkun assumita.

7.5.3.2. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

7.5.3.2.1. Sa kemm ma jkun hemm l-ebda diskrepanza fil-messaġġ li tkun tfixkel il-proċessar korrett, LAM għandu jintbagħat lura.

7.5.3.2.2. Jekk il-messaġġ ma jistax ikun assoċjat ma' pjan ta' titjira jew jekk diskrepanza tinstab li tfixkel il-proċessar korrett tal-messaġġ, LAM m'għandux jintbagħat lura.

7.5.3.2.3. Dettal tar-rotta, jekk inkluż, m'għandux ikun ir-raġuni biex ifixkel ir-ritorn ta' LAM sa kemm dan jonqos milli jkunu konformi mal-ħtieġa ta' format kif mistqarr f'Anness A.

7.5.3.3. Parametri ta' Ħin għat-Trasmissjoni

Parametru ta' ħin ta' trasmissjoni m'għandux ikun applikabbli, la darba l-messaġġ COD jintbagħat bħala riżultat tal-wasla ta' messaġġ li jitlob l-assenjament ta' kodiċi SSR.

7.5.4. *Rikonoxximent ta' COD*

7.5.4.1. Rikonoxximent

Il-messaġġ COD għandu jkun rikonoxxut bil-ġenerazzjoni u t-trasmissjoni ta' messaġġ LAM.

7.5.4.2. Każi ta' l-Ebda Rikonoxximent

Jekk l-ebda messaġġ LAM ma jkun wasal bħala rikonoxximent għal messaġġ COD, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni xierqa.

7.5.5. *Eżempji*

7.5.5.1. ICAO

(CODP/PO011-AAL905/A0767-LFPO-KEWR)

7.5.5.2. ADEXP

-TITLE COD -REFDATA -SENDER -FAC P -RECVR -FAC PO -SEQNUM 011 -ADEP LFPO -ADES KEWR -ARCID AAL905 -SSRCODE A0767

7.6. **Messaġġ ta' Informazzjoni (INF)**

7.6.1. *Skop tal-Messaġġ INF*

7.6.1.1. Il-messaġġ INF huwa użat biex jipprovdi informazzjoni fuq titjiriet speċifiċi lejn aġenziji li ma humiex direttament involuti fil-proċess ta' koordinazzjoni bejn Unitàjiet ATC suċċessivi fuq ir-rotta ta' titjira.

7.6.1.2. Il-messaġġ INF jista' jkun użat biex jipprovdi kopji ta' messaġġi u biex jikkomunika mal-koordinazzjoni miftiehma ta' aġenziji bħal dawk wara djalogu bejn kontrolluri. Ghal dan l-iskop messaġġi INF jistghu jkunu iġġenerati mis-sistema fl-unità li tittrasferixxi jew taċċetta.

7.6.1.3. Il-messaġġ jista' wkoll ikun użat biex jipprovdi informazzjoni fir-rigward ta' xi punt matul ir-rotta ta' titjira lejn aġenzija.

7.6.1.4. Il-format jippermetti l-komunikazzjoni ta' dettalji inizjali, reviżjonijiet u kanċellamenti.

7.6.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-messaġġ INF għandu jkun fih dawn l-Unitàjiet ta' dettalji kif ġej fil-format ta' messaġġ deskritt f'dan id-dokmument:

– It-Tip ta' messaġġ;

– In-Numru tal-Messaġġ;

– L-Unitajiet kollha ta' dettalji operazjonali kif ikunu fil-messaġġ oriġinali jew koordinament riżultanti li jkunu qegħdin jiġu kkupjati;

– Tip ta' Messaġġ ta' Referenza

NOTA *Regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

7.6.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

7.6.3.1. Tipi ta' Messaġġi

It-tip(i) ta' messaġġ(i) li għandhom ikunu idduplikati b'messaġġ INF għandu jkun ibbażat fuq il-ħtiġiet ta' min jagħmel użu u l-kapaċitajiet ta' l-unità li tibgħat. Tip(i) ta' messaġġ(i) u r-regoli ta' applikazzjoni għandhom, ġeneralment, ikunu miftiehma bilateralment.

7.6.3.2. Indirizzi ta' Messaġġ

Wieħed jew aktar messaġġ(i) INF jistgħu ikunu trasmessi għall-istess titjira lejn wieħed jew aktar indirizz(i).

7.6.3.3. Kontenut Operazzjonali

Il-kontenut operazzjonali tal-messaġġ INF għandu jkun fil-format ta' wieħed mill-messaġġi eżistenti.

7.6.3.4. **Rakkomandazzjonijiet**

1. *Il-kundizzjonijiet imwassla f'messaġġ inizjali ta' djalogu (e.g. messaġġ ACT, RAP, REV, RRV) jistgħu ikunu mibdula jew miċħuda qabel mad-djalogu jkun komplut. Unitajiet li jibagħtu għandhom ikunu jistgħu jgħaddu il-ftehim miftiehem ta' kundizzjonijiet ta' koordinament.*

2. *Il-messaġġ INF għandu jkun mibgħut immedjatament, jew f'ħin relatat lejn il-ħin tal-COP, li jkun miftiehem bilateralment ma' l-aġenzija li tirċievi.*

7.6.4. *Rikonoxximent ta' INF*

Rakkomandazzjonijiet

1. *Il-messaġġ INF jista' jkun rikonoxxut b'dipendenza fuq is-sieħeb ta' koordinament bil-ġenerazzjoni u t-trasmissjoni ta' messaġġ LAM.*

2. *Suġġett għal ftehim bilaterali bejn l-Unitajiet ikkonċernati, jekk l-ebda messaġġ LAM ma jkun wasal bħala rikonoxximent għal messaġġ INF, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni xierqa.*

7.6.5. *Eżempji*

Titjira b'callsign BAW011, B747 minn EGLL lejn OMDB fil- FL290, li titlob FL410, tkun tikkalkula Koksy (KOK) VOR fi 1905, li titranspondi fi A5437, tipproċiedi via UG1 u UB6.

Messaġġ ACT huwa mibgħut minn Londra lejn Maastricht għat-titjira. Kopja hija mibgħuta minn Londra lejn unità identifikata bħala IT.

Dawn li ġejjin jagħtu eżempju tal-messaġġ INF.

7.6.5.1. ICAO

(INFL/IT112-BAW011/A5437-EGLL-KOK/1905F290-OMDB-9/B747H-15/N0490F410 DVR KOK UG1 NTM UB6 KRH-18/MSG/ACT)

7.6.5.2. ADEXP

-TITLE INF -REFDATA -SENDER -FAC L -RECVR -FAC IT -SEQNUM 112 -ARCID BAW011 -SSRCODE A5437 -ADEP EGLL -COORDATA -PTID KOK -TO 1905 -TFL F290 -ADES OMDB -ARCTYP B747 -ROUTE N0490F410 DVR UG1 KOK NTM UB6 KRH -MSGTYP ACT

8. **PROĊEDURA — KOORDINAMENT TA' DJALOGU**

8.1. **Ġenerali**

8.1.1. *Introduzzjoni*

8.1.1.1. Il-proċedura ta' djalogu tipprovdi faċilitajiet għal komunikazzjoni u negozjati bejn kontrolluri fil-fażi ta' koordinament u għal komunikazzjoni fil-fażi ta' trasferiment.

8.1.1.2. Din it-taqsima tiddeskrivi messaġġi użati fil-proċedura ta' djalogu fil-fażi ta' koordinament meta l-kundizzjonijiet għal trasferiment huma ippjanati. Dawk għal fażi ta' trasferiment meta l-handover (għoti) tat-titjira jkun imwettaq huma deskritti fis-Sezzjoni 9 — Proċedura ta' Djalogu — Trasferiment ta' Komunikazzjoni.

8.1.1.3. Proċeduri għaż-żewġ fażijiet ma humiex dipendenti minn xulxin; dawn jistgħu ikunu implementati individualment jew flimkien.

8.1.1.4. Numru ta' messaġġi addizzjonali huma introdotti u l-kapaċità ta' wieħed mis-sieħba biex jibda d-djalogu hija sostnuta.

8.1.1.5. Il-proċedura ta' koordinazzjoni ta' djalogu tippermetti l-identifikazzjoni ta':

– trasferimenti li huma bi qbil ma LoAs u li jistgħu jkunu aċċettati awtomatikament; u

– dawk li jenħtieġu li jkunu riferuti lejn il-kontrollur fl-unità li tirċievi għal deċiżjoni rigward l-aċċettazzjoni.

8.1.1.6. Din il-proċedura tista' wkoll tippermetti l-interpretazzjoni tal-LoAs fiż-żewġ sistemi li għandhom ikunu monitorati u għal xi diskrepanza bejniethom biex tkun identifikata.

8.1.2. *Il-Filtru*

8.1.2.1. Ġenerali

8.1.2.1.1. Il-proċedura ta' koordinament ta' djalogu tenħtieġ li s-sistemi li jidentifikaw jekk jew le, trasferimenti jkunux bi qbil ma LoAs.

8.1.2.1.2. Il-proċess li jivverifika din il-konformità huwa irriferut f'dan id-dokument bħala "il-filtru". Id-*database* użata għall-filtru għandha tinkludi dan li ġej, jekk meħtieġ:

– Punti miftiehma ta' Koordinament;

– eliġibilità (jew ineliġibilità) ta' livelli ta' titjira li jistgħu wkoll ikunu assoċjati mal-punti ta' koordinament;

– l-ajruporti ta' tluq;

– id-destinazzjonijiet;

– ir-rotot diretti miftiehma;

– il-limiti ta' ħin u/jew ta' distanza qabel il-COP, wara li xi messaġġ ta' koordinazzjoni jkun meqjus bħala mhux ta' standard;

– xi kundizzjinijiet oħra, kif miftiehma bilateralment.

8.1.2.1.3. Id-dettalji kollha f'din il-lista jistgħu jkunu magħquda biex jiddifenixxu kundizzjonijiet aktar kumplessi.

8.1.2.1.4. Fi ħdan is-Sezzjoni 8 ta' dan id-Dokument it-terminu "kundizzjonijiet normali" għandha tkun interpretata bħala "bi qbil mal-LoA" u t-terminu "kundizzjonijiet mhux normali" bħala "mhux bi qbil mal-LoA". Sa kemm ma jkunx bilateralment miftiehem, messaġġi mibgħuta minn Unitajiet li jitrasferixxu għal koordinazzjoni li huma magħrufa bħala normali għandhom jutilizzaw tipi differenti ta' messaġġi minn dawk li dwarhom il-kundizzjonijiet ma jkunux normali.

8.1.2.2. Azzjoni fl-Unità li Tittrasferixxi

8.1.2.2.1. Il-filtru fl-unità li tittrasferixxi għandu jirrevedi l-kundizzjonijiet tat-trasferiment li huma appik li jintbagħtu lejn l-unità li taċċetta.

8.1.2.2.2. **Rakkomandazzjoni** *Jekk il-kundizzjonijiet tat-trasferiment jinstabu li ma humiex normali, il-fatt għandu jinġieb għall-attenzjoni tal-kontrollur li jitrasferixxi, għal koferma jew modifika.*

8.1.2.3. Azzjoni fl-Unità li Taċċetta

8.1.2.3.1. Il-messaġġi kollha ACT u REV għandhom ikunu ivverifikati kontra l-filtru.

8.1.2.3.2. Jekk il-verifika tindika li l-kundizzjonijiet imwassla tat-trasferiment ikunu mhux-normali, dawn għandhom ikunu irriferuti lejn il-kontrollur għal deċiżjoni, altrimenti dawn għandhom ikunu aċċetatti awtomatikament.

8.1.2.4. Sinkronizzazzjoni tal-Filtri

8.1.2.4.1. L-użu ta' messaġġi differenti għal kundizzjonijiet ta' trasferiment normali u mhux-normali jippermettu l-identifikazzjoni ta' xi diskrepenza bejn il-kundizzjonijiet normali kif miżmuma fis-sistemi fl-Unitajiet tat-trasferiment u l-aċċettar.

8.1.2.4.2. L-indentifikazzjoni fl-unità li taċċetta ta' kundizzjonijiet ta' trasferiment mhux-normali fil-messaġġ użati biex jikkoordinaw biss it-trasferimenti normali għandhom jissinifikaw diskrepanza bejn iż-żewġ filtri. Diskrepanzi dwar dawn għandhom ikunu riżolti għall-operazzjoni effettiva tal-proċedura tad-djalogu.

8.1.3. *Sekwenza ta' Messaġġ*

8.1.3.1. Ġenerali

8.1.3.1.1. Ċerti regoli jenħtieġu li jkunu segwiti biex jassiguraw li l-koordinazzjoni tkun kompluta qabel xi reviżjonijiet jew trasferimenti ta' skambju ta' messaġġ ta' komunikazzjoni jseħħu wkoll biex jassigura li l-kontrolluri fiż-żewġ Unitajiet ma jkunux simultanjament jagħmlu proposti dwar l-istess titjira.

8.1.3.1.2. Unità ATC għandha biss tittrasmetti jew tirrikonoxxi wasla ta' messaġġ ta' Reviżjoni (REV jew RRV) għal titjira meta din tkun fi stat ta' koordinament, i.e. djalogu ACT jew RAP ikun ġie mwettaq minn LAM jew ACP.

8.1.3.1.3. Messaġġi CDN għandhom biss ikunu eliġibli għal trasmissjoni mill-unità li taċċetta.

8.1.3.1.4. Messaġġi CDN għandhom biss ikunu trasmessi u rikonoxxuti:

– bħala parti minn djalogu inizjat bil-wasla ta' *Activate* (ACT, RAP) jew messaġġ ta' Reviżjoni (REV jew RRV); jew

– meta l-pjan tat-titjira għal dik it-titjira tkun fi stat ta' koordinazzjoni.

8.1.4. *Trattament Simultanju ta' Messaġġ*

8.1.4.1. Ġenerali

8.1.4.1.1. Unità involuta fl-iskambju ta' messaġġ ta' koordinazzjoni jew trasferiment għal titjira m'għandhiex tibda aktar skambju ta' koordinament jew trasferiment ta' messaġġ għall-istess titjira bl-istess unità sa kemm jew LAM, ACP jew RJC jkun wasal, jew it-*time-out* ikun milħuq.

8.1.4.1.2. Huwa possibli għal messaġġ CDN li jirkeb fuq messaġġ REV, RRV jew MAC għall-istess titjira mibgħuta mill-unità li tittrasferixxi. Din is-sitwazzjoni tista' tkun identifikata fl-unità li titrasferixxi minn CDN li tasal qabel ir-rikonoxximent tal-messaġġ trasmess ta' koordinazzjoni u fl-unità li taċċetta mill-messaġġ mill-unità li titrasferixxi li jasal qabel ir-rikonoxximent tas-CDN. F'dan il-każ is-CDN m'għandhiex tkun rikonoxxuta u l-REV, RRV jew MAC ikun ipproċessat.

8.1.5. *Ċaħda ta' Trattament*

Il-messaġġ RJC jittermina sistema ta' djalogu. Sistema ġdida ta' koordinazzjoni għandha tkun mibdija li tirrifletti l-koordinazzjoni telefonika meta applikabbli.

8.1.6. *Tweġiba Operazzjonali Time-Out*

8.1.6.1. Ġenerali

8.1.6.1.1. Mekkaniżmu ta' *time-out* għandu jkun applikat fiċ-ċentri li jibagħtu u li jirċievu għal tweġiba ta' messaġġi li huma rriferuti lejn il-kontrollur.

8.1.6.1.2. It-tul ta' dawn it-*time-outs* għandu jkun miftiehem bilateralment.

8.1.6.1.3. L-iskadenza tat-*time-out* fl-unità li tittrasferixxi għandha tirriżulta fi twissija li tkun maħruġa lejn il-kontrollur li jittrasferixxi, biex tindika l-ħtieġa li tkun tkun mibdija l-koordinazzjoni telefonika.

8.1.6.1.4. **Rakomandazzjonijiet**

1. *Twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni ATC ta' l-unità li taċċetta li hija responsabbli għat-titjira meta t-time-out fl-unità li titrasferixxi jkun iminenti..*

2. *Twissija għandha tippermetti għal ħin ta' trasmissjoni għat-tweġiba..*

8.1.6.1.5. Is-sistemi għandhom ikunu jistgħu jipproċessaw tweġibiet li jkunu waslu wara li jeskadi t-*time-out*.

8.1.7. *Implementazzjoni*

8.1.7.1. Il-proċeduri tad-djalogu jindirizzaw żewġ fazijiet, jiġifieri l-fażi ta' koordinament u l-fażi tat-trasferiment. Id-djalogu fiż-żewġ fażijiet jużaw messaġġi differenti u l-ħinijiet meħtieġa għat-transazzjoni huma differenti. Il-messaġġi ta' koordinament huma speċifikati fil-formati ICAO u ADEXP, it-trasferiment ta' messaġġi ta' komunikazzjoni biss fil-ADEXP.

8.1.7.2. Il-ħtiġiet HMI minimi għal koordinazzjoni ta' djalogu huma differenti minn dawk tad-djalogu ta' trasferiment:

– id-djalogu ta' trasferiment jindirizza primarjament il-funzjoni ta' kontroll eżekuttiv u jenħtieġ HMI li hija rapida u *user-friendly* (faċli biex tintuża);

– id-djalogu ta' koordinament mhux daqshekk kritika-fil-ħin u għalhekk il-ħtiġiet HMI tiegħu huma ta' ordni aktar baxxa.

8.1.7.3. Il-proċedura ta' djalogu għandha tkun implimentata bl-użu ta' wieħed minn dawn ix-xenarji alternattivi:

– il-koordinazzjoni ta' proċedura ta' fażi ta' djalogu kif ukoll xi messaġġi kumplimentaji kif bilateralment miftiehma (It-Taqsimiet 7 u 8);

– il-proċedura bażika ta' koordinazzjoni u fażi tal-proċedura ta' trasferiment ta' djalogu (It-Taqsimiet 6, 7 u 9);

– il-koordinazzjoni ta' proċedura ta' fażi ta' djalogu kif ukoll xi messaġġi kumplimentaji kif bilateralment miftiehma (It-Taqsimiet 7, 8 u 9).

L-*Advance Boundary Information message* (Messaġġ ta' Informazzjoni Avvanzata għall-Fruntiera) għandu jintbagħat fix-xenarji kollha.

8.1.7.4. Ix-xenarju użat għall-implementazzjoni għandu jkun miftiehem bilateralment.

8.2. ***Activate Message* (ACT) (*Attiva l-Messaġġ*)**

8.2.1. *Skop tal-Messaġġ ACT*

L-iskop tal-Messaġġ ACT huwa deskritt fil-paragrafu 6.3.1. Fi proċedura ta' djalogu, il-messaġġ ACT huwa użat biex jilħaq dawn il-ħtiġiet basta li l-kondizzjonijiet tat-trasferiment għat-titjira jkunu normali u li l-kontrollur li jitrasferixxi ma jkunx jenħtieġ li jirreferi t-tirjira lejn il-kontrollur li jaċetta biex jaċċettaha.

8.2.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-kontenuti tal-messaġġ ACT użat fi proċedura ta' djalogu għandhom ikunu kif deskritti għal messaġġ ACT fil-paragrafu 6.3.2.

8.2.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

8.2.3.1. Ġenerali

8.2.3.1.1. Ir-regoli ta' l-applikazzjoni huma kif deskritti għal ACT fil-paragrafu 6.3 bl-eċċezzjoni tar-regoli speċjali deskritti f'dan il-paragrafu.

8.2.3.1.2. Messaġġ ACT għandu jintbagħat għal titjira b'kundizzjonijiet normali ta' trasferiment meta l-kontrollur li jitrasferixxi ma jkunx jenħieġ li ssir referenza lilu mill-kontrollur li jaċċetta.

NOTA *Jekk dawn il-ħtiġiet ma jkunux applikabbli, RAP għandu jintbagħat (ara l-paragrafu 8.3 Referred Activate Proposal Message — Referenza għal Messaġġ ta' Proposta Attivata).*

8.2.3.1.3. **Rakkomandazzjoni** *Proċedura ġdida ta' koordinazzjoni għandha tkun mibdija jekk il-messaġġ Reject Co-ordination (RJC) — Koordinazzjoni taċ-Ċaħda — ikun mibgħut lura b'reazzjoni ta' messaġġ ACT.*

8.2.3.2. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

8.2.3.2.1. Il-messaġġ huwa vverifikat kontra l-filtru biex ikunu ikkonfermati li l-kondizzjonijiet proposti jkunu normali.

8.2.3.2.2. Il-messaġġ għandu jkun ipproċessat bħala messaġġ RAP jekk:

– il-kundizzjonijiet tat-trasferiment jinstabu li ma humiex normali;

– sistema korrispondenti ta' pjan ta' titjira ma tkunx tista' tinstab u ma jkunx hemm informazzjoni suffiċjenti disponibbli biex ikun identifikat jekk jew le l-kundizzjonijiet tat-trasferiment ikunux normali.

8.2.3.2.3. Messaġġi ACT misjuba li huma normali għandhom ikunu pproċessati bi qbil mal-paragrafu 6.3.3.2.

8.2.3.2.4. **Rakkomandazzjoni** *Jekk il-kundizzjonijiet tat-trasferiment f'messaġġ ACT jinstabu li ma humiex normali, ikun hemm diskrepanza bejn il-filtri taż-żewġ sistemi. Il-fatt li l-ACT ma jkunx normali għandu jinġieb għall-attenzjoni ta' l-impjegati ta' superviżjoni sabiex dik id-diskrepanza tkun riżolta.*

8.2.4. *Rikonoxximent ta' ACT*

8.2.4.1. Rikonoxximent

8.2.4.1.1. Fi proċedura ta' djalogu, messaġġ ACT għandu jkun rikonoxxut bi:

– LAM jekk il-kundizzjonijiet tat-trasferiment jinstabu li huma normali;

– messaġġ SBY fil-każi l-oħra kollha.

8.2.4.1.2. Meta LAM ikun wasal, il-kontenuti operazzjonali tal-messaġġ ACT għandhom isiru operazzjonalment jorbtu fuq iż-żewġ Unitajiet ATC.

8.2.4.1.3. Meta bilateralment miftiehem, ACP jista' jkun użat minflok LAM biex jindika l-konferma ta' ACT li jkun fih il-kundizzjonijiet normali ta' trasferiment, biss mill-unità li taċċetta.

8.2.4.2. Każi ta' l-Ebda Rikonoxximent

Jekk l-ebda rikonoxximent ma jkun wasal għal messaġġ ACT, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni ATC li hija responsabbli għall-koordinament tat-titjira.

8.3. **Referred Activate Proposal Message (RAP) (messaġġ ta' proposta attiva ta' referenza)**

8.3.1. *Skop tal-Messaġġ RAP*

Il-messaġġ RAP jissodisfa dawn il-ħriġiet operazzjonali, b'żieda ma' dawk speċifikati għal messaġġ ACT fil-paragrafu 6.3:

– il-proposta mill-kontrollur li jittrasferixxi u r-referenza lejn il-kontrollur li jaċċetta ta' titjiriet b'kondizzjonijiet ta' trasferiment mhux normali;

– tippermetti lill-kontrollur li jittrasferixxi, jekk hu/hi jkun jenħtieġ li jagħmel dan, li jenforza r-referenza lejn il-kontrollur li jaċċetta tal-kundizzjonijiet normali tat-trasferiment għal titjira speċjali.

8.3.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-kontenuti tal-messaġġ RAP għandhom ikunu l-istess dettalji kif deskritti għal messaġġ ACT (paragrafu 6.3) u jistgħu b'għażla jinkludu dawn l-elementi ta' dettalji kif ġej:

– ir-raġuni, li tindika r-referenza manwali (disponibbli biss fil-ADEXP).

8.3.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

8.3.3.1. Ġenerali

8.3.3.1.1. Messaġġ RAP għandu jintbagħat minflok il-messaġġ ACT għal titjiriet li jaqsmu l-fruntiera li jilħqu wieħed minn dawn il-kundizzjonijiet:

– is-sistema tat-trasferiment tkun iddeterminat il-kundizzjonijiet tat-trasferiment bħala mhux normali;

– il-kontrollur li jitrasferixxi jkun indika li l-kundizzjonijiet tat-trasferiment propost għandhom ikunu irriferuti lejn il-kontrollur li jaċċetta.

8.3.3.1.2. Il-kontenuti operazjonali ta' messaġġ RAP li jkun lest għat-trasmissjoni għandu jkun muri fil-pożizzjoni ta' ħidma responsabbli għal koordinazzjoni ta' titjira qabel it-trasmissjoni attwali.

8.3.3.1.3. **Rakkomandazzjoni** *Il-ħin meta messaġġ RAP ikun trasmess awtomatikament għandu jkun muri flimkien mal-kontenuti tiegħu.*

8.3.3.1.4. Il-pożizzjoni relevanti ta' ħidma għandha tkun innotifikata bit-trasmissjoni tal-messaġġ RAP.

8.3.3.2. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

8.3.3.2.1. Is-sistema ATC li tirċievi messaġġ RAP għandha tipprova l-assoċjazzjoni mad-dettal korrispondenti ta' pjan ta' titjira.

8.3.3.2.2. Jekk il-pjan korrispondenti ta' titjira jinstab u l-ebda diskrepanza ma tkun teżisti fil-messaġġ, dan għandu jimpedixxi l-proċessar korrett:

– il-kontenuti operazzjonali għandhom ikunu rriferuti lejn il-kontrollur li jaċċetta;

– SBY għandu jintbagħat lura.

8.3.3.2.3. **Rakkomandazzjoni** *Indikazzjoni tar-raġuni għal referenza (kondizzjonijiet mhux normali jew referenza manwali) għandhom ikunu inklużi.*

8.3.3.2.4. Jekk il-messaġġ ma jistax ikun assoċjat ma pjan ta' titjira jew jekk diskrepanza tinstab li tfixkel il-proċessar korrett tal-messaġġ, allura:

– il-kontenut operazzjoni tal-messaġġ għandu jkun muri fis-settur;

u

– l-messaġġ SBY jintbagħat lura;

u

– il-pjan ta' titjira jkun maħluq.

8.3.3.2.5. Fil-każi l-oħra kollha il-messaġġ m'għandux ikun rikonoxxut.

8.3.3.3. Azzjonar Manwali

8.3.3.3.1. Meta tkun użata biex tenforza r-referenza għal koordinazzjoni proposta mal-kundizzjonijiet normali tat-trasferiment lejn il-kontrollur li jaċċetta, ir-RAP għandu jkun mibdi manwalment mill-kontrollur li jittrasferixxi u trasmess immedjatament.

8.3.3.3.2. ***Rakkomandazzjoni*** *Azzjonar manwali ta' messaġġ RAP qabel il-ħin ikkalkolat ta' trasmissjoni għandu jkun permissibbli fil-pożizzjoni responsabbli għal koordinazzjoni tat-titjira.*

8.3.3.4. Parametri ta' Ħin għat-Trasmissjoni Awtomatika

Il-ħin/distanza qabel il-fruntiera li fih il-messaġġi RAP jkunu awtomatikament trasmessi għandu jkun l-istess bħal dak ta' messaġġi ACT.

8.3.4. *Rikonoxximent ta' RAP*

8.3.4.1. Rikonoxximent

Il-messaġġ għandu jkun rikonoxxut bil-ġenerazzjoni u t-trasmissjoni ta' messaġġ SBY.

8.3.4.2. Każ ta' l-Ebda Rikonoxximent

Jekk l-ebda messaġġ SBY ma jkun wasal bħala Rikonoxximent ta' messaġġ RAP, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni ATC li hija responsabbli għal koordinament tat-titjiriet.

8.3.5. *Tweġiba Operazzjonali ta' RAP*

Il-kontrollur li jaċċetta jista' jew li jaċċetta, jagħmel kontro-proposta jew jiċħad il-kundizzjonijiet tat-trasferiment.

8.3.5.1. Aċċettazzjoni

8.3.5.1.1. Meta l-kontrollur li jaċċetta jiddeċiedi li jaċċetta l-kundizzjonijiet tat-trasferiment propost, messaġġ ACP għandu jintbagħat lura.

8.3.5.1.2. Malli messaġġ ACP ikun wasal, id-dettal ta' messaġġRAP isir operazzjonalment jorbot fuq iż-żew ġUnitajiet ATC. Il-kundizzjonijiet ta' trasferiment ikkoordinat u l-fatt li l-ACP tkun waslet għandu jkun ippreżentat lill-kontrollur li jttrasferixxi.

8.3.5.2. Kontro-Proposta

Meta l-kontrollur li jaċċetta jiddeċiedi li jaċċetta l-kundizzjonijiet tat-trasferiment propost, messaġġ CDN għandu jintbagħat lura.

8.3.5.3. **Rakkomandazzjoni** *Meta l-kontrollur li jaċċetta jiddeċiedi li jiċħad il-kundizzjonijiet tat-trasferiment propost, messaġġ RJC għandu jintbagħat lura. Proċess ġdid ta' koordinazzjoni għandu imbagħad ikun mibdi.*

NOTA *Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni fi 8.3.5.3, f'ħafna każi l-koordinazzjoni l-ġdida għandha tkun ma' unità differenti.*

8.3.6. *Eżempji*

8.3.6.1. ICAO

(RAPE/L022-AMM253/A7012-LMML-BNE/1226F350-EGBB-9/B757/M)

8.3.6.2. ADEXP

-TITLE RAP -REFDATA -SENDER -FAC E -RECVR -FAC L -SEQNUM 022 -ARCID AMM253 -SSRCODE A7012 -ADEP LMML -COORDATA -PTID BNE -TO 1226 -TFL F350 -ADES EGBB -ARCTYP B757

8.4. **Revision Message (REV) (Reviżjoni ta' Messaġġ)**

8.4.1. *Skop tal-Messaġġ REV*

L-iskop tal-Messaġġ REV huwa deskritt fil-paragrafu 7.3.1. Fi proċedura ta' djalogu, l-messaġġ REV huwa użat biex jilħaq dawn il-ħtiġiet basta li l-kondizzjonijiet tat-trasferiment għat-titjira jkunu normali u li l-kontrollur li jitrasferixxi ma jkunx jenħtieġ li jirreferi t-tirjira lejn il-kontrollur li jaċetta biex jaċċettaha.

8.4.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-kontenuti ta' messaġġ REV għandhom ikunu kif deskritti għal messaġġ REV fil-paragrafu 7.3.2.

8.4.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

8.4.3.1. Ġenerali

8.4.3.1.1. Wieħed jew aktar messaġġi REV jistgħu jintbagħtu lejn l-unità ta' fejn titjira tkun ġiet preżentament koordinata bl-użu ta' messaġġ *Activate* jew messaġġ RAP.

8.4.3.1.2. Messaġġi REV għandhom jintbagħtu permezz tal-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 7.3.3.1 għal titjiriet bil-kundizzjonijiet normali tat-trasferiment li l-kontrollur li jitrasferixxi ma jkunx jenħieġli ssir referenza lilu mill-kontrollur li jaċċetta.

8.4.3.2. Inizjar ta' Trasmissjoni

Il-messaġġ REV għandu jkun trasmess immedjatament wara li tinstab bidla fid-dettalji ta' koordinazzjoni meħtieġa biex ikunu kkoordinati kif preskritti fil-paragrafu 7.3.3.

8.4.3.3. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

8.4.3.3.1. Jekk il-pjan korrispondenti ta' titjira jinstab fl-istat ta' koordinazzjoni u l-ebda diskrepanza ma tkun teżisti li tfixkel il-proċessar sewwa tal-messaġġ, allura:

– il-messaġġ REV ghandu jkun rikonoxxut;

– fil-każi l-oħra kollha il-messaġġ m'għandux ikun rikonoxxut.

8.4.3.3.2. Il-kondizzjonijiet tat-trasferiment għandhom ikunu eżaminati biex ikun assigurat li dawn huma normali.

8.4.3.3.3. Jekk il-kundizzjonijiet tat-trasferiment ma jkunux normali, dawn għandhom ikunu ippreżentati lill-kontrollur li jaċċetta.

8.4.3.3.4. Jekk il-kondizzjonijiet proposti tat-trasferiment jinstabu li huma normali, dawn għandhom ikunu inklużi fil-pjan tat-titjira u "data output" meħtieġa fl-ATC operazzjonali u l-pożizzjonijiet l-oħra kif xieraq.

8.4.3.3.5. **Rakkomandazzjoni** *Jekk il-kundizzjonijiet tat-trasferiment f'messaġġ REV jinstabu li ma humiex normali, ikun hemm diskrepanza bejn il-filtri taż-żewġ sistemi. Il-fatt li l-REV ma jkunx normali għandu jitqiegħed għall-attenzjoni ta' l-impjegati ta' superviżjoni sabiex dik id-diskrepanza tkun riżolta.*

8.4.4. *Rikonoxximent ta' REV*

8.4.4.1. Rikonoxximent

8.4.4.1.1. Jekk messaġġ REV ghandu jkun rikonoxxut, dan ghandu jkun rikonoxxut minn:

– messaġġ LAM jekk il-kundizzjonijiet tat-trasferiment jinstabu li huma normali;

– messaġġ SBY jekk il-kundizzjonijiet tat-trasferiment jinstabu li ma humiex normali;

8.4.4.1.2. Meta LAM ikun wasal, il-kontenuti operazzjonali tal-messaġġ REV ghandhom isiru operazzjonalment jorbtu fuq iż-żewġ Unitajiet ATC.

8.4.4.1.3. Meta bilateralment miftiehem, ACP jista' jkun użat minflok LAM biex jindika l-konferma mill-unità li taċċetta REV li jkun fih il-kundizzjonijiet normali ta' trasferiment.

8.4.4.2. Każi ta' l-Ebda Rikonoxximent

Jekk l-ebda rikonoxximent ma tkun waslet ghal messaġġ REV, twissija ghandha tkun murija fil-pożizzjoni ATC li hija responsabbli ghal koordinament tat-titjira.

8.4.5. *Twegiba Operazzjonali ta' REV*

Minħabba li l-messaġġ REV huwa użat biex jibgħat kundizzjonijiet normali ta' trasferiment, dan normalment ikun aċċettat mis-sistema ta' l-unità li taċċetta. Jekk il-kundizzjonijiet tat-trasferiment jinstabu li ma humiex normali mill-filtru ta' l-unità li taċċetta, il-messaġġ ghandu jkun ipproċessat bħala messaġġ RRV.

8.5. **Referred Revision Proposal Message (RRV) — (messaġġ ta' reviżjoni ta' proposta ta' referenza)**

8.5.1. *Skop tal-Messaġġ RRV*

Il-messaġġ RRV għandu jipprovdi għal reviżjoni ta' kundizzjonijiet li kienu mibgħuta qabel u ta' trasferiment miftiehem f'dawn il-każi:

– meta l-kundizzjonijiet proposti tat-trasferiment fir-reviżjoni ma jkunux normali;

– meta r-reviżjoni tkun normali, imma l-kontrollur li jitrasferixxi jkun irid li jirreferi r-reviżjoni lejn il-kontrollur li jaċċetta.

8.5.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-kontenuti tal-messaġġ RRV għandhom ikunu kif deskritti għal messaġġ REV (paragrafu 7.3.2) u jistgħu b'għażla jinkludu dawn l-elementi ta' dettalji kif ġej:

– raġuni, li tindika r-referenza manwali (disponibbli biss fil-format ADEXP).

8.5.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

8.5.3.1. Ġenerali

Wieħed jew aktar messaġġi RRV għandhom jintbagħtu, minflok messaġġi REV, għal kull reviżjoni, jekk:

– is-sistema tat-trasferiment tkun iddeterminat il-kundizzjonijiet tat-trasferiment bħala mhux normali;

jew

– il-kontrollur li jitrasferixxi jkun indika li l-kundizzjonijiet tat-trasferiment propost għandhom ikunu irriferuti lejn il-kontrollur li jaċċetta. L-użu tal-RRV huwa voluntarju.

8.5.3.2. Inizjar ta' Trasmissjoni

Il-messaġġ RRV għandu jkun trasmess immedjatament wara s-sejba ta' bidla fid-dettalji tal-koordinazzjoni jew meta mibdija manwalment.

8.5.3.3. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

8.5.3.3.1. Jekk il-pjan korrispondenti ta' titjira jinstab fl-istat ta' koordinazzjoni u l-ebda diskrepanza ma tkun teżisti li tfixkel il-proċessar sewwa tal-messaġġ, allura:

– il-messaġġ RRV ghandu jkun rikonoxxut;

– fil-każi l-oħra kollha il-messaġġ m'ghandux ikun rikonoxxut.

8.5.3.3.2. Il-kundizzjonijiet proposti tat-trasferiment għandhom ikunu murija fil-pożizzjoni ATC li hija responsabbli għal koordinazzjoni tat-titjira.

8.5.3.3.3. **Rakkomandazzjoni** *Indikazzjoni tar-raġuni għal referenza (kundizzjonijiet mhux normali jew referenza manwali) għandhom ikunu inklużi.*

8.5.4. *Rikonoxximent ta' RRV*

8.5.4.1. Rikonoxximent

Il-messaġġ ghandu jkun rikonoxxut bil-ġenerazzjoni u t-trasmissjoni ta' messaġġ SBY.

8.5.4.2. Każi ta' l-Ebda Rikonoxximent

Jekk l-ebda messaġġ SBY ma jkun wasal bħala rikonoxximent ta' messaġġ RRV, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni ATC li hija responsabbli għall-koordinament tat-titjira.

8.5.5. *Tweġiba Operazzjonali lejn RRV*

Il-kontrollur li jaċċetta jista' jew li jaċċetta, li jagħmel kontro-proposta jew li jiċħad il-messaġġ RRV.

8.5.5.1. Aċċettazzjoni

Meta l-kontrollur li jaċċetta jiddeċiedi li jaċċetta l-kundizzjonijiet ta' l-emenda tal-kundizzjonijiet tat-trasferiment miftiehem, messaġġ ACP għandu jintbagħat lura.

8.5.5.2. Kontra-Proposta

Meta l-kontrollur li jaċċetta jiddeċiedi li jaċċetta l-kundizzjonijiet tat-trasferiment propost, messaġġ CDN għandu jintbagħat lura.

8.5.5.3. Ċaħda

Meta l-kontrollur li jaċċetta jiddeċiedi li jiċħad l-emenda proposta għal kundizzjonijiet ta' trasferiment miftiehem:

– messaġġ RJC għandu jintbagħat lura;

u

– proċess ġdid ta' koordinazzjoni għandu imbagħad ikun mibdi.

Ċaħda hija implikata jekk la ACP u anqas CDN ma jkun wasal bi tweġiba għal messaġġ RRV.

8.5.6. *Eżempji*

8.5.6.1. ICAO

(RRVE/L059-AMM253-LMML-BNE/1226F310-EGBB)

8.5.6.2. ADEXP

-TITLE RRV -REFDATA -SENDER -FAC E -RECVR -FAC L -SEQNUM 059 -ARCID AMM253 -ADEP LMML -CORDATA -PTID BNE -TO 1226 -TFL F310 -ADES EGBB

8.6. **Stand-by Message (SBY) — (messaġġ ta' stennija)**

8.6.1. *Skop tal-Messaġġ SBY*

Il-messaġġ SBY jirrikonoxxi l-wasla ta' messaġġ li jipproponi l-kundizzjonijiet tat-trasferiment u jindika li l-proposta tkun ġiet irreferuta lejn il-kontrollur għal deċiżjoni.

8.6.2. *Kontenut tal-Messaġġ*

Il-messaġġ SBY għandu jkun fih dawn l-elementi ta' dettalji li ġejjin:

– It-Tip ta' messaġġ;

– In-Numru tal-Messaġġ;

– Ir-Referenza tal-Messaġġ.

NOTA *Regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

8.6.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

8.6.3.1. Ġenerali

Il-messaġġ SBY għandu jkun iġġenerat u trasmess awtomatikament immedjatament b'reazzjoni lejn:

– messaġġ RAP, RRV jew CDN;

– messaġġ ACT jew REV li jonqos milli jgħaddi mill-filtru.

8.6.4. *Rikonoxximent ta' SBY*

Il-messaġġ SBY ma ghandux ikun rikonoxxut.

8.6.5. *Eżempji*

8.6.5.1. ICAO

(SBYL/E027E/L002)

8.6.5.2. ADEXP

-TITLE SBY -REFDATA -SENDER -FAC L -RECVR -FAC E -SEQNUM 027 MSGREF-SENDER -FAC E — RECVR -FAC L -SEQNUM 002

8.7. **Messaġġ ta' Aċċettazzjoni (ACP)**

8.7.1. *Skop tal-Messaġġ ACP*

Il-messaġġ ACP għandu jissodisfa dawn il-ħtiġiet operazzjonali matul il-koordinament ATC u l-fażijiet ta' trasferiment:

– jindika l-aċċettazzjoni manwali mill-kontrollur f'unità waħda għat-trasferiment ta' kundizzjonijiet proposti mill-kontrollur f'unità oħra f'wieħed minn dawn il-messaġġi:

  – RAP;

  – RRV;

  – CDN;

  – ACT jew REV, jekk wieħed minhom jinstab li ma jkunx normali;

– meta bilateralment miftiehem, jipprovdi aċċettazzjoni awtomatika ta' messaġġ ACT jew REV li jkun għadda mill-filtru fl-unità li taċċetta (min flok il-LAM);

– meta bilateralment miftiehem, jindika l-aċċettazzjoni manwali ta' messaġġ HOP (minflok il-messaġġ ROF)

8.7.2. *Kontenut tal-Messaġġ*

Il-messaġġ ACP għandu jkun fih dawn l-elementi ta' dettalji li ġejjin:

– Id-Dettalji obligatorji:

  – il-messaġġ għandu jkun fih:

  – It-Tip ta' messaġġ;

  – In-Numru tal-Messaġġ;

– Ir-Referenza tal-Messaġġ;

  – Id-Dettalji voluntarji — il-messaġġ jista' li jkun ukoll jinkludi: Il-Frekwenza;

– Id-Detalji voluntarji ta' messaġġi ta' format ICAO — il-messaġġ jista' wkoll ikun fih dawn l-Unitajiet kollha kif ġejjin:

  – L-Identifikazzjoni ta' l-ajruplan;

  – L-Ajruport tat-Tluq;

  – L-Ajruport ta' Destinazzjoni.

NOTA *Regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

8.7.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

8.7.3.1. Ġenerali

8.7.3.1.1. Il-Messaġġ ta' Referenza għall-ACP għandu jinkludi n-Numru tal-Messaġġ li dwaru jkun qiegħed iwieġeb.

8.7.3.1.2. Il-qasam ta' Frekwenza, meta inkluż, għandu jkun fih il-frekwenza li fuqha t-titjira għandha tikkuntattja lill-unità li taċċetta meta l-"*hand-over*" iseħħ.

8.7.3.1.3. Il-messaġġ ACP għandu jkun mibgħut wara l-aċċettazzjoni manwali mill-kontrollur tal-kundizzjonijiet ta' trasferiment propost, mgħoddi minn ACT, RAP, REV, RRV jew CDN.

8.7.3.1.4. Il-messaġġ ACP jista' jintbagħat bħala alternattiva għal messaġġ ROF bi tweġiba għal messaġġ HOP.

8.7.3.1.5. Meta bilateralment miftiehem, il-messaġġ ACP għandu jkun iġġenerat u trasmess awtomatikament mis-sistema bħala tweġiba ta' ACT/REV li jkun għadda mill-filtru.

8.7.3.1.6. Meta ACP jkun wasal, il-kundizzjonijiet miftiehma ta' trasferiment għandhom ikunu jorbtu fuq iż-żewġ Unitajiet.

8.7.3.2. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

8.7.3.2.1. Is-sistema ATC li tirċievi messaġġ ACP għandha tipprova assoċjazzjoni mad-dettal korrispondenti ta' pjan ta' titjira.

8.7.3.2.2. Jekk l-ACP jista' jkun assoċjat ma' pjan ta' titjira, l-aċċettazzjoni għandha tkun indikata lill-kontrollur.

8.7.3.2.3. Jekk l-ACP ma tistax tkun assoċjata ma' pjan ta' titjira:

  – twissija għandha tinħareg (*output*) lejn il-pożizzjoni xierqa; u

  – LAM m'għandux jintbagħat lura.

8.7.4. *Rikonoxximent ta' ACP*

8.7.4.1. Rikonoxximent

8.7.4.1.1. LAM m'għandux jintbagħat lura meta l-ACP jkun użat fi tweġiba awtomatika għal messaġġ ACT jew REV li jkun għadda mill-filtru.

8.7.4.1.2. Messaġġ ACP mibgħut bħala riżultat ta' aċċettazzjoni manwali għandu jkun rikonoxxut bil-ġenerazzjoni u t-trasmissjoni ta' messaġġ LAM.

8.7.4.2. Każi ta' l-Ebda Rikonoxximent

Jekk l-ebda messaġġ LAM ma jkun wasal bħala Rikonoxximent ta' messaġġ ACP li jkun intbagħat bħala riżultat ta' aċċettazzjoni manwali, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni ATC li hija responsabbli għal koordinament tat-titjira.

8.7.5. *Eżempji*

8.7.5.1. ICAO

(ACPL/E027E/L002-18/FRQ/242150)

8.7.5.2. ADEXP

-TITLE ACP -REFDATA -SENDER -FAC L -RECVR -FAC E -SEQNUM 027 -MSGREF-SENDER -FAC E — RECVR -FAC L -SEQNUM 002 -FREQ 242150

8.8. **Co-ordination Message (CDN) — (Messaġġ ta' Koordinament)**

8.8.1. *Skop tal-Messaġġ CDN*

Il-messaġġ CDN jissodisfa dawn il-ħtiġiet operazzjonali:

– li jwassal kontro-proposta mill-kontrollur li jaċċetta lejn il-kontrollur li jitrasferixxi bħala tweġiba lejn messaġġ ACT, RAP, REV jew RRV;

– li jibda l-modifika proposta għal kundizzjonijiet miftiehma ta' trasferiment mill-kontrollur li jaċċetta lejn il-kontrollur li jittrasferixxi.

8.8.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-messaġġ CDN għandu jkun fih dawn l-elementi ta' dettalji li ġejjin:

– Id-Dettalji obligatorji: — il-messaġġ għandu jkun fih:

  – It-Tip ta' messaġġ;

  – In-Numru tal-Messaġġ;

  – Ir-Referenza tal-Messaġġ (biss jekk b'reazzjoni ta' messaġġ ieħor);

  – L-Identifikazzjoni ta' l-ajruplan;

  – L-Ajruport tat-Tluq;

  – L-Ajruport ta' Destinazzjoni;

NOTA Il-messaġġ għandu wkoll ikun fih wieħed, jew it-tnejn, ta' dawn li ġejjin:

  – Dettalji kkalkolati (jekk messaġġ ICAO) jew Livell tat-Trasferiment ta' Titjira (jekk messaġġ ADEXP);

  – It-Talba għal Rotta Diretta.

– Dettalji miftiehma bilateralment — Dawn id-dettalji li ġejjin jistgħu ukoll ikunu inklużi, meta bilateralment miftiehma:

  – Frekwenza.

NOTA *Regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

8.8.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

8.8.3.1. Ġenerali

8.8.3.1.1. Messaġġi CDN għandhom ikunu mibdija biss mill-kontrollur li jaċċetta.

8.8.3.1.2. Għandhom ikunu użati biex jittrasmettu kontro proposta mill-kontrollur li jaċċetta lejn il-kontrollur li jitrasferixxi.

NOTA *Dan jista' jkun djalogu bi tweġiba lejn proposta mwassla minn ACT, RAP, REV jew RRV, jew bħala bidu ta' djalogu biex jemenda kundizzjonijiet ta' trasferiment miftiehma qabel.*

8.8.3.1.3. Ir-referenza għal messaġġ għandha tkun imdaħħla biss meta l-messaġġ CDN ikun bi tweġiba għal messaġġ ieħor.

8.8.3.1.4. Meta mdaħħla, ir-referenza ta' messaġġġħandha jkollha n-numru tal-messaġġ ta' dak il-messaġġ li dwaru is-CDN ikun bi tweġiba.

8.8.3.1.5. Direct Routing Request facility (It-Talba għal faċilità ta' Rotta Diretta) (deskritta fid-dettall fl-Anness A) għandha:

– tkun użata biss jekk bilateralment miftiehma; u

– jekk miftiehma, tiddefinixxi xi limiti operazzjonali dwar l-użu tagħha.

8.8.3.1.6. Il-CDN m'għandux jintbagħat wara ħin/distanza qabel il-fruntiera speċifikata fil-LoA bejn l-Unitajiet ikkonċernati.

8.8.3.1.7. Fil-każ li CDN ikun trasferit effettivemnt simultanjament ma' messaġġ għall-istess titjira minn unitàli tittrasferixxi, e.g. reviżjoni jew abrogazzjoni ta' koordinazzjoni, la r-rikonoxximent u lanqas tweġiba operazzjonali m'għandhom jintbagħtu lura.

NOTA *L-effett ta' din huwa li meta żewġ messaġġi jaqsmu minn fuq xulxin, il-wieħed mill-unità li tittrasferixxi jieħu prijorità u l-CDN imwaqqa' mit-tnejn li huma. Iż-żewġ Unitajiet jistgħu iħossu s-sitwazzjoni bil-wasla tal-messaġġ min-naħa l-oħra qabel tirċievi r-Rikonoxximent.*

8.8.3.1.8. Malli l-aċċettazzjoni tkun waslet, id-dettal ta' messaġġ CDN isir operazjonalment jorbot fuq iż-żewġ Unitajiet ATC. Il-kundizzjonijiet ta' trasferiment ikkoordinat u l-fatt li l-ACP tkun waslet għandu jkun ippreżentat lill-impjegati kkonċernati ta' l-ATC.

8.8.3.2. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

8.8.3.2.1. Jekk il-pjan korrispondenti ta' titjira jinstab u l-ebda diskrepanza ma tkun teżisti fil-messaġġ, dan għandu jimpedixxi l-proċessar korrett:

– il-kontenut operazzjonali għandu jkunu muri fil-pożizzjoni ATC li hija responsabbli għal koordinazzjoni tat-titjira;

u

– SBY għandu jintbagħat lura.

8.8.3.2.2. Jekk il-CDN ma jkunx jista' jiġi assoċjat, jew diskrepanza tinstab li tfixkel il-proċessar korrett tal-messaġġ, l-ebda SBY m'għandu jintbagħat lura.

8.8.4. *Rikonoxximent ta' CDN*

8.8.4.1. Rikonoxximent

Skond il-kundizzjonijiet speċifikati hawn fuq, il-messaġġ CDN għandu jkun rikonoxxut bil-ġenerazzjoni u t-trasmissjoni ta' messaġġ SBY.

8.8.4.2. Każi ta' l-Ebda Rikonoxximent

Jekk l-ebda messaġġ SBY ma jkun wasal bħala rikonoxximent ta' messaġġ CDN, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni ATC li hija responsabbli għall-koordinament tat-titjiriet.

8.8.5. *Tweġiba Operazjonali ta' CDN*

Il-kontrollur jista' jew jaċċetta jew jiċħad it-trasferiment tal-kundizzjonijiet proposti f'messaġġ CDN.

8.8.5.1. Aċċettazzjoni

Meta l-kontrollur li jitrasferixxi jiddeċiedi li jaċċetta l-kundizzjonijiet tat-trasferiment propost, messaġġ ACP għandu jintbagħat lura.

8.8.5.2. **Rakkomandazzjoni** *Meta l-kontrollur li jitrasferixxi jiddeċiedi li jiċħad il-kundizzjonijiet tat-trasferiment propost, messaġġ RJC għandu jintbagħat (ċaħda espliċita).*

NOTA *Il-koordinament propost huwa implikament miċħud jekk l-ebda aċċettazzjoni ma tkun waslet sal-ħin ta' messaġġ CDN "time-out".*

8.8.6. *Eżempji*

8.8.6.1. ICAO

(CDNL/D041D/L025 -EIN636 -EIDW -LIFFY/1638F270F110A -EBBR)

8.8.6.2. ADEXP

-TITLE CDN -REFDATA -SENDER -FAC L -RECVR -FAC D -SEQNUM 041 -MSGREF -SENDER -FAC D -RECVR -FAC L -SEQNUM 025 -ARCID EIN636 -ADEP EIDW -ADES EBBR -PROPFL -TFL F270 -SFL F110A

8.9. ***Reject Co-ordination Message* (RJC) — (messaġġ ta' caħda ta' koordinazzjoni)**

8.9.1. *Skop tal-Messaġġ RJC*

Il-messaġġ RJC jindika ċ-ċaħda mill-kontrollur f'unità waħda għat-trasferiment ta' kundizzjonijiet proposti mill-kontrollur f'unità oħra f'wieħed minn dawn il-messaġġi:

– RAP;

– RRV;

– CDN;

– ACT u REV, jekk xi wieħed minhom jinstab li ma jkunx normali.

Il-messaġġ RJC jista' jintuża biss b'reazzjoni diretta lejn wieħed mill-messaġġi ta' hawn fuq.

8.9.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-messaġġ RJC għandu jkun fih dawn l-elementi ta' dettalji li ġejjin:

– It-Tip ta' messaġġ;

– In-Numru tal-Messaġġ;

– Ir-Referenza tal-Messaġġ.

NOTA *Regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

8.9.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

8.9.3.1. Ġenerali

8.9.3.1.1. L-RJC għandu jintbagħat kif meħtieġ b'reazzjoni għal messaġġRAP, RRV, CDN jew għal messaġġ ACT jew REV li jinstab li ma jkunx normali fl-unità li taċċetta.

8.9.3.1.2. Il-messaġġ RJC jittermina d-djalogu tas-sistema u xi koordinament miftiehem qabel jibqa' validu.

8.9.3.1.3. **Rakkomandazzjoni** *Wara l-wasla ta' messaġġ RJC, sekwenza ġdida ta' koordinament għandha tkun mibdija, li tirrefletti l-koordinament telefoniku meta applikabbli.*

8.9.3.2. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

8.9.3.2.1. Jekk messaġġ korrispondenti li dwaru l-messaġġ RJC jkun jirreferi jinstab li:

– iċ-ċaħda għandha tkunu murija fil-pożizzjoni ATC li hija responsabbli għal koordinazzjoni tat-titjira relevanti; u

– LAM għandu jintbagħat lura bħala rikonoxximent.

8.9.3.2.2. Jekk l-ebda messaġġ bħal dan ma jinstab li jkun jistenna tweġiba, jew jekk diskrepanza tkun preżenti fil-messaġġ li ma tħallix il-proċessar, l-ebda konferma m'għandha tintbagħat lura.

8.9.4. *Rikonoxximent ta' RJC*

8.9.4.1. Rikonoxximent

Il-messaġġ RJC għandhu jkun rikonoxxut bil-ġenerazzjoni u t-trasmissjoni ta' messaġġ LAM.

8.9.4.2. Każi ta' l-Ebda Affermazzjoni

Jekk l-ebda messaġġ LAM ma jkun wasal bħala rikonoxximent ta' messaġġ RJC, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni ATC li hija responsabbli għall-koordinament tat-titjira.

8.9.5. *Eżempji*

8.9.5.1. ICAO

(RJCMC/E746E/MC324)

8.9.5.2. ADEXP

-TITLE RJC -REFDATA -SENDER -FAC MC -RECVR -FAC E -SEQNUM 746 -MSGREF -SENDER -FAC E -RECVR -FAC MC -SEQNUM 324

9. PROĊEDURA TA' DJALOGU — TRASFERIMENT TA' KOMUNIKAZZJONI

9.1. Ġenerali

9.1.1. *Introduzzjoni*

9.1.1.1. Din is-sezzjoni ta' l-istandard tiddeskrivi l-faċilitajiet u messaġġi li huma b'sostenn ta' l-aspett ta' hand-over tar-radar tal-proċedura ta' trasferiment ta' kontroll. Għandhom ikunu implementati meta bilateralment miftiehma.

9.1.1.2. Trasferiment ta' faċilitajiet ta' Komunikazzjoni m'għandhomx ikunu implementati sa kemm l-unità li tutilizza wieħed mill-faċilitajiet ta' koordinament deskritt fit-Taqsima 6 (Proċedura bażika — Messaġġi Obbligatorji) jew dawk fit-Taqsima 8 (Proċedura ta' Djalogu — Koordinazzjoni).

9.1.1.3. Il-messaġġi deskritti f'din fit-Taqsima tad-dokument huma disponibbli biss fil-format ADEXP u ma hemm l-ebda ħsieb li dawn isiru disponibbli fil-format ICAO.

9.1.2. *Sekwenza ta' Messaġġ*

9.1.2.1. It-trasferiment ta' l-iskambju ta' messaġġ ta' Komunikazzjoni, apparti minn Supplementary Data Message (SDM) — (Dettalji ta' Messaġġ Supplementari), m'għandux iseħħ sa kemm il-koordinament ikun imwettaq kollu, i.e. djalogu ACT jew RAP ikun twettaq kollu minn LAM jew ACP.

9.1.2.2. Rikonoxximent m'għandux jintbagħat lura waqt li l-koordinament ikun pendenti.

9.1.3. *Trasferiment ta' Komunikazzjoni*

9.1.3.1. Il-metodu li jissinifika l-iskambju attwali ta' komunikazzjoni ta' titjiriet għandu jkun bilateralment miftiehem bejn iż-żewġ Unitajiet ikkonċernati.

9.1.3.2. Il-kundizzjonijiet għandhom ikunu wieħed, jew it-tnejn, ta' dawn li ġejjin:

– l-unità li titrasferixxi tibgħat *Change Of Frequency message* (COF) — Messaġġ ta' Bidla ta' Frekwenza;

– l-unità li taċċetta tibgħat *Manual Assumption of Communication message* (MAS) — Messaġġ ta' Assum Manwali ta' Komunikazzjoni;

9.1.3.3. Il-metodu għandu jkun miftiehem bejn iż-żewġ Unitajiet ta' kull ċaqliq ta' traffiku.

NOTA *Metodi alternattivi jistgħu jkunu użati għal ċaqliqiet differenti, e.g. unità waħda tista' tiġġenera messaġġi COF għal titjiriet li joħorġu mill-ispazju ta' l-ajru tagħha u messaġġi MAS għal titjiriet li jidħlu fl-ispazju ta' l-ajru tagħha. F'każ bħal dan ma jkunx meħtieġ għall-unità l-oħra li ddaħħal xi messaġġi biex tissinifika t-trasferiment ta' komunikazzjoni.*

9.2. **Transfer Initiation Message (TIM) — (messaġġ ta' bidu ta' trasferiment)**

9.2.1. *Skop tal-Messaġġ TIM*

L-iskop tat-TIM huwa biex:

– jissinifika il-avveniment ta' Transfer Initiation (TI) — Bidu ta' trasferiment — (it-tmiem tal-fażi ta' koordinazzjoni u l-bidu tal-fażi tat-trasferiment);

– simultanjament iwassal id-dettalji ta' kontroll eżekuttiv mill-unità li tittrasferixxi lejn l-unità li taċċetta.

9.2.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-messaġġ TIM għandu jkun fih dawn l-elementi ta' dettalji li ġejjin:

– Id-Dettalji obligatorji — il-messaġġ għandu jkun fih:

  – It-Tip ta' messaġġ;

  – In-Numru tal-Messaġġ;

  – L-Identifikazzjoni ta' l-ajruplan;

– Id-dettalji disponibbli — il-messaġġ jista' wkoll ikun fih uħud minn dawl li ġejjin, jekk disponibbli:

  – *Cleared Flight Level* (livell ta' titjira rilaxxata);

  – Direzjoni assenjata jew Rilaxx Dirett;

  – Veloċità assenjata;

  – Rata ta' tlugħ/inżul assenjata;

– Dettalji voluntarji — il-messaġġ jista' wkoll li jkun jinkludi:

  – Pożizzjoni.

NOTA *Regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

9.2.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

9.2.3.1. Ġenerali

9.2.3.1.1. Il-messaġġ TIM għandu jkun iġġenerat u trasmess mill-unità li titrasferixxu lejn l-unità li taċċetta mingħajr intervent uman f'ħin/distanza bilateralment miftiehma tat-titjira mill-fruntiera.

9.2.3.1.2. Messaġġ TIM għandu wkoll ikun awtomatikament mibgħut meta r-Request On Frequency message (ROF) — Messaġġ ta' Talba ta' Frekwenza — ikun wasal għand l-unità li tittrasferixxi.

9.2.3.1.3. TIM m'għandux ikunu mibgħut qabel it-titjira tkun ġiet ikkoordinata.

9.2.3.1.4. Il-messaġġ TIM għandu jkun fih l-aktar dettalji riċenti disponibbli fis-sistema.

9.2.3.2. Parametri ta' Ħin għat-Trasmissjoni

9.2.3.2.1. Il-parametru ta' ġenerazzjoni TIM għandu jkun il-Variable System Parameter - Parametru ta' Sistema Varjabbli, li tista' tkun mibdula, ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet tal-LoA.

9.2.3.2.2. **Rakkomandazzjoni** *Il-parametri tal-ġenerazzjoni tas-sistema TIM għandhom ikunu definiti separatament għal kull COP.*

9.2.3.2.3. Is-sieħba tal-koordinazzjoni għandhom jinkludu l-parametri ta' ġenerazzjoni TIM fil-LoA tagħhom.

9.2.3.2.4. Il-parametru tas-sistema li tazzjona l-messaġġi TIM tista' tkun irrelatata lejn il-velocità ikkalkolata ta' l-art ta' l-ajruplan. B'dana kollu, il-bidu ta' messaġġ TIM għandu dejjem jibda qabel il-pożizzjoni tal-pjan kurrenti tat-titjira ikun aktar qrib mill-COP mid-distanza minima kif speċifikata bilateralment.

9.2.3.2.5. Il-parametri tas-sistema speċifikata għal trasmissjoni TIM għandhom jippermettu ħin suffiċjenti għal koordinazzjoni verbali qabel il-"*hand-over*".

9.2.3.3. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

9.2.3.3.1. Id-dettalji li jaslu f'TIM għandhom ikunu disponibbli lejn il-kontrollur li jaċċetta.

9.2.4. *Rikonoxximent ta' TIM*

9.2.4.1. Rikonoxximent

Jekk messaġġ TIM:

– jista' jkun assoċjat mingħajr ambigwità ma pjan ta' titjira, dan għandu jkun rikonoxxut bil-ġenerazzjoni u t-trasmissjoni ta' messaġġ LAM;

– ma jkunx jista' jiġi assoċjat mingħajr ambigwità ma pjan ta' titjira, l-ebda rikonoxximent m'għandu jintbagħat.

9.2.4.2. Każi ta' l-Ebda Rikonoxximent

Jekk l-ebda messaġġ LAM ma jkun wasal bħala konferma għal messaġġ TIM, twissija għandha tkun murija fil-pożizjoni xierqa.

9.2.5. *Eżempju*

-TITLE TIM -REFDATA -SENDER -FAC L -RECVR -FAC E -SEQNUM 029 -ARCID AMM253

9.3. **Supplementary Data Message (SDM) — (messaġġ ta' dettalji supplementarja)**

9.3.1. *Skop tal-Messaġġ SDM*

9.3.1.1. Ġenerali

9.3.1.1.1. L-iskop primarju ta' l-SDM huwa li jittrasmetti dettalji ta' kontroll u tibdiliet għalihom mill-unità li titrasferixxi lejn l-unità li taċċetta, basta li jkun ġie bilateralment miftiehem li t-tibdiliet ma jkunux jenħtieġu li jiġu rikonoxxuti mill-kontrollur li jaċċetta.

9.3.1.1.2. Il-messaġġ SDM jista' wkoll ikunu użat mill-unità li taċċetta biex jinnotifika lill-unità li tittrasferixxi bil-frekwenza radju-telefonika li lejha t-titjira għandha tkun trasferita.

9.3.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

9.3.2.1. Messaġġi mill-Unità li Tittrasferixxi

Il-messaġġ SDM għandu jkun fih dawn l-elementi ta' dettalji li ġejjin:

- Id-Dettalji obbligatorji — il-messaġġ għandu jkun fih:
  - It-Tip ta' messaġġ;
  - In-Numru tal-Messaġġ;
  - L-Identifikazzjoni ta' l-ajruplan;
- Id-Dettalji addizzjonali — il-messaġġ għandu wkoll ikun fih wieħed, jew aktar, ta' dawn li ġejjin:
  - Id-Direzjoni assenjata jew Rilaxx Dirett;
  - Il-Veloċità assenjata;
  - Ir-Rata ta' tlugħ/inżul assenjata;
  - Il-Livell Rilaxxat ta' Titjira.

9.3.2.2. Messaġġi mill-Unità li Taċċetta

Il-messaġġ SDM għandu jkun fih dawn id-dettalji li ġejjin:

- It-Tip ta' messaġġ;
- In-Numru tal-Messaġġ;
- L-Identifikazzjoni ta' l-ajruplan;
- Il-Frekwenza.

NOTA *Regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

9.3.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

9.3.3.1. Messaġġi mill-Unità li Tittrasferixxi

9.3.3.1.1. Il-messaġġi SDM għandhom ikunu trasmessi wara l-bidu tal-fażi ta' trasferiment (ara TIM, paragrafu 9.2) wara kull bidla f'dawn id-dettalji:

– cleared flight level (il-livell ta' titjira rilaxxata);

– il-veloċità assenjata;

– ir-rata ta' tlugħ/inżul assenjata;

– l-għoli massimu assenjat; jew

– il-ħruġ jew bidla ta' rilaxx għal titjira biex tipproċedi direttament lejn punt speċifikat.

NOTA *Il-messaġġ HOP huwa meħtieġbiex ikun użat meta approvazzjoni mill-kontrollur li jaċċetta tkun meħtieġa qabel it-trasferiment tal-komunikazzjoni.*

9.3.3.1.2. Il-messaġġ għandu jkun fih biss l-oqsma li jkunu nbidlu.

9.3.3.1.3. Messaġġi SDM li jkun fihom id-dettalji deskritti fi 9.3.3.1.1. għandhom ikunu trasmessi qabel TI, jekk miftiehma bilateralment.

9.3.3.1.4. Messaġġi bħal dawn għandhom jibdew f'ħin bilateralment miftiehem li jkun b'relattività lejn TI, basta li jkun hemm dettaji dwarhom fil-valur disponibbli fis-sistema.

9.3.3.2. Messaġġi mill-Unità li Taċċetta

9.3.3.2.1. Messaġġi SDM jistgħu jkunu trasmessi biex jindikaw il-frekwenza li fiha t-titjira għandha tagħmel kuntatt ma' l-unità li taċċetta.

NOTA *Unitajiet jistgħu jaqblu bilateralment biex jibagħtu informazzjoni oħra. Trasferiment bħal dan mhux definit fil, u għalhekk, ma jagħmilx parti minn, dan l-istandard.*

9.3.3.2.2. Messaġġi SDM minn unità li taċċetta għandhom ikunu trasmessi matul il-fażi ta' koordinazzjoni jekk bilateralment miftiehma.

9.3.3.3. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

9.3.3.3.1. Is-sistema ATC li tirċievi messaġġ SDM għandha tipprova assoċjazzjoni mad-dettal korrispondenti ta' pjan ta' titjira.

9.3.3.3.2. Jekk pjan korrispondenti ta' titjira fl-istat ta' koordinazzjoni jinstab:

– LAM għandu jintbagħat lura; u

– il-kontenut operazzjonali tal-messaġġ SDM għandu jsir disponibbli lejn il-kontrollur relevanti.

9.3.3.3.3. Jekk pjan korrispondenti ta' titjira ma jkunx jista' jinstab, jew diskrepanza tinstab li tfixkel il-proċessar korrett tal-messaġġ:

– l-ebda LAM m'għandu jintbagħat lura; u

– twissija għandha tinħareg (*output*) lejn il-pożizzjoni xierqa.

9.3.4. *Rikonoxximent ta' SDM*

9.3.4.1. Rikonoxximent

Il-messaġġ SDM għandu jkun rikonoxxut bil-ġenerazzjoni u t-trasmissjoni ta' messaġġ LAM.

9.3.4.2. Każi ta' l-Ebda Rikonoxximent

Jekk l-ebda messaġġ LAM ma jkun wasal bħala rikonoxximent għal messaġġ SDM, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni xierqa.

9.3.5. *Eżempju*

-TITLE SDM -REFDATA -SENDER -FAC L -RECVR -FAC E -SEQNUM 028 -ARCID AMM253 -AHEAD 290

9.4. **Hand-Over Proposal (HOP) — (Proposta għall-Għoti ta' Responsabilità)**

9.4.1. *Skop tal-Messaġġ HOP*

L-iskop tal-messaġġ HOP huwa:

– għal kontrollur li jittrasferixxi biex jiġbed l-attenzjoni tal-kontrollur li jaċċetta ta' titjira speċjali għal skopijiet ta' "*hand-over*";

– għal kontrollur li jittrasferixxi biex jipproponi t-titjira għal "*hand-over*" lejn il-kontrollur li jaċċetta meta jkun meħtieġ li jsir dan;

– li jwassal modifikazzjonijiet lejn dettalji ta' kontroll eżekuttiv li jenħtieġ l-approvazzjoni tal-kontrollur li jaċċetta, kif bilateralment miftiehem.

Mhux meħtieġ li jkun użat HOP għat-titjiriet kollha; dan huwa użat fid-diskrezzjoni tal-kontrollur li jitrasferixxi.

NOTA *Fir-rigward tal-paragrafu ċ) ta' hawn fuq, l-SDM hija użata biex twassal modifiki lejn id-dettalji ta' kontroll eżekuttiv li ma jkunux jenħtieġu l-approvazzjoni tal-kontrollur li jaċċetta.*

9.4.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-messaġġ HOP għandu jkun fih dawn l-elementi ta' dettalji li ġejjin:

– Id-Dettalji obligatorji — il-messaġġ għandu jkun fih:

  – It-Tip ta' messaġġ;

  – In-Numru tal-Messaġġ;

  – L-Identifikazzjoni ta' l-ajruplan;

– id-dettalji disponibbli — il-messaġġ jista' wkoll ikun fih uħud minn dawn li ġejjin, jekk disponibbli:

  – *Cleared Flight Level* (il-livell ta' titjira rilaxxata);

  – L-Għoli Massimu/Direzzjoni Rilaxxata;

  – Il-Veloċità assenjata;

  – Ir-Rata ta' tlugħ/inżul assenjata;

– Id-Dettalji voluntarji- il-messaġġ jista' wkoll li jkun jinkludi:

  – l-Pożizzjoni.

NOTA *Regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

9.4.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

9.4.3.1. Ġenerali

9.4.3.1.1. Il-messaġġ HOP għandu jkun mibdi manwalment mill-kontrollur li jittrasferixxi.

9.4.3.1.2. Il-messaġġ għandu jinkludi xi dettalji tat-titjira deskritti fil-paragrafu 9.4.2. li jkunu inbidlu minn dawk trasmessi qabel.

9.4.3.1.3. Jekk messaġġ HOP jintbagħat qabel TI, il-fażi tat-Trasferiment għandha tkun mibdija.

NOTA *Transfer Initiation Message (TIM) — Messaġġ ta' Bidu ta' Trasferiment — mhux meħtieġ b'żieda mal-HOP.*

9.4.3.1.4. L-aktar ħin kmieni jew distanza qabel il-COP jew fruntiera li fiha HOP jista' jintbagħat għandu jkun bilateralment miftiehem.

9.4.3.1.5. **Rakkomandazzjoni** *Il-ħin/distanza għandha tkun speċifikata separatament għal kull COP.*

9.4.3.2. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

9.4.3.2.1. Is-sistema ATC li tirċievi messaġġ HOP għandha tipprova assoċjazzjoni mad-dettal korrispondenti ta' pjan ta' titjira.

9.4.3.2.2. Id-dettal ta' titjira imwassal fil-messaġġ għandu jkun muri immedjatament lill-kontrollur li jaċċetta.

9.4.3.2.3. Jekk il-kontrollur li jaċċetta, jaċċetta t-titjira permezz tal-kundizzjonijiet proposti fil-HOP, ROF jista' jintbagħat b'reazzjoni lejn l-unità li titrasferixxi. Meta bilateralment miftiehem, ACP jista' jintbagħat bħala tweġiba lejn HOP.

9.4.3.2.4. Jekk il-kontrollur li jaċċetta ma jkunx jista' jaċċetta titjira, it-trasferiment għandu jkun miftiehem bilateralment.

NOTA *Minħabba l-urġenza ta' proċedura tal-"hand-over", sostenn ta' sistema fil-monitoraġġ dwar ir-ritorn tal-HOF (jew ACP) mhux meħtieġ b'dan l-istandard; huwa assumit li l-kontrollur li jittrasferixxi għandu jkun konxju sewwa tan-nuqqas ta' reazzjoni mill-kontrollur li jaċċetta u għandu jieħu l-azzjoni meħtieġa. B'dana kollu, dan l-istandard ma tfixkilx twissija milli tkun ipprovduta lejn il-kontrollur li jittrasferixxi jekk ikun meqjus operazzjonalment meħtieġ.*

9.4.3.2.5. Malli ROF (jew ACP) ikun wasal, id-dettal ta' messaġġ HOP isir operazzjonalment jorbot fuq iż-żewġ Unitajiet ATC.

9.4.4. *Rikonoxximent ta' HOP*

9.4.4.1. Rikonoxximent

Jekk jista' jkun assoċjat ma' pjan ta' titjira, il-messaġġ HOP għandu jkun awtomatikament rikonoxximent minn LAM.

9.4.4.2. Każi ta' l-Ebda Rikonoxximent

Jekk l-ebda messaġġ LAM ma jkun wasal bħala rikonoxximent għal messaġġ HOP, twissija għandha tkun murija fil-pożizjoni xierqa.

9.4.5. *Eżempju*

-TITLE HOP -REFDATA -SENDER -FAC L -RECVR -FAC E -SEQNUM 030 -ARCID AMM253 -CFL F190 -ASPEED N0420 -RATE D25 -DCT BEN STJ

9.5. **Request On Frequency Message (ROF) — (messaġġ dwar talba ta' frekwenza)**

9.5.1. *Skop tal-Messaġġ ROF*

Il-ROF huwa mibgħut mill-unità li taċċetta lejn l-unità li tittrasferixxi, meta meħtieġ, u jitlob lill-kontrollur li jitrasferixxi biex jagħti struzzjoni lill-ajruplan biex jibdel il-frekwenza tal-kontrollur li jaċċetta. Il-messaġġjista jkun użat:

– bi tweġiba għal HOP biex jissinifika l-aċċettazzjoni tat-titjira permezz tal-kundizzjonijiet proposti;

– biex jitlob trasferiment kmieni għat-titjira.

9.5.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-messaġġ ROF għandu jkun fih dawn l-elementi ta' dettalji li ġejjin:

– Id-Dettalji obligatorji — il-messaġġ għandu jkun fih:

  – It-Tip ta' messaġġ;

  – In-Numru tal-Messaġġ;

  – L-Identifikazzjoni ta' l-ajruplan;

– Id-Dettalji voluntarji il-messaġġ jista' wkoll ikun jinkludi:

  – Il-Frekwenza.

NOTA *Regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

9.5.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

9.5.3.1. Ġenerali

9.5.3.1.1. Il-messaġġ ROF għandu jkun mibdi manwalment mill-kontrollur li jaċċetta.

9.5.3.1.2. Il-kontrollur li jaċċetta jista' jazzjona ROF, jew:

– meta l-kontrollur li jaċċetta jenħtieġli jkollu l-ajruplan kmieni fuq frekwenza;

– bi tweġiba ta' messaġġ HOP.

9.5.3.2. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

9.5.3.2.1. Is-sistema ATC li tirċievi messaġġ ROF għandha tipprova assoċjazzjoni mad-dettal korrispondenti ta' pjan ta' titjira.

9.5.3.2.2. Il-wasla ta' ROF għandha tkun indikata lejn il-kontrollur li jittrasferixxi mingħajr dewmien.

9.5.3.2.3. Jekk it-titjira ma tkunx fil-fażi ta' Trasferiment, il-fażi ta' Trasferiment għandha tkun mibdija u l-messaġġ TIM għandu jkun trasmess.

9.5.4. *Rikonoxximent ta' ROF*

9.5.4.1. Rikonoxximent

9.5.4.1.1. Jekk il-messaġġ ROF jista' jkun assoċjat mingħajr ambigwità ma' pjan ta' titjira, dan għandu jkun rikonoxxut bil-ġenerazzjoni u t-trasmissjoni ta' messaġġ LAM.

9.5.4.1.2. Jekk messaġġ ROF ma jkunx jista' jiġi assoċjat mingħajr ambigwità ma' pjan ta' titjira, l-ebda rikonoxximent m'għandu jintbagħat.

9.5.4.2. Każi ta' l-Ebda Rikonoxximent

Jekk l-ebda messaġġ LAM ma jkun wasal bħala rikonoxximent għal messaġġ ROF, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni xierqa.

9.5.5. *Eżempju*

-TITLE ROF -REFDATA -SENDER -FAC L -RECVR -FAC E -SEQNUM 030 -ARCID AMM253

9.6. **Change of Frequency Message (COF) — (messaġġ ta' tibdil ta' frekwenza)**

9.6.1. *Skop tal-Messaġġ COF*

9.6.1.1. Ġenerali

9.6.1.1.1. Il-COF ikun mibgħut mill-unità li tittrasferixxi lejn l-unità li taċċetta, biex tindika li t-titjira tkun ingħatat istruzzjoni biex tikkontattja lill-kontrollur li jaċċetta.

9.6.1.1.2. Il-messaġġ jista' jinkludi l-faċilità għal kontrollur li jittrasferixxi biex jirrilaxxa t-titjira mill-kundizzjonijiet ta' trasferiment miftiehma li hija tkun stabbiliet komunikazzjoni bir-radju mal-kontrollur li jaċċetta.

9.6.2. *Kontenut ta' Messaġġ*

Il-messaġġ COF għandu jkun fih dawn l-elementi ta' dettalji li ġejjin:

- Id-Dettalji obligatorji — il-messaġġ għandu jkun fih:
  - It-Tip ta' messaġġ;
  - In-Numru tal-Messaġġ;
  - L-Identifikazzjoni ta' l-ajruplan;
- Id-dettalji disponibbli: il-messaġġ jista' wkoll ikun fih uħud minn dawl li ġejjin, jekk disponibbli:
  - L-Indikazzjoni ta' Rilaxx;
  - Il-Frekwenza;
  - *Cleared Flight Level* (Il-livell ta' titjira rilaxxata);
  - Id-Direzzjoni assenjata jew Rilaxx Dirett;
  - Il-Veloċità assenjata;
  - Ir-Rata ta' tlugħ/inżul assenjata;
- Id-Dettalji voluntarji — il-messaġġ jista' wkoll li jkun jinkludi:
  - Il-Pożizzjoni.

NOTA *Regoli tad-dħul ta' dettalji, formati u kontenuti ta' oqsma huma speċifikati fl-Anness A.*

9.6.3. *Regoli ta' Applikazzjoni*

9.6.3.1. Ġenerali

9.6.3.1.1. Il-messaġġ COF għandu jkun mibdi manwalment mill-kontrollur li jittrasferixxi.

9.6.3.1.2. L-użu tal-messaġġ COF huwa obbligatorju jekk, bi ftehim bilaterali, il-messaġġ MAS ma jkunx użat.

9.6.3.1.3. Jekk messaġġ COF jintbagħat qabel TI, il-fażi tat-Trasferiment għandha tkun mibdija.

NOTA *Transfer Initiation Message (TIM) — Messaġġ ta' Bidu ta' Trasferiment — mhux meħtieġ b'żieda mal-COF.*

9.6.3.2. Proċessar fl-Unità li Tirċievi

9.6.3.2.1. Is-sistema ATC li tirċievi messaġġ COF għandha tipprova assoċjazzjoni mad-dettal korrispondenti ta' pjan ta' titjira.

9.6.3.2.2. Il-wasla ta' COF għandha tkun indikata mingħajr dewmien lejn il-kontrollur li jaċċetta.

9.6.4. *Rikonoxximent ta' COF*

9.6.4.1. Rikonoxximent

9.6.4.1.1. Jekk il-messaġġ COF jista' jkun assoċjat mingħajr ambigwità ma' pjan ta' titjira, dan għandu jkun rikonoxxut bil-ġenerazzjoni u t-trasmissjoni ta' messaġġ LAM.

9.6.4.1.2. Jekk messaġġ COF ma jkunx jista' jiġi assoċjat mingħajr ambigwità ma pjan ta' titjira, l-ebda rikonoxximent m'għandha tintbgħat.

9.6.4.2. Każi ta' l-Ebda Rikonoxximent

Jekk l-ebda messaġġ LAM ma jkun wasal bħala rikonoxximent għal messaġġ COP, twissija għandha tkun murija fil-pożizzjoni ATC xierqa.

9.6.5. *Eżempji*

-TITLE COF -REFDATA -SENDER -FAC L -RECVR -FAC E -SEQNUM 030 -ARCID AMM253

9.7. ***Manual Assumption of Communications Message* (MAS) — (messaġġ dwar it-teħid manwali ta' komunikazzjoni)**

9.7.1. *Skop tal-Messaġġ MAS*


4.2.10. Oqsma komposti huma ta' żewġtipi, oqsma strutturati jew oqsma fil-listi.

4.2.11. Oqsma strutturati għandhom kontenut pre-definit magħmul esklussivament minn sub-oqsma. L-ordni ta' sub-oqsma f'qasam strutturat MHUX sinifikanti.

4.2.12. Oqsma fil-listi huma introdotti bil-*keyword* BEGIN (ibda) u itterminati bil-*keywork* END (ieqaf). Bejn dawn, ripetizzjonijiet ta' l-istess sub-qasam jew għaqda ta' sub-oqsma tista' sseħħ. L-orndi ta' kif iseħħu fil-qasam bl-lista huwa semantikament sinifikanti.

4.2.13. F'dawn li ġejjin, it-terminu "qasam" għandu jkun użat ġenerikalment biex ifisser primarja u/jew sub-qasam, ħlief meta espliċitament kwalifikat mod ieħor.

4.2.14. Oqsma fil-messaġġ jistgħu jkunu voluntarji jew obbligatorji, kif definit fis-sintassi tagħhom.

4.3. **Oqsma mhux rikonoxxuti**

4.3.1. Jekk fil-messaġġ jidher qasam mhux magħruf, dan għandu jkun injorat.

4.3.2. Fi kliem ieħor, jekk is-sistema li tanalizza l-messaġġ ma tirrikonoxxix *keyword*, it-test kollu sal-Qasam Primarju li jmiss, li mhux f'Qasam ta' Lista, għandu jkun injorat.

4.3.3. Jiddependi mit-titolu tal-messaġġ, il-qasam injorat jista' jew ma jistax joħloq ċaħda tal-messaġġ li jkun qiegħed jiġi mibgħut.

NOTA *Għandu jkun innutat li għalkemm ADEXP hija ddisinjata biex tipprovdi dan it-tip ta' flessibilità, hija fid-diskrezzjoni ta' dawk responsabbli biex jiddefenixxu l-ħtiġiet ta' l-interface, biex jindikaw, għal kull messaġġ, kif is-sistema għandha tirreaġixxi għal qasam mhux rikonoxxut.*

4.3.4. Jekk qasam mhux rikonoxxut huwa qasam f'lista, (dan ikun instab minħabba l- — BEGIN Keyword), allura l-kontenut kollu tiegħu (sal-korrispondenti — END *keyword*) huwa injorat.

4.3.5. Sa biex tkun evitata xi ambigwità matul l-irkupru li jsegwi l-qbiż tal-qasam mhux rikonoxxut, huwa meħtieġ li *keyword* tintroduċi jew qasam primarji, jew sub-qasam.

4.3.6. Dan jippermetti d-definizzjoni ta' żewġ tipi ta' keywords:

– Primary keywords (primarji);

– Sub-keywords (sekondarji).

4.3.7. La darba hija definita bħala li hija tip wieħed, *keyword* m'għandhiex aktar tintuża fi grupp iehor ta' messaġġi bħal fit-tip l-ieħor, bl-eċċezzjoni waħda meta din tkun fil-qasam ta' lista. Huwa possibbli li jkun hemm ġrajjiet ġewwinija ta' *keyword* primarja fi kwalunkwe post f'qasam ta' lista minħajr ma tinħoloq ambigwità, la darba l-preżenza ta' BEGIN *keyword* tindika li aħna nistgħu nikkonsidraw il-ġrajja ġewwinija bħala sub-qasam.

Eżempji (ta' użu ta' tipi ta' *keyword*)

1) *Qasam Primarju*

-RFL F330

2) *Qasam Skondarju*: dejjem fil "Qasam Kompost"

-GEO -GEOID 01 -LATTD 520000N -LONGTD 0150000W

meta -GEO huwa primarju f'qasam kompost u -GEOID, -LATTD u LONGTD huma l-oqsma sekondarji kollha.

3) *Lista ta' Qasam*

-BEGIN RTEPTS -PT -PTID CMB -ETO 9305091430 -RFL F370 -PT -PTID

.....

-END RTEPTS

meta "-BEGIN" hija fil-lista ta' qasam indikatur u "RTEPTS" hija qasam primarju.

NOTA *"RFL" hija definita bħala qasam primarju. L-inklużjoni f'lista ta' qasam hija l-unika ġrajja meta qasam primarju jista' jkun użat bħala qasam sekondarju. (Ara Eżempju 3 hawn fuq)*

5. REGOLI ADEXP SINTASSI

5.1. Elementi Lessikali

5.1.1. *Sett ta' Karattri*

5.1.1.1. Is-sett ta' karattri li għandu jkun użat fl-iskambju ta' messaġġi fil-format ADEXP għandu jkun (L- Alfabett-Numeriku Internazzjonali 5) International Alphabet Number 5 (IA-5) kif definit fir-Referenza 1.

5.1.1.2. Il-format ADEXP huwa ddisinjat bħala skambju ta' l-informazzjoni b'format minn kompjuter lejn kompjuter li jista' jkun trasmess fuq diversi oqsma ta' kompjuter jew fuq rabtiet dedikati kompjuter-kompjuter. B'żieda, ħtieġa teżisti biex ikun jista' li jsir skambju ta' uħud mill-messaġġi ADEXP, tipikament Pjanar ta' Titjira u ATFM relatati, fuq il-Aeronautical Fixed Telecommunication Network (AFTN) — (Qafas Fiss ta' Telekomunikazzjonijiet Awronawtiċi).

5.1.1.3. Messaġġi li jistgħu jkunu meħtieġa li jkunu trasmessi via AFTN għandhom ikollhom is-sett ta' karattri restritt għal dawk il-karattri li jkollhom korrelazzjoni diretta bejn International Telegraph Alphabet Number 2 (ITA-2) u IA-5, kif definit fir-Referenza 1.

NOTA *Apparti mill-karattri grafiċi u effetturi ta' formati kif definiti hawn taħt, is-sett ta' karattri ITA-2 jiddefinixxu "sinjali" (bħal żigarella mtaqqba, per eżempju). Ma humiex parti minn sett ta' karattri permissibbli għal messaġġi ADEXP.*

5.1.1.4. Il-karattri li huma permissibbli għall-użu fil-messaġġi ADEXP li jistgħu jkunu trasmessi via AFTN, huma l-karattri grafiċi u l-formati effetturi kif definiti hawn taħt:

Karattri Grafiċi

a) ittri Kbar (A sa Z)

b) numri (0 sa 9)

ċ) karattri grafiċi speċjali, kif ġej:

1) karattru spazju " "

2) parentesi miftuħa "("

3) parentesi magħluqa ")"

4) rig (*hyphen*) "-"

5) sinjal ta' mistoqsija "?"

6) żewġ punti (żewġ tikek fuq xulxin) ":"

7) punt (it-tikka) "."

8) virgola ","

9) appostrofu "'"

10) is-sinjal "egwali" "="

11) is-sinjal ta' għadd "+"

12) oblique "/"

Effetturi ta' Formati

a) *Carriage-Return*

b) *Line-Feed*

5.1.2. *Dettalji Bażiċi Lessikali*

Dawn id-dettalji bażiċi lessikali li ġejjin huma definiti għall-użu f'din l-ispeċifikazzjoni:

– ALPHA ::= 'A'|'B'|'C'|'D'|'E'|'F'|'G'|'H'|'I'|'J'|'K'|'L'|'M'|'N'|'O'|'P'|'Q'|'R'|'S'|'T'|'U'|'V'|'W'|'X'|'Y'|'Z'

– DIGIT ::= '0' | '1' | '2' | '3' | '4' | '5' | '6' | '7' | '8' | '9'

– ALPHANUM ::= ALPHA | DIGIT

– SPAZJU ::= ' '

– HYPHEN ::= '–'

– FEF::= *Carriage_return* | *Line_Feed*

– SEP::= 1{SPACE | FEF }

– SPECIAL (Speċjali)::= SPACE |' (' |')' |'?' |':' |'.' |',' |'"' |'=' |'+' |'/'

– CHARACTER::= ALPHA |DIGIT |SPECIAL |FEF |HYPHEN

– LIM_CHAR::= ALPHA |DIGIT |SPECIAL |FEF

– START-OF-FIELD::= HYPHEN

NOTA *LIM_CHAR jirrappreżenta xi karattru permissibbli ħlief HYPHEN li huwa rriservat biex jindika il-bidu ta' qasam. Bil-maqlub, CHARACTER jirrappreżenta xi element permissibbli fis-sett ta' karattri.*

5.1.3. *Linji, Separaturi u Delimitaturi*

5.1.3.1. Id-diviżjoni f'linji tat-test ta' messaġġ m'għandu jkollha l-ebda effett sintatttiku.

5.1.3.2. Separatur jista' jkun karattru ta' spazju jew effettur ta' format.

5.1.3.3. Oqsma għandhom ikunu dilineati biss fil-preżenza ta' karattru *start-of-field* segwit b'*keyword*.

5.1.3.4. Għalhekk il-messaġġ kollu jista' legalment ikunu fuq linja waħda.

5.1.4. *Valuri Issenjalati*

5.1.4.1. Jista' wkoll ikun meħtieġ li jkunu indikati l-valuri numeriċi bħala li huma negattivi.

5.1.4.2. Oqsma li huma meħtieġa biex jindikaw valur negattiv għandhom, fid-definizzjoni tas-sintassi tagħhom, espliċitament jindikaw il-valur bħala li huma "valur sinjalat" i.e. bħala li huwa jew pożittiv inkella negattiv. Qasam li ma jkunx hekk ġie definit ma jistax jirrappreżenta valur negattiv.

5.1.4.3. "Valur sinjalat" jista' dejjem ikun preċedut jew mill-ittra "N" li tifisser negattiv, jew "P" li tfisser pożittiv. Valur żero jista' jkun preċedut jew minn "N" inkella "P".

5.1.4.4. Is-sintassi ta' qasam li jippermetti "valur sinjalat" għandha tkun kif ġej:

'-' "KEYWORD"("P"|"N")! 1{DIGIT}

Eżempju *Il-qasam imsejjaħ "NUMRU" li jista' jkun fih valur negattiv ta' minn wieħed sa tmien figuri jista' jkun definit bħala:*

'-' "NUMBER"("P"|"N")! 1{DIGIT}8

Għalhekk:	-NUMBER P5	–	valur ta' "numru" huwa + 5
	-NUMBER N5	–	valur ta' "numru" huwa -5
	-NUMBER 5	–	sintassi invalida, jew "P" inkella "N" għandha tkun preżenti

5.1.5. *Keywords*

5.1.5.1. Keyword hija xi sekwenza ta' ittri kapitali jew figuri. Din tintroduċi qasam biss meta tkun ippreċeduta mill-karattru *start-of-field* ("-").

keyword::= 1{ ALPHANUM }

5.1.5.2. *Keyword* għandha tkun konformi ma' dan is-sintassi li ġej:

'-'!{SEP}!"KEYWORD"!1{SEP}! <subfield/s or contained value> < sub-qasam/oqsma jew il-kontenut tal-valur>

i.e. *keyword* għandha tkun separata mill "start-of-field character" tagħha b'żero jew aktar separaturi. Għandha tkun segwita immedjatament b'wieħed jew aktar separaturi, segwiti bir-relevanti oqsma sekondarji jew il-valur kontenut.

NOTA *Huwa importanti li jkun innutat li keyword u l-karattru start-of-field preċedenti jista' jkun separat b'xi numru ta' separaturi, inkluži xejn.*

Eżempji *(Dawn is-sekwenzi li ġejjin kollha validatament jintroduċu qasam)*

1) - TITLE IFPL

2) - TITLE IFPL

3) - TITLE IFPL

4) - TITLE IFPL

5.1.5.3. **Rakkomandazzjoni** *Hija prattika rrakkomandata li jkun evitat l-użu ta' separatur bejn il-karattru start-of-field "-" u l-keywords sussegwenti.*

NOTA

1) Fl-eżempji ta' hawn fuq, l-ewwel ġrajja hija l-għażla rakkomandata.

2) Huwa wkoll importanti li jkun innutat li *keyword* għandha tkun immedjatament segwita b'mill-anqas separatur wieħed.

5.1.5.4. Matul id-dokument il-konkatenazzjoni ta' dettalji separati b'mill-anqas separatur wieħed huwa impliċitament rappreżentat bin-notazzjoni ta' "*Lose Concatenation*" ("Konkatenazzjoni laxka")(ara 3.5).

NOTA: *Bħalma sejjer ikun spjegat aktar tard, keywords jintroduċu wkoll listi ta' oqsma meta dawn ikunu ippreċeduti bil keyword BEGIN.*

5.1.5.5. *Keywords* għandhom ikunu qosra kemm jista' jkun possibbli waqt li jibqgħu jagħmlu sens semantikament.

5.1.5.6. Il-*keywords* pre-definiti tal-format ADEXP li huma elenkati hawn taħt m'għandhomx ikunu definiti mill-ġdid jew użati fi rwol differenti, fl-użu speċifikat tal-format:

TITLE (TITOLU):	jidentifika kategorija ta' messaġġi u jiddiffenixxi is-sett korrispondenti ta' oqsma primarji permissibbli;
BEGIN (BIDU):	jidentifika l-bidu ta' lista ta' qasam;
END (TMIEM):	jidentifika t-tmiem ta' lista ta' qasam;
COMMENT (KUMMENT):	jidentifika qasam COMMENT.

5.1.5.7. Sabiex tkun evitata ambigwità (użu ddupplikat ta' l-istess *keyword* b'tifsiriet differenti) jew ta' mingħajr ħtieġa (*keywords* differenti bl-istess tifsira), Tabella ta' Definizjoni Ċentrali ta' Oqsma Primarji (*Central Definition Table of Primary Fields*), (i..e. *keywords* primarji) tinsab f'dan l-istandard fl-Anness A (A3) u t-Tabella ta' Definizjoni Ċentrali ta' Oqsma Sekondarji (i.e. *sub-keywords*) tinsab wkoll fl-Anness A (A4).

5.2. **Oqsma**

5.2.1. *Qasam ta' Sintassi*

field::= basic_field |structured_field |list_field

basic_field::= '-' keyword contained_values

contained_values::= {CHARACTER}

list_field::= '-' "BEGIN" keyword {subfields} '-' "END" keyword

structured_field::= '-' keyword field_1 field_2…field_n

NOTA *Bħal ma sejjer ikun muri, fil-każ ta' oqsma ta' listi, il-keyword ma tkunx ippreċeduta direttament bil "-" imma bil "-" "BEGIN" construct.*

5.2.2. *Kompożizzjoni ta' Messaġġ f'Termini ta' Oqsma*

5.2.2.1. L-ewwel qasam ta' messaġġ ADEXP għandu dejjem ikun il-qasam TITLE. (i.e. il-qasam introdott bil-*keyword* TITLE).

5.2.2.2. Il-kumplament tal-kontenuti ta' messaġġ f'termini fl-oqsma primarji tiegħu, għandhom ikunu definiti bit-TITLE tagħhom.

5.2.2.3. Is-sintassi ta' messaġġi li jikkorrispondu ma' TITLE partikolari għandhom ikunu definiti fl-oqsma li jkunu fihom (definiti bil *keywords* tagħhom):

– L-isem u l-kontenut permissibbli fl-oqsma primarji tiegħu;

– L-isem u l-kontenut permissibbli fl-oqsma sekondarji tiegħu;

5.2.3. *Oqsma Bażiċi*

5.2.3.1. Is-sintassi ta' qasam bażiku għandhom ikunu kif ġej:

basic_field::= '-' keyword contained_values

5.2.3.2. "Contained_values" (valuri miġbura) tiddefinixxi t-test li jipprovdi l-valur ta' qasam, u ma jistax jintroduċi xi qasam sekondarju.

Regola bħala eżempju arctyp::= '-' "ARCTYP" (icaoaircrafttype |"ZZZZ")

NOTA

1) Ekwivalenti ta' regola espliċita hija:

arctyp::= '-'!{SEP}!"ARCTYP"!1{SEP}!(icaoaircrafttype |"ZZZZ").

2) Eżempju ta' porzjon fil-messaġġ huwa: "-ARCTYP ZZZZ".

5.2.3.3. **Rakkomandazzjoni** *Meta jkun hemm aktar minn żewġ valuri inklużi fil-qasam bażiku u jkun hemm, b'żieda, il-ħtieġa li tkun espressa "selezjoni" jew "għażla" fost il-valuri, huwa irrakkomandat li l-qasam isir qasam strutturat u li jinkludi l-valuri inklużi f'dawk l-oqsma sekondarji.*

5.2.4. *Oqsma ta' Listi*

5.2.4.1. Is-sintassi ta' oqsma ta' listi (*list fields*) għandhom ikunu kif ġej:

list_field::='-' "BEGIN" keyword { subfields } '-' "END" keyword

5.2.4.2. Is-"subfields" ("sub-oqsma") jistgħu jkunu ġabra ta' oqsma sekondarji, li l-ġrajja tagħhom tista' tkun tidher bħala żero jew aktar drabi fil-qasam tal-lista.

5.2.4.3. Il-lista ta' oqsma sekondarji miġbura f'qasam ta' lista partikolari għandhom jiffurmaw sett ordinat (l-ordni ta' oqsma sekondarji huwa sinifikanti).

Regola bħala eżempju addr::= '-' "BEGIN""ADDR" { fac } '-' "END" "ADDR"

NOTA

1) Dan l-eżempju juri li qasam "addr" huwa qasam ta' lista li jkun fih 0 jew aktar ġrajjiet ta' qasam sekondarju "fac" (bħala faċilità ATS).

2) Eżempju tal-porzjon ta' messaġġ li juri ADDR bħala qasam ta' lista li jkun fih l-oqsma sekondarji FAC huwa:

-BEGIN ADDR -FAC LLEVZPZX -FAC LFFFZQZX -END ADDR.

3) Eżempju ta' porzjon ta' messaġġ li juri għaqda ta' oqsma sekondarji huwa:

xxx::= '-' "BEGIN" "XXX" { yyy |zzz } '-' "END" "XXX".

5.2.5. *Oqsma Strutturati*

5.2.5.1. Is-sintassi ta' oqsma strutturati għandhom ikunu kif ġej:

structured_field::= '-' keyword field_1 field_2…field_n

5.2.5.2. Il-permissibbli li jinstab fl-oqsma sekondarji f'qasam strutturat partikolari għandu jiddependi mill-qasam strutturat innifsu.

5.2.5.3. L-ordni ta' kif jidhru l-oqsma sekondarji f'qasam strutturat m'għandux ikunu sinifikanti, li jippermetti għall-estenzjonijiet faċli fil-futur (b'żieda ta' oqsma sekondarji miġbura).

Regola bħala eżempju pt::= '-' "PT" ptid (fl) (eto)

NOTI

1) Din tiddefinixxi l-qasam "pt" bħala qasam strutturat li jkun fih punt (qasam sekondarju "ptid"), b'għażla segwit b'livell ikkalkolat ta' titjira (qasam sekondarju "fl"), b'għażla segwit b'ħin ikkalkolat fuq il-punt (qasam sekondarju "eto").

2) Eżempju ta' ġrajja ta' dak il-qasam jista' jkun, per eżempju:

"-PT -PTID RMS -FL F250 -ETO 921225120000".

5.2.5.4. **Rakkomandazzjoni** *Kull meta jkun jinħass li l-kontenut ta' qasam jista jevolvi fil-futur, ikun aħjar li dan isir qasam strutturat. Dan għandu jippermetti estenzjonijiet progressivi ta' l-oqsma sekondarji tiegħu. Għall-kuntrarju, qasam bażiku jista' jkun aktar sempliċi jew aktar familjarji fl-użu, imma jimponi sekwenza fissa ta' elementi (valuri) b'possibiltajiet ta' estenzjoni ferm imnaqqsa.*

5.2.6. *The COMMENT Field (Il-Qasam ta' Kumment)*

5.2.6.1. Il-qasam kumment jintroduċi żona ta' test ħieles meta l-karattri disponibbli kollha b'eċċezzjonijiet ta' karattru start-of-field ("-") jista jkun użat, u li jestendi għall-qasam li jmiss.

comment::= '-' "COMMENT" { LIM_CHAR }

Eżempju

(KUMMENT, DAN HUWA L-BIDU TA' ŻONA ĦIELSA TA' ROTTA TA' TEST)

5.2.7. *The TITLE Field (Il-Qasam TITOLU)*

5.2.7.1. L-ewwel qasam ta' messaġġ ADEXP għandu dejjem ikunu il-qasam TITLE. Is-sintassi tagħhom għandhom ikunu kif ġej:

title::= '-' "TITLE" 1{ ALPHA }10

5.2.7.2. Il-valuri possibbli ta' dan il-qasam titolu jokkonsisti fis-sett ta' messaġġi titoli ADEXP, kif elenkati fl-Anness B ta' dan l-istandard.

Eżempju -TITLE IFPL

6. DESKRIZZJONI NORMALIZZATA TA' MESSAĠĠI ADEXP

6.1. Introduzzjoni

6.1.1. Dawn il-paragrafi li ġejjin jiddefinixxu kif il-format ADEXP ta' kategoriji differenti ta' messaġġi għandhom ikunu deskritti b'mod normalizzat, fil-qafas ta' l-istandard preżenti.

6.1.2. Id-deskrizzjoni Normalizzata tinvolvi:

- Definizzjoni ta' termini awżiljarji;
- Definizzjoni tas-sintassi ta' kull qasam primarju individwali u tas-semantiċi;
- Definizzjoni tas-sintassi ta' kull qasam sekondarju individwali u tas-semantiċi;
- Definizzjoni ta' kull grupp ta' messaġġi b'referenza għad-dokumenti tad-definizzjoni tagħhom.

6.1.3. Dan l-istandard ma jipprovdix id-dettal li jirrigwardja l-kompożizzjoni tal-qasam u r-regola taż-żieda ta' dettalji għal kull messaġġtitolu.

6.1.4. Referenza għandha ssir għad-dokumentazzjoni li tiddefinixxi (*Interface Specification*) li huma applikabbli għal grupp ta' messaġġi relevanti (Ara t-taqsima 6.5.7).

6.1.5. Dokumentazzjoni li tiddefinixxi għandha tipprovdi, f'manjiera normalizzata, l-informazzjoni li ġejja għal kull messaġġ titolu:

– lista ta' oqsma primarji obbligatorji;

– lista ta' oqsma primarji voluntarji;

– ir-regoli tad-dħul ta' dettalji għal kull qasam, u partikolarment, ir-regoli li jikkonċernaw l-użu ta' oqsma sekondarji definiti bħala voluntarji ta' dan l-istandard;

– ir-regoli li jikkonċernaw irkupru wara li jkun ġie misjub qasam li ma jkunx rikonoxxut.

6.1.6. L-oqsma preżentament definiti u miftiehma matul l-Istati Membri tal-Eurocontrol għall-użu fil-kategoriji differenti ta' messaġġi li kienu ġew definiti għall-użu billi jużaw ADEXP, huma dawk ipprovduti fl-Anness A ta' dan id-dokument.

6.1.7. Qasam m'għandux ikun użat għal skop apparti minn dak speċifikat fid-deskrizzjoni semantika tiegħu.

6.1.8. Indiċi ċentrali ta' oqsma riservati huma fornuti fl-Anness B. "*Reserved fields*" ma kinux ġew miftiehma għall-użu fil-messaġġi preżenti definiti ADEXP. Tipikament dawn huma oqsma li kienu ġew previsti għal użu futur possibbli, jew inkella huma użati lokalment fis-sistemi nazzjonali. L-iskop li dawn ikunu inklużi f'dan l-istandard huwa biex jgħin ħalli jkun assigurat il-qasam uniku ta' titoli u jkun evitat in-nuqqas ta' ħtieġa mingħajr bżonn.

6.2. **Termini Awżiljarji**

6.2.1. Sabiex tkun ipprovduta definizzjoni leġibli ta' oqsma, ta' spiss huwa utili li jkunu introdotti termini awżiljarji fid-deskrizzjoni grammatikali.

6.2.2. Termini awżiljari ma jintroduċux qasam jew sub-qasam u għalhekk, ma humiex assoċjati ma' *keyword* partikolari. B'danakollu, dawn jistgħu jidhru fid-definizzjoni ta' aktar minn qasam wieħed, jew qasam sekondarju, jew awżiljarju. Per eżempju termi awżiljarji bħal ma hija "date" jistgħu jkunu użati fid-definizzjoni ta' ħafna oqsma.

6.2.3. It-termini awżiljarji kollha meħtieġa għandhom ikunu introdotti f'ordni alfabetika u huma definiti fl-Anness A (A2) ta' dan l-istandard.

6.2.4. Id-deskrizzjoni tista' tkun ippreżentata f'tabella kif ġej, f'ordni alfabetiku:

Terminu Awżiljarju	Sintassi	Semantiċi	Użati f'Qasam Primarju	Użati f'Qasam Sekondarju	Użati f'Awżiljarju
adexpmsg	{ CHARACTER }	Kontest liberu li huwa konformi mas-sintassi deskritta għal messaġġ ADEXP		ifpdlong rfpdlong preproctxt postproctxt	
aidequipment	(('N' |'S')! [equipmentcode])| equipmentcode	Kommunikazzjoni ta' navigazzjoni bir-radju u tagħmir ta' għajnuna ta' resqien.	ceqpt		
aircraftid	1{ ALPHANUM }7	Identifikazzjoni ta' l-ajruplan.	arcid arcidk arcidold prevarcid		

6.3. **Definizjoni ta' Oqsma Primarji**

6.3.1. L-oqsma primarji kollha użati fil-messaġġi ADEXO għandhom ikunu konformi mas-sintassi u s-semantiċi kif espressi fl-Anness A (A3) ta' dan l-istandard.

6.3.2. Is-sintassi ta' kull qasam għandu jingħata l-ewwel, imbagħad is-sintassi f'termini ċari u mingħajr ambigwità.

6.3.3. Is-sintassi ta' oqsma għandu jkun espress billi tintuża n-notazzjoni BNF kif introdotta fis-sezzjoni 3 ta' dan l-istandard.

6.3.4. Id-deskrizzjoni tista' tkun ippreżentata f'tabella kif ġej, magħżula f'ordni alfabetiku, meta:

– L-ewwel kolonna tirrappreżenta x-xellug ta' parti tar-regola BNF (i.e. dik il-parti tar-regola fix-xellug tas-simbolu "::=") u t-tielet kolonna tirrapreżenta l-parti tal-lemin tagħha.

– It-tieni kolonna (KIND) (Tip) tindika jekk il-qasam huwiex bażiku ("b") jew kompost ("c").

Qasam Primarju	Tip (KIND)	Sintassi	Semantika
eobt	b	'-' "EOBT" timehhmm	Estimated Off-Block Time (Estimi ta' ħin lil hinn mill-blokka)

6.4. **Definizjoni ta' Oqsma Sekondarji**

6.4.1. L-oqsma primarji kollha użati fil-messaġġi ADEXO għandhom ikunu konformi mas-sintassi u s-semantiċi kif espressi fl-Anness A (A4) ta' dan l-istandard.

6.4.2. B'żieda, għall-iskopijiet ta' referenza mqabbla, l-oqsma primarji li fihom ikun jidher qasam sekondarju partikolari huma identifikati.

6.4.3. Qasam sekondarju jista' wkoll ikun qasam sekondarju ta' oqsma sekondarji oħra, għalhekk ir-referenza mqabbla għal dawn l-oqsma sekondarji hija wkoll mogħtija.

6.4.4. Id-deskrizzjoni tista' tkun ippreżentata f'tabella kif ġej, magħżula f'ordni alfabetiku:

Qasam sekondarju	Tip	Sintassi	Semantika	Użata f' qasam Primarju	Użata f'qasam sekondarju
brng	b	'-' "BRNG" refbearing	Bearing of a point — minn għajnuna tan-navigazzjoni (fi gradi manjetiċi)	ref	

6.5. **Grupp ta' Messaġġi**

6.5.1. Il-kategoriji operazzjonali (gruppi) ta' messaġġi li kienu ġew definiti għall-użu bl-użu tal-format ADEXP huma introdotti fl-Anness E ta' dan l-istandard.

6.5.2. Il-gruppi huma definiti f'termini tan-natura operazzjonali tagħhom tal-messaġġi li jkunu skambjati u huma ta' spiss karatterizzati bis-sistema kkonċernata.

6.5.3. Referenzi għad-dokument ta' definizzjoni għandhom ikunu magħmula għal kull grupp ta' messaġġi.

6.5.4. L-ebda valur ta' titolu diġà użat għal grupp ta' messaġġi m'għandu jerġa' jiġi użat għal xi grupp ieħor b'tifsira differenti.

6.5.5. Indiċi ċentrali ta' titoli ta' messaġġi għandu jinżamm fl-Anness B ta' dan l-istandard.

6.5.6. Referenza għal grupp relatat hija mogħtija għal kull titolu ta' messaġġ elenkat fl-indiċi ċentrali ta' titoli ta' messaġġi. Referenza għad-dokumentazzjoni li tiddefinixxi għal kull titolu ta' messaġġ hija għalhekk ipprovduta via il-grupp ta' messaġġi.

6.5.7. Indiċi ċentrali ta' titoli ta' messaġġi irriservati hija wkoll ipprovduta fl-Anness C. Titoli ta' messaġġi "Irriservati" għadha ma ġietx miftiehma għall-użu fil-gruppi ta' messaġġi preżenti kif definiti għall-użu ta' ADEXP. Tipikament dawn huma messaġġi li kienu ġew previsti għal użu futur possibbli f'wieħed mill-gruppi definiti, jew inkella huma użati lokalment fis-sistemi nazzjonali. L-iskop li dawn ikunu inklużi f'dan l-istandard huwa biex jgħin ħalli jkun assigurat il-qasam uniku ta' titoli ta' messaġġi u tkun evitata n-nuqqas ta' ħtieġa mingħajr bżonn.

L-ANNESS A (Normattiv)

DEFINIZZJONIJIET TA' OQSMA ADEXP

A.1. Introduzzjoni

Dan l-Anness jipprovdi listi fl-oqsma kollha; Termini Awżiljarji, Oqsma u Sub-Oqsma Primarji li kienu ġew definiti għall-użu fil-ADEXP.

A.2. Termini Awżiljarji ADEXP

Termini Awżiljarji	Sintassi	Semantiċi	Użat f'oqsma primarji:	Użat fis-sub-qasam	Użat f'awżiljarji
adexpmsg	(KARATTRU)	Test liberu li huwa konformi mas-sintassi deskritt bħala messaġġADEXP.		ifpdlong rfpdlong preproctxt postproctxt	
aidequipment	(('N' | 'S') ! [equipment-code]) equipment code	Komunikazzjoni bir-radju, u navigazzjoni u għajnuna ta' resqien.	ceqpt		
aircraftid	2{ ALPHANUM }7	Identifikazzjoni ta' l-ajruplan	arcid arcidk arcidold prevarcid		
aircraftidwldcrd	1{ ALPHANUM |'+' |'?' }7	*Wildcard* għamla ta' l-ajruplan li għandu jkun użat fil-messaġġta' l-inkejsta: "?" tieħu post karattru ieħor "+" tieħu post kwalunkwe-numru ta' karattri.	arcidk		
atsroute	2 {ALPHANUM} 7	Id- designatur ta' ATSroute.	atsrt	refatsrte	
century	2{DIGIT}2	L-ewwel żewġ-numri tas-seklu.			id-data sħiħa
corstatusident	3 {ALPHA} 3	Bħala indikatur ta' status ta' koordinament tat-tirjira		statid	
corstatusreason	3 {ALPHA} 7	Ir-raġuni għan-notifika ta' tibdil fl-istatut tal-koordinament		statreason	
country (pajjiż)	2{ALPHA}2	Iż-żewġ ittri ta' designatur ICAO ta' pajjiż.		refatsrte	
datalink	1 {'S' |'H' |'V' |'M' } 4	Id-designatur ta' ICAO tal-kapaċità ta' datalink. Tista' jkun fiha kwalunkwe mill-valuri S, H, V jew M fi kwalinkwe ordni imma mingħajr ripetizzjoni.	dat		

Termini Awżiljarji	Sintassi	Semantiċi	Użat f'oqsma primarji:	Użat fis-sub-qasam	Użat f'awżiljarji
date	year ! month ! day	Indikazzjoni ta data fil-format, SSXXJJ e.g. 930424 = 24 ta'April 1993.	ada add aobd cobd ctod eobd eobdk eobdold etod fstday iobd lstday neweobd valfrom valfromk valfromold validitydate valuntil valuntilk valuntilold	eto	datetime
datetime	date ! timehhmm	Termini ta' data kif deskritt hawn fuq u immedjatament segwit bil-ħin fil-format ta', SSMM. e.g. 9304240930 =0-930Z fil-24 ta'April 1993.	origindt		
datewldcrd	1{ DIGIT |'+' |'?')6	Termini ta' data li jista' jkun *wild carded*	valfromk valuntilk		
day (jum)	('0' |'1' |'2' |'3')! DIGIT	Numru b'żewġ figuri li jista' jkun fih il-figuri minn 00 sa 31.	endtime filtim starttime	endreg from startreg until	date fulldate
emergradio	1 {'U' |'V' |'E' } 3	Indikatur tat-tip ta' apparat ta' radju ta' emergenza abbord l-ajruplan. Jista' jkun wieħed jew aktar mill- karattri definiti fi kwalunkwe ordni imma mingħajr ripetizzjonijiet.	splr		
equipmentcode	1 {('A' |'B' |'C' |'D' |'E' |'F' |'G' |'H' |'I' |'J' |'K' |'L' |'M' |'O' |'P' |'Q' |'R''T' |'U' |'V' |'W' |'X' |'Y' |'Z')} 24	Ittra ta' kodiċi valida biex tindika l-apparat abbord. Tista' tkun waħda jew aktar mill-karattri definiti fi kwalunkwe ordni mingħajr ripetizzjoni.			aidequipment
errorcode	1{DIGIT}4	Numru ta' kodiċi ta' messaġġ.	żball		

Termini Awżiljarji	Sintassi	Semantiċi	Użat f'oqsma primarji:	Użat fis-sub-qasam	Użat f'awżiljarji
fieldid	1{ ALPHANUM }	Isem qasam validu ADEXP (i.e. key-word)	errfield ifpsmod		
firindicator	4{ ALPHA }4	Designatur ICAO ta' FIR.	eetfir		
flightlevel	('F' |'A') ! 3{ DIGIT }3 | ('S' |'M') ! 4{ DIGIT } 4	Livell tat-tirjira espress jew bħala; "F" or "A" segwit bi tliet figuri jew, "S" or "M" segwit b'erba' figuri.	rfl	crfl1 crfl2 efl fl tfl sfl ptrfl	
flightplanstatus	'EMER' |'HUM' |'HOSP' | 'SAR' |'HEAD' |'STATE'	Ir-raġuni għat-trattament speċjali il-Qasam element 18 "STS/". EMER = Emergenza HUM = Umanitarja tat-tirjira HOSP = Sptar tat-tirjira SAR = Tfittix u Salvataġġ HEAD = Kap ta' Stat STATE = Titjira ta' Stat	sts		
flightrule	'I' |'V' |'Y' |'Z'	L-indikatur ta' regola ta' titjira.	fltrul		
flighttype	'S' |'N' |'G' |'M' |'X'	It-tip ta' titjira bħala indikatur tal-ICAO designatur użat.	flttyp		
flighttypechg	'OAT' |'GAT'	L-indikatur ipprovdut għar-rotta tat-titjira ta' kambju fit-tip ta' titjira bħala "OAT" jew "GAT".	chgrul	ptrulchg	
fulldate	century ! year ! month ! day	Indikazzjoni ta data fil-format SSSSXXJJ eg. 19970801 = 1 ta' Awissu 1997			fulldatetime
fulldatetime	fulldate ! timehhmm	Data kif deskritta fi 'fulldate', u immedjament segwita bil-ħin fil-format SSMM e.g. 199708010930 = 0930 siegħa fl-1 ta'Awissu 1977.	mesvalperiod (perijidou)		
geoname	"GEO" ! 2{DIGIT}2	Identifikazzjoni moġħtija fil-pożizzjoni geografika f'latitudni u lonġitudni.		geoid	
heading	3{DIGIT}3	Numru bi tliet figuri fil-medda ta' 001 sa 360.	ahead		

Termini Awżiljarji	Sintassi	Semantiċi	Użat f'oqsma primarji:	Użat fis-sub-qasam	Użat f'awżiljarji
icaoaerodrome	4{ ALPHA }4	Designatur ta' erba' ittri ICAO ġhal ajruport.	adarr an	adid adep adepk adepold ades adesk adesold altrnt1 altrnt2	
icaoaerodro-mewldcrd	1{ ALPHA |'+' |'?' }4	*Wildcard form* ta' icaoaerodrome, li ġhandha tkun użata f'messaġġi ta' inkjesta: "?" tieħu post karattru "+" tieħu post kull numru ta' karattri.	adepk adesk		
icaoaircrafttype	ALPHA ! 1{ ALPHANUM }3	Designatur ICAO ta' tip ta' ajruplan.	arctyp		
icaomsg	{ CHARACTER }	Messaġġ ICAO. (konformi mas-syntax deskritt fir-Ref. {4})	msgtxt		
ifpuid	1{ ALPHANUM }	L-identifikatur ta' IFPS Unit.	ifpuresp		
latitudelong	6{ DIGIT }6	Latitudni espress bħala sitt figuri.		lattd	
latitudeside	'N' | 'S'	Indikatur ġhal "North" or "South" latitudni.		lattd	
lifejackets	1 {'L' |'F' |'U' |'V'} 4	Indikatur ICAO ta' tip ta' ġġieget ta' salvataġġ-abbord. Tista' tkun waħda jew aktar mill-karattri definiti fi kwalunkwe ordni mingħajr ripetizz-joni.	splj		
longitudelong	7{ DIGIT }7	Lonġitudni espress bħala seba' figuri		longtd	
longitudeside	'E' | 'W'	Indikatur ghal "East" (il-Lvant) jew "West" (il-Punent) lonġi-tudni		longtd	
machnumber	'M'! 3{ DIGIT }3	In-numru Mach.	mach	crmach aspeed	ptmach
modifind	1{ALPHANUM}	Indikatur tat-tip ta' modifika, magħ-mula f'qasam.	ifpsmod		

Termini Awżiljarji	Sintassi	Semantiċi	Użat f'oqsma primarji:	Użat fis-sub-qasam	Użat f'awżiljarji
month (xahar)	('0' |'1') ! DIGIT	Xahar espress bħala numru ta' żewġ figuri.			date fulldate
numdays	('0' |'1') ! ('0' |'2') ! ('0' |'3') ! ('0' |'4') ! ('0' |'5') ! ('0' |'6') ! ('0' |'7')	L-indikazzjoni tal-jiem tal-ġimgħa li fihom RPL ikun attiv.	jiem daysk daysold		
numdayswldcrd	1{ DIGIT |'+' |'?' }7	L-indikazzjoni tal-jiem tal-ġimgħa li fihom RPL ikun attiv. Karattri *Wildcard* jistgħu ukoll ikunu użati.	daysk		
originatorid	1{ ALPHANUM }10	Identifikatur ta' l-oriġinatur ta' mes-saġġ.	orgnid qrorgn		
point	2{ ALPHANUM }5	Id-designatur ta' punt sinifikanti. Jista' jkun punt ippubblikat, ta' punt ġeografiku punt ta' referenza jew punt mogħti bħala "re-named" punt (RENxx).	atsrt chgrul cop dct eetpt mach rfl voliċità. sid star	ptid refatsrte	
refbearing	3{ DIGIT }3	Referenza direz-zjoni valur.		brng	
refname	"REF" ! 2{DIGIT}2	L-identifikatur mogħti lil punt minn direzzjoni u distanza minn punt ippubblikat		refid	
regulid	1{ ALPHANUM }20	Identifikazzjoni ta' regolament ATFM rigward it-titjira.	regul	regid	
renameid	"REN" ! 2{DIGIT}2	Indentifikatur ta' punt imsemmi mill-ġdid.		renid	
rrteid	1{ ALPHANUM} 20	Indentifikatur ta' rotta.	rrteref		
rtf	6{DIGIT}6	Frekwenza ta' radju espressa f'MHx lejn tliet postijiet deċimali	freq		
rulechg	VFR' |'IFR'	L-indikaturi użati f' rotta ta' titjira biex tindika tibdil fir-rotta ta' regoli ta' titjira.	chgrul	ptrulchg	
seconds (sekondi)	('0' |'1' |'2' |'3' |'4' |'5')! DIGIT Jj/	Sekondi. żewġfiguri minn "00" sa "59".		eto sto	
spd	('K' |'N')! 4{ DIGIT }4	Veloċotà. Espress bħala jew "K" jew "N" segwit b' erba' figuri.	aspeed Veloċità	crspeed ptspeed	

Termini Awżiljarji	Sintassi	Semantiċi	Użat f'oqsma primarji:	Użat fis-sub-qasam	Użat f'awżiljarji
ssrequipment	1 {ALPHA} 2	Id-designatur ta' ICAO ta' apparat SSR li jkun abbord u indikazzjoni volunratja ta' rabta ta' kapaċità.	seqpt		
stayidentifier	STAY'! ('1' |'2' |'3' |'4' |'5' |'6' |'7' |'8' |'9')	Designatur ta' "*stay*" perijodu, perijodu ta' "*special activity*" firrotta ta' titjira.		ptstay stayident	
survivaleqpt	1 {'P' |'D' |'M' |'J' } 4	Id-designatur ICAO ta' apparat ta' salvataġġ-abbord. Tista' tkun waħda jew aktar milkarattri definiti fi kwalunkwe ordni mingħajr ripetizzjoni.	spls		
text20	1{ LIM CHAR }20	Test magħmul minn 1 sa 20 karattru, ekluz ilkarattru hyphen.	altnz com depz destz jum kull sts typz		
timehhmm	('0' |'1' |'2') ! DIGIT ! '0' |'1' |'2' |'3' |'4' |'5') ! DIGIT	Ħin, espress f'sigħat (2 figuri 00.23) u minuti (2 figuri 00-59). Jista' jkun il-ħin tal-jum jew it-tul tal-ħin.	aobt ata atd atot cobt ctot delay endtime eobt eobtk eobtold etot filtim iobt minlineup newctot neweobt newptot ptot rejctot respby starttime taxitime	cto endreg eto from minn ptstay startreg sto time to until	datetime fulldatetime
timehhmm elapsed	DIGIT ! DIGIT ! ('0' |'1' |'2' |'3' |'4' |'5')! DIGIT	Numru mingħajr limitu ta' sigħat u minuti uzati.	ttleet eetfir eetpt sple		
timewldcrd	1{ DIGIT |'+' |'?' }4	*Wild card* minn in ssmm.	eobtk		
titleid	1{ ALPHA }10	Titolu validu ta' messaġġ ADEXP, eta. (ara Anness B)	msgtyp orgmsg titolu		

Termini Awżiljarji	Sintassi	Semantiċi	Użat f'oqsma primarji:	Użat fis-sub-qasam	Użat f'awżiljarji
waketurbcat	'H' | 'M' |'L'	Il-ICAO *wake turbulence category designator.* (Designatur tal-kategorija tat-turbulenza)			
year (sena)	2{ DIGIT }2	L-aħħar żewġ-numri ta' sena.			date fulldate

A.3. **Oqsma Primarji ADEXP**

ADEXP Oqsma primarji:	Tip	Sintassi	Semantika
ad	c	'–' "AD" adid [(fl | flblock)] [eto] [to] [cto] [sto] [ptstay] [ptrfl] [ptrulchg] [(ptspeed | ptmach)]	Id-designatur ta' ajruport. F'każi meta l-ajruport jifforma parti mir-rotta deskrizzjoni addizzjonali ta' rotta ta' informazzjoni jista' jkun ipprovdut.
ada	b	'–' "ADA" date	Data attwali tal-wasla.
adarr	b	-' "ADARR" (icaoaerodrome | 'ZZZZ')	Ajruport attwali tal-wasla.
adarrz	b	'–' "ADARRZ" text20	Isem ta' ajruport attwali ta' wasla ta' ICAO - lokazzjoni eżistenti ta' indikatur.
add	b	'–' "ADD" data	Data attwali tat-tluq.
addr	c	'- "BEGIN" "ADDR" 1 { fac } '–' "END" "ADDR"	Lista ta' indirizzi.
adep	b	'–' "ADEP" (icaoaerodrome | 'AFIL' | 'ZZZZ')	Indikatur ta' lokalità ICAO ta' l-ajruport tat-tluq jew l-indikazzjoni "AFIL" tifsira bħala pjan ta' titjira mimlija-fl-arja jew "ZZZZ" meta l-ebda indikatur ta' lokalità ma jkun assenjat għal ajruport tat-tluq.
adepk	b	'–' "ADEPK" (icaoaerodrome | 'AFIL' | 'ZZZZ' | icaoaerodromewldcrd)	Ajruport tat-tluq użat bħala database ewlenija f'inkjesta, tista' tkun *wild-carded*. Jista' jkun fiha ICAO indikatur ta' lokalità jew il- indikazzjoni "AFIL" tfisser pjan ta' tijira mimlija fl-arja jew "ZZZZ" meta l-ebda ICAO indikatur ma jkun assenjat għal ajruport tat-tluq jew ġabra ta' karattri alfabetiċi u wildcard
adepold	b	'–' "ADEPOLD" (icaoaerodrome | 'AFIL' | 'ZZZZ')	L-ajruport preċedenti tat-tluq. Jista' jkun fih ICAO indikatur ta' lokalità jew l- indikazzjoni "AFIL" tfisser pjan ta' titjira mimlija fl-arja jew "ZZZZ" meta l-ebda ICAO indikatur ma jkun assenjat għal ajruport tat-tluq.
ades	b	'–' "ADES" (icaoaerodrome | 'ZZZZ')	Indikatur ta' lokalità ICAO ta' l-ajruport tad-destinazzjoni jew "ZZZZ" meta lokalità ICAO l-ebda indikatur ta' lokalità ma jkun assenjat lejn l-ajruport tad-destinazzjoni.
adesk	b	'–' "ADESK" (icaoaerodrome | 'ZZZZ' | icaoaerodromewldcrd)	L-ajruport ta' destinazzjoni użat bħala *database* ewlenija f'inkjesta, tista' tkun *wild-carded*. Jista' jkun fiha ICAO indikatur ta' lokalità jew iż-"ZZZZ" meta l-ebda ICAO indikatur ta' lokalità ma jkun ġie assenjat lejn l-ajruport ta' destinazzjoni jew ġabra ta karattri alfabetiċi u karattri *wildcard*.

ADEXP Oqsma primarji:	Tip	Sintassi	Semantika
adesold	b	'–' "ADESOLD" (icaoaerodrome | 'ZZZZ')	L-ajruport preċedenti tad-destinazzjoni. Jista' jkun fih ICAO indikatur ta' lokalità jew iż-"ZZZZ" meta l-ebda ICAO indikatur ta' lokalità ma jkun ġie assenjat lejn l-ajruport ta' destinazzjoni.
adexptxt	c	'–' "ADEXPTXT" (preproctxt |post-proctxt)	Fih messaġġ ADEXP.
afildata	c	'–' "AFILDATA" ptid fl eto	Data ikkalkolata ta' pjan ta' titjira. Punt ta' identifikazzjoni, li jissieħeb mal-livell tat-titjira u data-ħin ikkalkulat tal-punt. NOTA: Il-livell indikat tat-titjira huwa l-livell li fih it-titjira tkun ġiet irrilaxxata biex tissieħeb fi spazju ta' l-ajru ikkontrollat fuq il-punt indikat. Din ma tkunx tenħtieġli tkun l-istess bħal RFL.
ahead	b	'–' "AHEAD" (heading |"ZZZ")	L-intestatura assenjata għat-titjira, murija bi gradi; Għandha tkun tliet figuri numeriċi jew il-valur "ZZZ" li jindika li l-ebda intestatura ma tkun assenjata.
altnz	b	'–' "ALTNZ" text20	Isem ta' l-ajruport alrenattiv jekk l-ebda destinazzjoni ICAO ma tkun teżisti.
altrnt1	b	'–' "ALTRNT1" (icaoaerodrome | 'ZZZZ')	Indikatur ta' lokalità ICAO ta' l-ewwel ajruport alternattiv ta' destinazzjoni jew indikatur "ZZZZ" meta l-ebda ICAO indikatur ma jkun ġie assenjat lill- ajruport.
altrnt2	b	'–' "ALTRNT2" (icaoaerodrome |'ZZZZ')	Indikatur ta' lokalità ICAO tat-tieni ajruport alternattiv ta' destinazzjoni jew indikatur "ZZZZ" meta l-ebda ICAO indikatur ma jkun ġie assenjat lill-ajruport.
aobd	b	'–' "AOBD" date	Data *Off Block* attwali
aobt	b	'–' "AOBT" timehhmm	Ħin *Off Block* attwali
arcid	b	'–' "ARCID" aircraftid	Identifikazzjoni ta' l-ajruplan Jistgħu jkunu l-marki tar-reġistrazzjoni ta' l-ajruplan jew id-designazzjoni ICAO ta' l-operatur ta' l-ajruplan segwiti bl-identifikatur tat-titjira.
arcidk	b	'–' "ARCIDK" (aircraftid |air-craftidwldcrd)	Identifikazzjoni ta' ajruplan użata bħala *database* ewlenija f'inkjesta, tista' tkun *wild-carded*. Għandha tkun għaqda ta' karattri alfanumeriċi u wild-card sa massimu ta' total ta' sena karattri.
arcidold	b	'–' ARCIDOLD aircraftid	L- id. preċedenti ta' l-ajruplan. Meta l-id. ta' ajruplan tkun emendata, il-valur il-ġdid għandu jingħata fi "ARCID".
arctyp	b	'–' "ARCTYP" (icaoaircrafttype |"ZZZZ")	Tip ta' ajruplan (identifikazzjoni ICAO tat-tip) jew ZZZZ.
aspeed	b	'–' "ASPEED" (spd |machnumber |"ZZZZ")	Il-veloċità preżenti assenjata lit-titjira, f' kilometri kull siegħa, (knots jew Mach) numru. Għandha tkun – M – segwita bi tliet figuri, – K – jew – N – segwita b'erba' figuri jew "ZZZ" li jindikaw li l-ebda restrizzjoni ta' veloċità ma tkun ġiet assenjata.

ADEXP Oqsma primarji:	Tip	Sintassi	Semantika
ata	b	'–' "ATA" timehhmm	Ħin attwali tal-wasla.
atd	b	'–' "ATD" timehhmm	Ħin attwali tat-tluq.
atot	b	'–' "ATOT" timehhmm	Ħin attwali tat-*Take-off*
atsrt	b	'–' "ATSRT" atsroute point point	Rotta Ats designatur u identifikaturi ta' l-ewwel u l-aħħar punti.
cassaddr	c	'–' "BEGIN" "CASSADDR" { fac } '-' "END" "CASSADDR"	Indirizzi ta' fejn għandhom jtbagħtu l-messaġġi ATFM.
ceqpt	b	'–' "CEQPT" aidequipment	Tagħmir ta' radju, navigazzjoni u għajnuna għal resqien (bħal ICAO qasam 10).
cfl	c	'–' "CFL" fl (ptid)	Livell rilaxxat ta' titjira. Livell kurrenti ta' titjira assenjat mill-ATC lil pilota (numru ta' livell tat-titjira).
chgrul	b	'–' "CHGRUL" (rulechg |flighttypechg rulechg flighttypechg)	point Indikazzjoni ta' bidla fil- "flight rules" (VFR/IFR) jew it-"type of flight" (OAT/GAT) jew it-tnejn flimkien mal-punt li fih issehħil-bidla.
cobd	b	'–' "COBD" date	Data *Off Block* ikkalkolata
cobt	b	'–' "COBT" timehhmm	in *Off Block* ikkalkolat.
com	b	'–' "COM" text20	Tagħmir ta' komunikazzjoni (bħal ICAO qasam 18 COM/).
comment	b	'–' "COMMENT" 1 { LIM CHAR }	Kumment ġenerali f'test liberu mingħajr *hyphen*.
condid	b	'–' "CONDID" 1 {LIM CHAR} 30	Identifikazzjoni ta' "*exceptional condition*" imqajma fil-kuntest ta' ATFM.
cordata	c	'–' "CORDATA" ptid (to |sto) tfl (sfl)	Kondizzjonijiet ta' trasferiment ta' titjira. Punt id., il-livell tat-titjira u l-ħin ikkalkolat ta' dak il-punt u livell voluntarju suplementari tat-titjira.
cop	b	'–' "COP" point	Koordinazzjoni ta' punt identifikatur, jew designatur ikkodifikat ta' punt jew isem mogħti artifiċjalment (GEOxx, RENxx or REFxx).
crsclimb	c	'–' "CRSCLIMB" ptid (crspeed |crmach) crfl1 crfl2	Indikazzjoni ta' cruiseclimb. Tagħti l-punt li fih ikun beda t-tlugħ, veloċità jew nru mach u żżewġ livelli li jindikaw il-livell tat-titjira tal-faxxa li għandha tkun okkupata matul it-tlugħ. It-tieni livell jista' jkun "PLUS" meta l-livell ta' fuq ma jkunx magħruf.
cstat	c	'–' "CSTAT" statid (statreason)	Indikatur jikkonferma status ta' koordinazzjoni ġdida ta' titjira u, b'għażla, ir-raġuni għal bidla.
ctod	b	'–' "CTOD" date	Kalkolu ta' Data ta' *Take-Off*.
ctot	b	'–' "CTOT" timehhmm	Kalkolu ta' ħin ta' *Take-Off* (CTOT): referenza in ta' ATFM *Slot*.
dat	b	'–' "DAT" datalink	Indikazzjoni ta' kapaċità ta' *datalink* li tkun abbord l-ajruplan.

ADEXP Oqsma primarji:	Tip	Sintassi	Semantika
days	b	'–' "DAYS" numdays	Jiem ta' operazzjoni ta' pjan repetittiv ta' titjira (1234567 meta 1 ikun għal nhar ta' tnejn, 2 għal nhar ta' Tlieta,…, b'0 fil-kolonna bħala mhux operattiv).
daysk	b	'–' "DAYSK" (numdays |num-dayswldcrd)	Jiem ta' operazzjoni ta' pjan repetittiv ta' titjira użati bħala *database* ewlenija f'messaġġ investigattiv, jistgħu ikunu *wildcarded*.
daysold	b	'–' "DAYSOLD" numdays	Il-jiem "previous" ta' operazzjoni. Użati bħala *database* ewlenija. Meta l-jiem ta' operazzjoni ta' RPL għandhom ikunu emendati, il-valuri l-ġodda għandhom jingħataw bħala 'DAYS' (JIEM).
dct	b	'–'"DCT" point point	Jindika rotta diretta bejn żewġ punti. Il-punti jistgħu jkunu jew designazzjoni ICAO valida ta' punt jew ta' punt li jidher f'GEO, REN jew REF, qasam ta' għamla GEOxx, RENxx jew REFxx.
Delay (dew-mien)	b	'–' "DELAY" timehhmm	Perijodu ta' ħin jirrappreżenta dewmien. In-natura dad-dewmien, i.e. dewmien ta' titjira, dewmien ta' proċessar, i.c., huwa dipendenti fuq il-kuntest tagħha.
depz	b	'–' "DEPZ" text20	Isem ta' l-ajruport tat-tluq jekk l-ebda indikatur ICAO ma jkun jeżisti.
desc	b	'–' "DESC" 1 {LIM CHAR}	Deskrizzjoni ta' kundizzjonijiet jew entità li hija ta' relevanza għal kontenut tal-messaġġ.
destz	b	'–' "DESTZ" text20	Isem ta' l-ajruport ta' destinazzjoni jekk l-ebda indikatur ta' lokazzjoni ICAO ma tkun teżisti.
eetfir	b	'–' "EETFIR" firindicator timehhmm elapsed	Identifikazzjoni FIR u l-ħin akkumulat li jkun għadda (f'sigħat u minuti) tal-fruntiera FIR.
eetlat	c	'–' "EETLAT" lattd time	Indikazzjoni ta' ħin li jkun għadda lejn pożizzjoni mogħtija b'latitudni biss.
eetlong	c	'–' "EETLONG" longtd time	Indikazzjoni ta' ħin li jkun għadda lejn pożizzjoni mogħtija b'lonġitudni biss.
eetpt	b	'–' "EETPT" point timehhmm elapsed	Identifikatur ta' punt u akkumulazzjoni ta' ħin li skada sal-punt.
endtime	b	'–' "ENDTIME" day ! timehhmm	Iż-żmien li fih perijodu ta' ħin jispiċċa.
entrydata	c	'–' "ENTRYDATA" (ptid |airspdes | (ptid airspdes)) (fl) (ptrfl) ((ptspeed |ptmach)) (ptfltrul) (ptmilrul)	Id-dettalji ta' pjan ta' titjira hija applikabbli fit-titjira lejn pont partikolari jew lejn id-dħul tat-titjira fl-ajruport ikkonċernat. Wieħed jew it-tnejn ta' l-oqsma; "ptid", "airspdes", għandhom ikunu preżenti.
eobd	b	'–' "EOBD" date	Data *Off Block* ikkalkolata
eobdk	b	'–' "EOBDK" date	Estimi ta' *Off-Block* Data użata bħala database ewlenija f'inkjesta, tista' tkun *wildcarded*. Għandha tkun għaqda ta' figuri u karattri *wild-card*, sa massimu ta' 6 karattri fit-total.
eobdold	b	'–' "EOBDOLD" date	L-estimi ta' "*previous*" ta' data *off-block*. Użata bħala database ewlenija. Meta l-kalkolu *off-block-date* għandha tkun emendata, il-valuri l-ġodda għandhom jingħataw fi 'EOBD'.
eobt	b	'–' "EOBT" timehhmm	Kalkolu ta' *Off-Block-Time* (EOBT)
eobtk	b	'–' "EOBTK" (timehhmm |timewldcrd)	Estimi ta' *Off-Block-Time* użata bħala database ewlenija f'inkjesta, tista' tkun *wildcarded*.

ADEXP Oqsma primarji:	Tip	Sintassi	Semantika
eobtold	b	'–' "EOBTOLD" timehhmm	L-estimi ta' *"previous" ta' off-block-time*. Użata bħala *database* ewlenija. Meta l-kalkolu *off-block-date* għandha tkun emendata, il-valuri l-ġodda għandhom jingħataw fi 'EOBT'.
errfield	b	'–' "ERRFIELD" fieldid	ADEXP, isem żbaljat ta' qasam/oqsma.
error (żball)	b	'–' "ERROR" (errorcode) 1{ LIM CHAR }	Test ta' messaġġ żbaljat. Tista' b'għażla jkun fih żball ta' kodiċi ta' identifikazzjoni.
estdata	c	'–' "ESTDATA" ptid eto fl (sfl)	Estimi ta' Dettalji. Punt id., il-livell ikkalkolat ta' titjira (numru ta' livell ta' titjira) u l-kalkolu ta' *date-time* f'dan il-punt segwiti b'għażla minn livell supplementari ta' titjira (numru ta' livell ta' titjira segwit bl-indikatur A jew B).
etod	b	'–' "ETOD" date	Kalkolu ta' Data ta' *Take-Off*.
etot	b	'–' "ETOT timehhmm"	in ikkalkulat għal *Take-Off*
extaddr	c	'–'"EXTADDR" num |{ fac } |(num {fac})	Indirizzi li huma ipprovduti b'żieda ma' dawk li huma iddeterminati awtomatikament i.e. "extra addresses". Jista' jkun fihom biss in-numru ta' indirizzi attwali jew it-tnejn li huma.
filrte	b	'–' "FILRTE" {LIM CHAR}	Ir-rotta eżatta bħal ma hi ippreżentata i.e., min-għajr proċessar.
filtim	b	'–' "FILTIM" day ! timehhmm	Grupp day-time li jispeċifikaw meta l-messaġġ-kien ippreżentat għat-trasmissjoni.
flband	c	'–' "FLBAND" fl fl	Faxxa tal-livell tat-titjira li tiddefinixxi l-ispazzji vertikali, inklużi l-livelli mogħtija għat-titjira.
fltrul	b	'–' "FLTRUL" flightrule	Regola tat-titjira, bħal ICAO qasam 8.
flttyp	b	'–' "FLTTYP" flighttype	Tip tat-titjira, bħal ICAO qasam 8.
fmp	b	'–' "FMP" 4{ ALPHA }4	Identifikatur ta' "*Flow Management Position*".
fmplist	c	'–' "BEGIN" "FMPLIST" fmp reglist '–' "END" "FMPLIST"	Lista ta' FMP u r-regolamenti assoċjati magħ-hom.
freq	b	'–' "FREQ"rtf	Frekwenza tar-radju

ADEXP Oqsma primarji:	Tip	Sintassi	Semantika
fstday	b	'–' "FSTDAY" date	L-ewwel jum ta' operazzjoni ta' pjan repetittiv ta' titjira. Dan huwa użat biex jagħti l-ewwel jum attwali li minnu l-pjan tat-titjira għandu jkun iġġenerat minn RPL (ara qasam valfrom) jew l-ewwel jum li fih emenda għal RPL tkun effettiva.
furthrte	b	'–' "FURTHRTE" {LIM _CHAR}	Aktar tibdil fir-rotta ta' titjira. Għal użu fil-messaġġi li jkun fihom kalkolu ta' dettalji biex jindikaw rotot oħra tat-titjira wara l-punt ikkalkolat. Jista' jkun fiha biss il-punt li jmiss jew il-kumplament tar-rotta sħiħa sad-destinazzjoni.
geo	c	'–' "GEO" geoid lattd longtd	Punt matul ir-rotta definit b'latitudni u lonġitudni u mogħti fil-pjan tat-titjira, bħala GEOxx (meta xx huwa numru b'sekwenza).
ifp	b	'–' "IFP" 1{ALPHA}	Indikazzjoni ta' żbalji magħrufa fl-FPL.
ifpdlist	c	'–' "BEGIN" "IFPDLIST" 1 { ifpdlong } '–' "END" "IFPDLIST"	Lista sħiħa ta' IFPD li taqbel mad-*database* ewlenija li tkun mogħtija f'messaġġ ta' nkjesta. Lista kontinwa ta' informazzjoni sħiħa għal kull titjira individwali li taqbel ma l-inkjesti ewlenija.
ifpdslist	c	'–' "BEGIN" "IFPDSLIST" 1 { ifpdsum } '–' "END" "IFPDSLIST"	Lista ta' ifpdsum li taqbel mad-database ewlenija li tkun mogħtija f'messaġġ ta' nkjesta. Lista kontinwa ta' informazzjoni sħiħa għal kull titjira individwa li taqbel ma' l-inkjesti ewlenija.
ifplid	b	'–' "IFPLID" ALPHA ALPHA { DIGIT }8	Pjan uniku ta' identifikatur ta' titjira, assenjat minn IFPS.
ifpsmod	b	'–' "IFPSMOD" fieldid modifind	Indikazzjoni mogħtija minn IFPS lejn dawk l-oqsma li jkunu ġew immodifikati, u n-natura tal-modifikazzjoni.
ifpuresp	b	'–' "IFPURESP" ifpuid	Identifikatur tal-IFPU li huwa responsabbli għal inkjesta. Din għandha tipproċessa l-inkjesta u t-tweġiba għaliha.
ignore	c	'–' "BEGIN" "IGNORE" { (condition |condition ptid ptid) }'–' "END" "IGNORE"	Indikazzjoni ta' kundizzjonijiet li jkunu ġew "ignored" (injorati) jew imwarrba fil-proċessar tal-messaġġ ikkonċernat. Bħal kundizzjonijiet "ignored" tista' tkun illimitata għal porzjon speċifiku tar-rotta mingħajr limitu b'punti mogħtija dwar ir-rotta. Kondizzjoni tista', per eżempju, tkun ristretta bil-ħin (kundizzjonijiet ta' aċċess tar-rotta), restrizzjonijiet ta' livell tat-titjira jew vjolazzjoni TOS.
iobd	b	'–' "IOBD" date	*L- "Initial" Off Block Date l-"off-block date"* mogħtija fl-FPL u aġġornament bi pjantat-titjira ta' messaġġi assoċjati (DLA, CHG, etc.). Din hija d-data tar-referenza għal aċċess lejn il-pjan tat-titjira fid-*database* u hija biss "off- *block date*" magħrufa ikkonċernata b'ATS *units*. Nota: L-IOBD mhux affetwat bil-kambjamenti mitluba jew innotifikati permezz ta' messaġġi ATFM.

ADEXP Oqsma primarji:	Tip	Sintassi	Semantika
iobt	b	'–' "IOBT" timehhmm	L- *"Initial" Off Block Time l-"off-block time"* mogħti fl-FPL u aġġornament bi pjan tat-titjira ta' messaġġi assoċjati (DLA, CHG, etc.). Dan huwa l-ħin tar-referenza għal aċċess lejn il-pjan tat-titjira fid-*database* u huwa biss *"off-block time"* magħruf mill Unitajiet ATS ikkonċernati. Nota: L-IOBD mhux affetwat bil-kambjamenti mitluba jew innotifikati permezz ta' messaġġi ATFM.
lacdr	c	'–' "BEGIN" "LACDR" { airroute } '–' "END" "LACDR"	Lista ta' Rotot Kondizzjonali Attivi.
latsa	c	'–' "BEGIN" "LATSA" { airspace } '–' "END" "LATSA"	Lista ta' Oqsma Attivi Temporanjament Segregati
lcatsrte	c	'–' "BEGIN" "LCATSRTE" { airroute } '–' "END" "LCATSRTE"	Lista ta' Rotot ATD Magħluqa.
lfir	c	'–' "BEGIN" "LFIR" 1{ fir (lacdr | (lacdr lcatsrte latsa lrar lrca)) } '–' "END" "LFIR"	Lista ta' FIR, inkluż l-isem ta' reġjuni segwit bi jew il-lista ta' Rotot Kondizzjonalment disponibbli jew il-listi ta' Rotot Kondizzjonalment Disponibbli, Rotot ATS Magħluqa, Oqsma Attivi Temporanjamet Segregati, Restrizzjonijiet ta' Spazju ta' l-ajru Mnaqqsa u Koordinament ta' Spazji ta' l-Ajru Mnaqqsa.
lrar	c	'–' "BEGIN" "LRAR" { airspace } '–' "END" "LRAR"	Lista ta' Restrizzjoni ta' Spazju ta' l-Ajru mnaqqsa.
lrca	c	'–' "BEGIN" "LRCA" { airspace } '–' "END" "LRCA"	Lista ta' Żoni Ikkoordinati Mnaqqsa.
lstday	b	'–' "LSTDAY" date	L-aħħar jum ta' operazzjoni ta' pjan repetittiv ta' titjira. Dan huwa użat biex jagħti l-aħħar jum attwali li minnu l-pjan tat-titjira għandu jkun iġġenerat minn RPL (ara qasam valuntil) jew l-aħħar jum li fih emenda għal RPL tkun effettiva. =>Għandha tkun data bejn VALFROM u VALUNTIL.
Tipi oħra ta' messaġġi huma ittrasferiti bl-istess mod bħal messaġġi ta' Sistema, bl-użu ta' servizz T-Data, bil-messaġġ bħala parametru. Dan jikkorrespondi għal MT-*Data-Request* u s-servizzi primittivi MT-*Data-Indication*.

NOTA: *Kull messaġġ jintbagħat bħala messaġġ singolu TSDU: ma jkun hemm l-ebda kon-ketenazzjoni jew segmentazzjoni ta' messaġġi f'dan il-livell.*

A.4.5. *Rilaxx Organizzat ta' Assoċjazzjoni*

A.4.5.1. L-assoċjazzjoni ta' Trasferiment ta' Messaġġ bejn żewg applikanti jista' jkun rilaxxat minn kull wieħed minnhom. Dan jikkorrispondi għal MT-*Abort-Request service primitive* (Servizz primittiv ta' abbandun ta' talba għal trasferiment ta' messaġġ.

A.4.5.2. Dawn l-azzjonijiet għandhom jittieħdu:

– fl-istat DATA_READY, messaġġ SHUTDOWN (messaġġ ta' sistema) għandu jkun trasmess, *timers* (arloġġi) Tr u Ts għandhom jitwaqqfu, u l-konnessjoni tat-trasport għandha tkun rilaxxata;

– fl-istat ASSOCIATION_PENDING, messaġġ ta' SHUTDOWN (messaġġ ta' sistema) għandu jkun trasmess, *timers* (arloġġi) Tr u Ts għandhom jitwaqfu, u l-konnessjoni tat-trasport għandha tkun rilaxxata;

– fl-istat READY il-konnessjoni tat-trasport għandha tkun rilaxxata;

– altrimentri l-ebda azzjoni m'għandha tittieħed.

NOTA: *Il-messaġġ SHUTDOWN mhux avviż ta' kmieni — l-assoċjazzjoni tkun itterminata minnufih. Ma jkun hemm l-ebda konferma għal dan il-messaġġ min-naħa l-oħra.*

A.4.5.3. Wasla tal-messaġġ SHUTDOWN għandha toħloq dawn l-azzjonijiet:

– fl-istat DATA_READY, *timer* (arloġġ) Ts (ara A.4.7) għandu jkun imwaqqaf, MT-Abort-Indication tkun issenjalata u l-*interface* tidħol fl-istat ASSOCIATION_PENDING mingħajr ma jintbagħat messaġġ STARTUP;

– f'xi stat ieħor, l-ebda azzjoni ma tittieħed.

A.4.6. *Ri-Stabbeliment ta' Assoċjazzjoni*

L-applikazzjoni li bdiet ir-rilaxx għall-assoċjazzjoni għandha r-responsabilità, meta tkun lesta, għal ri-stabbiliment ta' l-applikazzjoni ta' assoċjazzjoni u xi livelli baxxi (jekk meħtieġa).

NOTA: *Jekk ir-rilaxx ta' l-assoċjazzjoni jkun irriżulta fir-rilaxx tal-qafas ta' konnessjoni bażika, il-proċedura ta' stabbeliment ta' assoċjazzjoni speċifikata fil-paragrafu A.4.3 għandha tkun segwita.*

A.4.7. *Integrità ta' Assoċjazzjoni*

A.4.7.1. L-integrità ta' assoċjazzjoni bejn iż-żewġ applikazzjonijiet hija ipprovduta bil-faċilità ta' "idle heartbeat".

A.4.7.2. Meta ddaħħal l-istat DATA-READY u mat-trasmissjoni ta' xi tip ta' messaġġ fuq il-konnessjoni tat-trasport, *timer* (arloġġ) Ts li jista' jkun ikkonfigurat għandu jimbeda (jew jimbeda mill-ġdid). Jekk *timer* Ts (arloġġ) jeskadi fl-istat DATA-READY, messaġġ HEARTBEAT (messaġġ ta' sistema) għandu jkun trasmess (u t-*timer* għandu jkun mibdi mill-ġdid).

A.4.7.3. L-istess, meta ddaħħal l-istat DATA-READY u mal-wasla ta' xi tip ta' messaġġ ħlief messaġġ STARTUP fuq il-konnessjoni, timer (arloġġ) Ts li jista' jkun ikkonfigurat għandu jinbeda (jew jinbeda mill-ġdid). Jekk it-timer Tr jeskadi fl-istat DATA-READY, l-MT-Abort-Indication tkun issenjalata, it-trasmissjoni tal-messaġġi kollha tkun imwaqqfa, timer Ts jitwaqqaf u t-timer Tr jinbeda mill-ġdid. L-*interface* ikun fl-istat ASSOCIATION-PENDING.

NOTA: *L-applikazzjonijiet għandhom jirkupraw u jkunu ri-sinkronizzati ma'l-iskambju ta' messaġġi STARTUP (ara A.4.3).*

A.4.8. *Rilaxx ta' Assoċjazzjoni mhux organizzata*

A.4.8.1. Jista' jkun hemm rilaxx ta' assoċjazzjoni abnormali jekk:

– il-konnessjoni tat-trasport tfalli (e.g. falliment tal-linja, żball ta' protokoll),

– waħda miż-żewġ applikazzjonijiet jew is-sistema tfalli (dan jista' jkun minħabba falliment ta' *hardware jew software*; f'ċerti każi, il-konnessjoni bażika tat-trasport tista' tibqa' attiva).

NOTA: *Wara d-definizzjoni tal-protokoll tat-trasport fl-Anness B, ma hemm l-ebda konnessjoni tat-trasport end-to-end (tarf ma tarf). Bħala riżultat, il-falliment tal-konnessjoni tat-trasport hija r-riżultat dirett tal-falliment tal-konnessjoni tal-qafas.*

A.4.8.2. Falliment ta' applikazzjoni jew sistema jista' jkun innutat bl-iskadenza tat-"time-out" għal wasla ta' messaġġ HEARTBEAT mistenni (ara A.4.7) minn din l-applikazzjoni.

A.4.9. *Irkupru Minn Falliment*

A.4.9.1. Żewġ każi għandhom ikunu kkunsidrati:

– wara falliment ta' konnessjoni ta' trasport;

– wara falliment ta' applikazzjoni.

A.4.9.2. Fiż-żewġ każi, l-istabbiliment mill-ġdid jinvolvi proċedura ta' assoċjazzjoni ta' stabbiliment (ara A.4.3), inkluż l-iskambju ta' messaġġi STARTUP.

NOTA: *Fil-każ ta' falliment fil-livell ta' l-applikazzjoni li ma toħloqx konnessjoni bażika li tkun rilaxxata, il-falliment tas-sistema jista' jkun trasmess f'messaġġ SHUTDOWN (i.e. L shutdown invokat jew manwalment jew inkella bħala parti tal-loġika ta' l-applikazzjoni) qabel ma jkun hemm tentattiv biex terġa' ssir il-konnessjoni. Dan inaqqas it-time-out Tr ta' l-applikazzjoni remota u jista' jirriżulta fi rkupru aktar ta' malajr b'anqas possibilità ta' dettalji mitlufa.*

A.4.10. *Formati ta' Messaġġi*

A.4.10.1. Struttura Ġenerali ta' Messaġġi

Il-messaġġi kollha huma tat-tip integer *field* ("TYP") mill-firxa 1…… 63 segwiti mill-messaġġ innifsu. Il-*field* "TYP" hija kkodifikata f'octet wieħed bħala karattru ASCII billi jiżdied "40H" mar-rappreżentazzjoni binarja tal-field (qasam) (e.g. il-valur 3 huwa kodifikat bħala "43H", karattru "C". Il-messaġġ innifsu hu magħmul minn karattri ASCII kkodifikati wieħed għal kull octet. Dan jagħti l-format li ġej:

TYP	Messaġġ innifsu
octet 1	*octet 2 … octet n*

A.4.10.2. Tul tal-Korp ta' Messaġġ

Korpi ta' messaġġi ta' tul sa u inklużi octets 4 096 għandhom ikunu sostnuti.

A.4.10.3. Formati ta' Messaġġi ta' Sistemi

Messaġġi ta' sistemi huma kkodifikati bi TYP = 4, ikkodifikati bħala "44"H. Il-korp tal-messaġġ jikkonsisti f'żewġ octets, ikkodifikati kif ġej:

— messaġġ STARTUP '3031'H (ASCII digits "01");

— messaġġ SHUTDOWN '3030'H (ASCII digits "00");

— messaġġ HEARTBEAT '3033'H (ASCII digits "03").

A.4.10.4. Formati ta' Messaġġi Oħra

Qasam TYP jiddiffenixxi t-tip ta' messaġġ, ikkodifikat kif ġej:

— value 1 (encoded as '41'H) Messaġġi Operazzjonali;

— value 2 (encoded as '42'H) Messaġġi b'operatur;

— value 5 (encoded as '45'H) Status ta' messaġġi

NOTI:

1. *Il-format tal-korp tal-messaġġ għal messaġġi ta' Status imur lill hinn mill-iskop ta' dan id-Dokument Bażiku Eurocontrol.*

2. *Il-format għal messaġġi Operazjonali huwa speċifikat fl-istandards u d-Dokumenti Eurocontrol li jiddiffenixxu applikazzjonijiet ta' messaġġi bħal ma huwa On-Line Data Interchange (Referenza 13).*

3. *Messaġġi bl-operatur jikkonsistu minn test stampat ASCII. Jekk dawn il-messaġġi jkunu sostnuti, "user interface" għandu jkun ipprovdut biex juri messaġġi li jkunu waslu u jippermetti l-kompożizzjoni ta' messaġġi għat-trażmissjoni.*

A.5. **Protokoll dwar Tabelli ta' Stat ta' Trasmissjoni**

A.5.1. *Introduzzjoni*

It-tabelli ta' stat mgħotija hawn taħt huma l-ispeċifikazzjonijiet definittivi tal-protokoll.

Fil-każ ta' diskrepanza mat-test ewlieni ta' hawn fuq, l-ispeċifikazzjoni ta' hawn taħt għandha tkun prevalenti.

NOTA: *In-notazzjonijiet użati biex jiddeskrivu stati, avvenimenti, timers u azzjonijiet huma ibbażati fuq il-ST-ICD. B'dana kollu, dawn id-definizzjonijiet u l-azzjonijiet riżultanti kienu ġew riveduti u jistgħu jiddifferixxu mill-ST-ICD.*

A.5.2. *Stat ta' Definizzjonijiet*

Tabella 1

Stat ta' Definizzjonijiet

Stat	Deskrizzjoni ta' Stat	Informazzjoni Addizzjonali ta' Stat
stat 0	IDLE	L-ebda konnessjoni ta' trasport
stat 1	READY	Konnessjoni tat-trasport stabbilita, l-użu lokali "isfel", użu remot "isfel"
stat 2	ASSOCIATION_PENDING	Konnessjoni tat-trasport stabbilita, l-użu lokali "fuq", użu remot "isfel"
stat 3	DATA READY	l-użu lokali "fuq", użu remot "fuq"

A.5.3. *Avvenimenti Possibbli*

Tabella 2

Avvenimenti Possibli

Deskrizzjoni ta' Avveniment	Informazzjoni Addizzjonali ta' Stat
L_data	Indikazzjoni li d-dettalji (Operazzjonali, Operatur, jew messaġġ ta' Status) għandu jkun mibgħut mill-użu lokali jew mill-użu remot (MT-Data Request primitive)
L_shutdown	Kmand mogħti biex iwaqqaf l-użu lokali (MT-Abort Request)
L_startup	Kmand mogħti biex jibda l-użu lokali (MT-Associate Request)
R_data	Jindika li d-dettalji kienu waslu mill-użu remot (T-Data Indication, TYP ≠ "System")
R_heartbeat	Messaġġ HEARTBEAT ikun wasal mill-użu remot (T-Data Indication, TYP = "System", Message code = HEARTBEAT)
R_shutdown	Messaġġ SHUTDOWN ikun wasal mill-użu remot (T-Data Indication, TYP = "System", Message code = SHUTDOWN)
R_startup	Messaġġ STARTUP ikun wasal mill-użu remot (T-Data Indication, TYP = "System", Message code = STARTUP)
T_timeout	Skadenza ta' timer Ts
Tr_timeout	Skadenza ta' timer Tr
TC_disconnect	Indikazzjoni ta' Rilaxx ta' konnessjoni ta' trasport tkun waslet (T-Disconnect Indication)
TC_setup	Avveniment (e.g. kmand espliċitu, talba ta' applikazzjoni) li toħloq T-Connect Request primitive

A.5.4. *Timers (arloġġi)*

Tabella 3

Timers (arloġġi)

Timer	Informazzjoni ta' *timer* (arloġġ)
Tr	Time-out meta messaġġ ta' HEARTBEAT jew ta' dettalji jkun mistenni
Ts	Time-out biex jintbagħat HEARTBEAT lejn l-użu remot

Il-valur ta' dawn it-timers (arloġġi) għandu jkun tali li Tr = 2Ts + ħin tat-trasmissjoni.

NOTA: *Valuri tipiċi ta' dawn it-timers huwa: Ts = 30s, Tr = 70s.*

A.5.5. *Tabella ta' Stat Tranżizzjonali*

Tabella 4

Tranżizzjonijiet ta' Stat

Stat	Avveniment	Azzjonijiet li ghandhom jittieħdu	Stat Ġdid
stat 0	TC_setup	Is-saff tat-trasport jipprova biex iwaqqaf il-konnessjoni(jiet) ta' saff baxx bejn l-użu lokali u remot; meta l-konnessjoni tkun ġiet stabbilita b'suċċess, l-użu jkun innotifikat ([1])	stat 1
	TC_disconnect	Is-sistema tieħu l-azzjonijiet xierqa imma tibqa bi "state 0"	stat 0
	L_data L_shutdown L_startup Tr_timeout Ts_timeout	Imwarrab	stat 0
	R_data R_heartbeat R_shutdown R_startup	Imwarrab (avveniment m'ghandux iseħħ)	stat 0
stat 1	L_startup	Użu lokali jibgħat messaġġ STARTUP lejn użu remot, timer Tr ikun mibdi ([2])	stat 2
	R_startup	Użu lokali jibgħat / jirċievi messaġġ STARTUP minn użu remot, dan il-messaġġ STARTUP — huwa imwarrab la darba avveniment L startup ma jkunx seħħ	stat 1
	L_data R_data R_heartbeat R_shutdown TC_setup	Imwarrab	stat 1
	Tr_timeout Ts_timeout	Imwarrab	stat 1
	L_shutdown	Trasport ta' konnessjoni huwa rilaxxat	stat 0
	TC_disconnect	L-użu lokali jkun innotifikat li l-konnesjoni ta' trasport tkun ġiet maqtugħa (e.g. minħabba żball jew *shotdown* remot)	stat 0
stat 2	R_startup	Użu lokali jibgħat / jirċievi messaġġ STARTUP minn użu remot; timers Tr u Ts huma mibdija; użu lokali huwa mgħarraf li d-dettalji jistgħu jintbagħtu u l-wasla tal-messaġġ STARTUP tkun espliċitament innotifikata bit-tweġiba ta' messaġġ ieħor STARTUP ([3])	stat 3
	Tr_timeout	Użu lokali jibgħat mill-ġdid messaġġ STARTUP jekk hu ma jkunx irċieva messaġġ minn użu remot matul il-ħin speċifikat. Period Tr, Timer Tr ikun mibdi mill-ġdid	stat 2

Stat	Avveniment	Azzjonijiet li ghandhom jittieħdu	Stat Ġdid
	L_startup L_data R_data R_heartbeat R_shutdown Ts_timeout TC_setup	Imwarrab	stat 2
	L_shutdown	L-użu lokali jkun avżat bies jagħlaq din l-assoċjazzjoni: messaġġ SHUTDOWN huwa trasmess, timer Tr huwa mwaqqaf u l-konessjoni ta' trasport hija rilaxxata	stat 0
	TC_disconnect	L-użu lokali jkun innotifikat li l-konnesjoni ta' trasport tkun ġiet maqtugħ(e.g. minħabba żball), *timer* Tr huwa mwaqqaf u l-assoċjazzjoni mitluqa	stat 0
stat 3	L_data	Timer Ts mibdi mill-ġdid	stat 3
	R_data R_heartbeat	Times Tr mibdi mill-ġdid	stat 3
	R_startup	Jekk messaġġ STARTUP ikun wasal minn użu remot, dan huwa meqjus bħala konferma ta' messaġġ STARTUP mibgħut preċedentament; timer Tr ma jkunx mibdi mill-ġdid	stat 3
	Ts_timeout	Messaġġ HEARTBEAT ikun inbgħat u timer Ts ikun mibdi mill-ġdid	stat 3
	L_startup TC_setup	Imwarrab	stat 3 ([4])
	R_shutdown	Timer Ts huwa mwaqqaf; MT-Abort-Indication ikun issenjalat lejn użu lokali	stat 2
	Tr_timeout	Timer Ts huwa mwaqqaf. MT-Abort-Indication hija ssenjalata lejn użu lokali timer Tr huwa mibdi mill-ġdid	stat 2
	L_shutdown	Messaġġ SHUTDOWN huwa trasmess; timers Tr u Ts huma mwaqqfa u l-konnessjoni tat-trasport hija rilaxxata	stat 0
	TC_disconnect	L-użu lokali jkun innotifikat li l-konnessjoni ta' trasport tkun ġiet maqtugħa (e.g. minħabba żball); timers Tr u Ts huma mwaqqfa u l-assoċjazzjoni mwarrba	stat 0

NOTI

([1]) Meta ddaħħal stat 0, jista' jkun ikkunsidrat bħala li awtomatikament jiġġenera l-avveniment TC_setup

([2]) Biss meta jiddaħħal stat 1 *via* TC_setup iġġenerata awtomatikament, avveniment kif deskritt fi stat 0, imbagħad l-avveniment L startup jista' jkun awtomatikament iġġenerat.

([3]) Dan il-metodu jiggarantixxi li messaġġ STARTUP li jkun wasal minn użu remot ghandu dejjem ikunu ikkonfermat minn messaġġ STARTUP.

([4]) Uħud mill-implementazzjonijiet eżistenti, li ghandhom data li tipprečedi dan id-Dokument Bażiku Eurocontrol, jista' f'dan il-każ ikun ittrattat bhala TC_disconnect, i.e. imur lura lejn stat 0.

A.5.6. *Disinn ta' Stat Tranżizzjonali*

NOTA: *Il-protokoll deskritt fil-Figura A.1 huwa f'ghamla ta' disinn ta' stat ta' transizzjoni. Id-disinn huwa biss informattiv: f'każ ta' kunflitt bejn id-disinn u t-tabella ta' stat ta' hawn taħt, dan ta' l-aħħar ghandu jkollu preċedenza.*



Figura A.1

Protokoll ta' Trasferiment ta' Messaġġ: Disinn ta' Stat ta' Trasmissjoni

L-ANNESS B (Normattiv)

PROTOKOLL TA' INTESTATURA TA' MESSAĠĠ

B.1. **Introduzzjoni**

Dan l-Anness jiddefinixxi l-protokoll ta' Intestatura ta' Messaġġ, protokoll ta' trasport minimu li għandu jkun użat għal applikazzjonijiet bħal OLDI.

B.2. **Servizz Implimentat**

B.2.1. Il-protokoll ta' l-Intestatura ta' Messaġġ jikkorrespondi għal *sub-set* ta' Servizz ta' *Connection-mode* tat-trasport, kif definit fil-ISO/IEC 8072 (Referenza 11), li jikkomprendi dawn il-primittivi ta' servizz.

T-Connect: tistabilixxi konnessjoni ta' trasport għal applikazzjoni

T-Data: titrasferixxi dettalji ASCII

T-Disconnect: tittermina konnessjoni ta' trasport ta' applikazzjoni

B.2.2. Dan is-servizz ma jsostnix *multiplexing*, irkupru ta' żball, jew segmentazzjoni u ri-assemblea.

B.3. **Servizz Assumit**

Dan il-protokoll jassumi bażi soda ta' qafas ta' servizz kif hemm ipprovdut mill-X.25 *Packet Layer Protocol*.

NOTA: *Konnessjoni singola biss tat-trasport hija sostnuta fuq kull qafas ta' konnessjoni.*

B.4. **Protokoll ta' Speċifikazzjoni**

B.4.1. *Stabbiliment ta' Konnessjoni*

Il-T-Connect primitive għandu jkun implementat bl-użu ta' *N-Connect service* tal-bażi tal-qafas ta' servizz. Hemm ippjantar dirett bejn iż-żewġ settijiet ta' (talba, indikazzjoni) primittivi. B'alternattiva, qafas ta' konnessjoni eżistenti jista jkun użat (e.g. wieħed stabbilit b'sistema ta' mekkaniżmi ta' maneġġjar).

Rakkomandazzjonijiet

1. *F'dan l-aħħar każ ta' hawn fuq il-qafas tal-konnessjoni għandu jkun "reset" qabel l-użu. Il-N-Connect primitive jista' jkun maħruġ mill-ġdid awtomatikament jekk l-ebda reazzjoni ma tkun waslet fi żmien ta' ċertu ħin.*

2. *Jekk din il-prova awtomatika mill-ġdid tkun implementata, provi mill-ġdid għandhom ikunu pprovati approssimament kull 15s.*

B.4.2. *Skansar ta' Oqfsa ta' Konnessjonijiet Żejda*

Jekk *N-Connect-Request primitive* tkun pendenti (i.e. l-ebda *N-Connect-Confirm* korrespondenti jew *N-Disconnect primitive* ma tkun ġiet issenjalata) u *N-Connect-Indication* tkun issenjalata, allura l-attentat ta' l-istabbiliment qafas dieħel, għandu jkun miċħud jew rilaxxat, bi tweġiba ta' *N-Disconnect-Request primitive*, biss meta iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin ikunu applikabbli:

– is-sejħa ta' indirizz NSAP ta' *l-N-Connect-Indication* huwa l-istess bħal l-indirizz NSAP imsejjaħ tal-*N-Connect-Request* pendenti;

– l-indirizz NSAP imsejjaħ ta' *N-Connect-Request* pendenti jkun akbar minn l-indirizz NSAP imsejjaħ tal-*N-Connect-Request* pendenti, il-paragun ikun isir fuq il-*bit strings* iffurmati bil-kodifikar ta' binarju preferit ta' kull indirizz NSAP, kif definit fil-ISO/IEC 8348 Anness A (Referenza 10) (*string* għandha tkun meqjusa akbar minn xi *sub-strings* inizjali propji, e.g. "8800"H >"88"H).

B.4.3. *Rilaxx ta' Konnessjoni*

B.4.3.1. Rilaxx ta' konnessjoni għandu jużа *l-N-Disconnect* u *N-Reset service primitives* ta' qafas ta' servizz bażiku.

B.4.3.2. Biex timplementa *T-Disconnect-Request, N-Disconnect-Request* għandu jkun issenjalat. B'alternattiva, jekk l-istabbiliment ta' qafas ta' konnessjoni li jużа *N-Connect primitives* ma jkunx sostnut, il-qafas ta' konnessjoni m'għandux ikunu espliċitament rilaxxat.

Rakkomandazzjoni *F'dan l-aħħar każ ta' hawn fuq, il-qafas tal-konnessjoni għandu jkun "reset".*

B.4.3.3. *T-Disconnect-Indication* għandu jkun issenjalat mal-wasla ta' wieħed mis-servizzi primittivi ta' qafas li ġejjin fuq qafas ta' konnessjoni li tikkorrespondi bis-sħiħ jew parzjalment ma' konnessjoni stabbilita ta' trasport:

– *N-Disconnect-Indication;*

– *N-Reset-Indication.*

B.4.4. *Trasferiment ta' Dettalji*

B.4.4.1. It-*T-Data primitive* għandu jkun implimentat bl-użu ta' *N-Data primitive* tal-bażi tal-qafas ta' servizz. Hemm ippjantar dirett bejn iż-żewġ settijiet ta' (talba, indikazzjoni) primittivi. L-ippjantar jużа Transport Protocol Data Unit (TPDU) li huwa ttrasferit mis-servizz tal-qafas.

B.4.4.2. It-TPDU għandu jkollu l-format li ġej, trasmess mix-xellug għal-lemin, fejn l-istruttura tal-messaġġ iddefinita f'A.4.10.1 għandha tiddaħħal fl-oqsma tad-data(1), data(2)…data(n).

STX	LENG	ADEST	DEST	AEMM	EMM	**data(1)**	ADR	**data(2) … data(n)**	ETX
'02'H	'48'H	'40'H	'40'H	'40'H	'40'H		'40'H	'03'H	

NOTI:

1. *Din l-intestatura hija definita hekk li tkun identika ma' dik użata fil-proċedura INTERCAUTRA definita fl-iskambju ta' messaġġ ACT bejn CAUTRA Paris, il-9020D system of the London Air Traffic Control Centre u Digital Communications Terminal System (DCTS) Maastricht/Karlsruhe, meta jġorr il-formati ta' messaġġ definit fi; f'dan il-każ il-qasam "data (1)" li tikkorrespondi fil-qasam TYP.*

2. *L-użu ta' l-oqsma ADEST, DEST, AEMM, EMM, u ADR b'valuri apparti minn "40" H li jmur lill hinn fl-iskop ta' dan id-Dokument Bażiku Eurocontrol, imma jista' jkun suġġett għal ftehim bilaterali.*

B.4.4.3. It-*T-Data service* għandu jkun ristrett għat-trassferiment ta' dettal ASCII karattru stampabbli. Partikolarment, l-ebda *data-octets* m'ghandhom ikollhom il-valur "0.3"H (il-karattru ETX).

B.4.4.4. Implementazzjoni ta' konformitá għandha tissodisfa l-ħtieġa ta' sostenn min-*Network Service Data Unit* (NSDU) ta' daqsijiet sa u inkluži 4 105 octets.

B.4.4.5. Implementazzjoni ta' konformità għandha tipprojbixxi konkatenazzjoni ta' TSDU multipla f'NSDU singola.

B.4.4.6. Implementazzjoni ta' konformità għandu jipprojbixxi segmentazzjoni ta' TSDU singola lejn NSDU multipla.

L-ANNESS Ċ (Normattiv)

QAFAS TA' PROTOKOLL

Ċ.1. **Introduzzjoni**

Dan l-Anness jispeċifika l-bażi tal-Qafas tal-Protokoll billi juża s-saff ta' protokoll tal-pakkett X.25, għall-użu kemm fil-*point-to-point* u l-ambjenti ta' qafas ta' *packet*-switched, biex isostni t-trasferiment ta' dettalji dwar it-titjira. Il-protokoll jistabilixxi bħala sub-bażi li huwa kompatibbli ma' dak li huma definiti fil-verzjonijiet ta' (Referenza 1) mill-edizzjoni tal-1980 dwar.

Ċ.2 **Servizz Ipprovdut**

Ċ.2.1. Il-protokoll jimplementa l-*connection-mode* OSI Network Service kif definit fil-ISO/IEC 8348 (Referenza 10), b'dawn l-eċċezzjonijiet li ġejjin.

– NSAP indirizzi huma ristretti fil-għamla definita fil-;

– ma hemm l-ebda faċilità biex ikun stabbilit ftehim bejn dawk li jagħmlu użu mis-*Service Network* (NS) u dak li jipprovdi l-NS dwar il-kwalità ta' servizz assoċjat mal-konnessjoni tal-qafas;

– trasferiment ta' NS-User-Data matul konnessjoni ta' qafas stabbilita u rilaxxata m'hemmx sostenn għaliha, ħlief għad-dispożizzjonijiet deskritti f'Ċ.5.3.

Ċ.2.2. L-għażliet li ġejjin ta' dak li jipprovdi l-NS ma humiex offruti:

– Konferma tal-wasla;

– Trasferiment ta' Dettalji mibgħuta.

Ċ.3. **Servizz Assumit**

Il-protokoll jassumi l-provvediment ta' OSI *Datalink Service*, bħal ma hija dik offruta mill-ISO/IEC 7776 (LAPB) (Referenza 6).

Ċ.4. **Indirizzar NSAP**

Ċ.4.1. *Introduzzjoni*

Ċ.4.1.1. L-istruttura ta' l-indirizzi NSAP tiġi wara dik definita fil-ISO/IEC 8348 Anness A (Referenza 10), kif illustrata hawn taħt.

Ċ.4.1.2. Il-komponenti ta' l-indirizz NSAP huma definiti hawn taħt:

IDP Initial Domain Part, (Parti inizjali ta' Dominju) li tikkomprendi l-oqsma AFI u IDI

AFI Awtorità u Identifikatur tal-Format, u

IDI: Initial Domain Identifier (Identifikatur inizjali tad-dominju)

DSP: Domain Specific Part (Parti speċifika tad-dominju)

Ċ.4.2. *Struttura ta' Indirizz NSAP*

Ċ.4.2.1. Għall-iskopijiet ta' dan id-Dokument ta' *Standard Eurocontrol*, il-komponenti ta' indirizzi huma illimitati għal dawn it-tipi li ġejjin.

Ċ.4.2.2. Il-valur AFI 48 għandu jkun użat, jindika format Lokali IDI b'sintesi ta' astratt deċimali.

Ċ.4.2.3. L-IDI huwa null, dan li ġej huwa l-format lokali.

Ċ.4.2.4. L-DSP għandu jikkonsisti f' 2 pari ta' figuri deċimali, kif ġej:

– l-ewwel par huma l-identifikatur ta' l-unità ta' l-*Air Traffic Control* (ATC), li jidentifika s-sistema ATC u b'hekk indirettament il-lokalità;

– it-tieni par huwa s-selettur ta' unità ATC, li jista' jkun użat biex jidentifika punt tat-tmien partikolari fl-unità ATC.

Ċ.4.2.5. l-istrutura ta' l-indirizz NSAP li tirriżulta hija illustrata hawn taħt.

AFI	DSP	
48	Unità ta' Identifikatur ATC	Unità ta' selettur ATC

Ċ.4.3. *L-assenjament ta' Unità Indentifitriċi u ta' Selezzjoni ATC*

Ċ.4.3.1. Assenjar uniku ta' unità indentifitriċi ATC għal kull sistema ATC għandha tkun ir-responsabilità ta' *Eurocontrol*, waqt li l-unità selettriċi ATC għandha tkun assenjata mill-awtorità relevanti fil-Amministrazzjoni jew l-Organizzazzjoni ATC.

Ċ.4.3.2. L-allokazzjoni ta' l-unità identifitriċi ATC fil-waqt tat-tħejjija ta' dan l-istandard hija murija fi

Ċ.5. **Protokoll ta' Speċifikazzjoni**

Ċ.5.1. *Ħarsa Ġenerali*

Il-protokoll huwa bbażat fuq il-*Subnetwork-Dependent Convergence Protocol for X.25(1980)* definit fil-ISO/IEC 8878 (Referenza 12), b'dawn id-differenzi:

– il-faċilità ta' l-użu *Fast Select* mhix użata; b'danakollu, l-ikkodifikar definit fl-Anness A ta' ISO/IEC 8878 (Referenza 12) għall-użu b'format estiż fil-qasam ta' User Data disponibbli mal-faċilità ta' *Fast Select* ikun użat hawn mal-format bażiku fil-qasam ta' *User Data* fil-CALL REQUEST u pakketti INCOMING CALL, la darba restrizzjonijiet fuq oqfsa permissibbli ta' parametri ta' servizz jassiguraw li l-informazzjoni kkodifikata tkun tidhol fil-16 octets;

– il-parametri tal-qafas ta' servizz li dwaru l-ikkodifikar huwa definit f' OSO/IEC 8878 (Referenza 12, ikunu biss l-indirizzi NSAP imsejħa u dawk li jsejħu (u biss fil-għamla definita fi) li jkunu mibgħuta fil-pakkett CALL REQUEST;

– il-qasam ta' *User Data* mhux użat fil-pakketta CALL ACCEPTED, CALL CONNECTED, CLEAR REQUEST, jew CLEAR INDICATION;

– il-proċeduri alternattivi għal qafas bi stabbiliment ta' konnessjoni u rilaxxi ma humiex użati;

– il-wasla ta' konferma b'użu ta' D-bit mhux meqjus.

NOTA *L-ewwel tlieta minn dawn ir-restrizzjonijiet jassiguraw li l-informazzjoni kollha tkun trasmessa bejn iż-żewġ DTE fir-rigward tal-limitazzjonijiet fil-qasam ta' User Data fi X.25 (1980) PLP.*

Ċ.5.2. *Kodifikar ta' Indirizz*

Is-sejħa lejn indirizzi u l-indirizzi NSAP imsejħa għandha tkun ikkodifikata bl-użu ta' kodifikar binarju preferit kif definit fi ISO/EIC 8348 L-Anness A (Referenza 10).

Ċ.5.3. *Kodifikar fil-Qasam tal-User Data*

Ċ.5.3.1. Bħala riżultat tal-ħtiġiet mistqarra hawn fuq, il-qasam User Data fil-pakketti CALL REQUEST u INCOMING CALL għandhom ikunu kkodifikati kif illustrati hawn taħt. Is-16 octets kollha għandhom ikunu trasmessi.

Tabella 1

Kodifikar fil-Qasam ta' User Data

Deskrizzjonijiet tal-Qasam	Ordni Gholja Semi-Octet	Ordni Baxxa Semi-Octet
Octet 0: Protocol identity (Identità tal-protokoll)	bin(1000)	bin(0100)
Octet 1: Message code type (Tip tal-kodiċi tal-messaġġ)	bin(0010)	bin(0000)
Octet 2: Message code value (N CR) (Valur tal-kodiċi tal-messaġġ)	bin(0000)	bin(0001)
Octet 3: Parameter type = Called NSAP (Tip tal-parametri)	bin(1100)	bin(1001)
Octet 4: Parameter length (Tul tal-parametri)	bin(0000)	bin(0110)
Octet 5: Parameter value (1st octet) = AFI value (Valur tal-parametri)	bin(0100)	bin(1000)
Octet 6: Parameter value (2nd octet) = ATC unit (Valur tal-parametri) identifikatur	high order digit	low order digit
Octet 7: Parameter value (3rd octet) = ATC unit selector (Valur tal-parametri — selettur ta' l-unità)	high order digit	low order digit
Octet 8: Parameter type = Calling NSAP (Tip tal-parametri)	bin(1100)	bin(1011)
Octet 9: Parameter length (Tul tal-parametri)	bin(0000)	bin(0110)
Octet 10: Parameter value (1st octet) = AFI value (Valur tal-parametri)	bin(0100)	bin(1000)
Octet 11: Parameter value (2nd octet) = ATC unit (Valur tal-parametri) identifikatur	high order digit	low order digit
Octet 12: Parameter value (3rd octet) = ATC unit (Valur tal-parametri) selettur	high order digit	low order digit
Octet 13: Irriservat għal użu fil-futur	bin(0000)	bin(0000)
Octet 14: Irriservat għal użu fil-futur	bin(0000)	bin(0000)
Octet 15: Irriservat għal użu fil-futur	bin(0000)	bin(0000)

Ċ.5.3.2. Parametri oħra deskritti fi ISO/IEC 8878 (Referenza 12) m'għandhomx jintużaw.

Ċ.5.4. *Trattament ta' Indirizzi fil-pakketti INCOMING CALL*

Ċ.5.4.1. Indirizzi DTE

Is-sejħa lejn indirizz DTE ta' pakkett INCOMING CALL għandha tkun ivvalidata kontra lista lokali ta' indirizzi validi remoti DTE għas-sistema. Jekk indirizz invalidu jkun innutat, is-sejħa għandha tkun imħassra.

NOTI

1. *L-indirizz DTE imsejjaħ, jekk preżenti, f'pakkett INCOMING CALL, jekk preżenti, jista b'għażla wkoll ikun ivvalidat kontra l-lista (tipikament dettal wieħed) ta' indirizzi validi lokali DTE għas-sistema.*

2. *F'uħud mill-okkażjonijiet l-indirizz DTE ta' unità jista' jkun differenti mill-valur u/jew tul meta l-unità tkun taġixxi bħala s-sistema li ssejjaħ jew l-imsejħa. Għalhekk, attenzjoni partikolari għandha tingħata għal din il-kwistjoni meta tispeċifika jew timplementa l-validazzjoni funzjonali ta' indirizz DTE.*

Ċ.5.4.2. Indirizzi NSAP

Is-sejħa lejn indirizz NSAP kodifikat kif deskritt hawn fuq ta' pakkett INCOMING CALL għandha tkun ivvalidata kontra lista remota ta' indirizzi validi ta' NSAP għas-sistema. Jekk indirizz invalidu jkun innutat, is-sejħa għandha tkun imħassra.

NOTA *L-indirizz NSAP imsejjaħ jista' b'għażla jkun ukoll ivvalidat kontra lista ta' (tipikament ta' unità waħda) indirizzi lokali validi NSAP għas-sistema.*

Ċ.5.5. *Trasferiment ta' Dettalji*

Ċ.5.5.1. Kif deskritt f' ISO/IEC 8878 l-Anness A.5.3 (Referenza 12), NSDU huma ttrasferiti fil-qasam ta' *User Data* tal-pakket ta' DATA.

NOTA *Bħala konsegwenza, huwa ipprojbit li jkun trasmess aktar minn messaġġ user wieħed, bħal ma hu messaġġ OLDI, f'kull pakkett X.25 jew sekwenza M-bit.*

Ċ.5.5.2. NSDU itwal mill-massimu ta' User Data permissibli għal ċirkuwit virtwali għandha tkun maqsuma u trasmessa fl-oqsma ta' *User Data* ta' sekwenza ta' pakketti DATA meta kollha ħlief dak ta' l-aħħar għandhom it-tnejn ikollhom it-tul massimu u l-M-bit set (i.e. *More-bit-sequence*).

Ċ.5.5.3. Mal-wasla, l-oqsma ta' *User Data* ta' sekwenza *More-bit* għandha tkun imqabbla mill-ġdid biex tifforma l-NSDU li jkun wasal.

L-ANNESS D (Normattiv)

PROFORMI PROFIL-SPEĊIFIKU PICS

D.1. **Introduzzjoni**

D.1.1. Il-fornitur ta' l-implementazzjoni ta' protokoll li jkun mitlub biex jikkonferma l-ispeċifikazzjonijiet fl-Annessi A-Ċ għandu jwettaq il-proformi PICS li ġejjin:

NOTA *Rilaxx ta' dritt ta' l-awtur (copyright) għal proformi PICS: li jużaw dan id-Dokument ta' Standard Eurocontrol jistgħu bil-libertàkollha jirriproduċu l-proformi PICS f'dan l-Anness sabiex ikunu jistgħu jiġu użati għal l-iskop intenzjonat u jistgħu jkomplu jippublikaw il-PICS kif kompluti.*

D.1.2. Proforma PICS li tkun kompluta hija PICS għal l-implementazzjoni f'dak il-każ. Din hija stqarrija PICS li fiha l-kapaċitajiet u l-għażliet tal-protokoll ikunu ġew implementati.

D.1.3. Il-PICS jista' jkollha numru ta' użu, inklużi l-użu:

– Ċ mill-implementatur tal-protokoll, bħala lista ta' verifika biex jitnaqqas ir-riskju ta' falliment li tkun konformi ma' l-istandard minħabba xi żvista;

– mill-fornitur u dak li jakwista, jew dak li għandu l-potenzjal li jakkwista, ta' l-implementazzjoni, bħala indikazzjoni dettaljata tal-kapaċitajiet ta' l-implementazzjoni, mistqarra b'relattività mal-bażi komuni għal ftehim ipprovdut ma' l-istandard ta' proforma PICS;

– minn dak li jagħmel użu, jew dak li għandu l-potenzjal li jagħmel użu, bħala bażi ta' verifika inizjali tal-possibilità ta' xogħol konġunt ma' implementazzjoni oħra (innota li, waqt li x-xogħol konġunt qatt ma jista' jkun iggarantit, nuqqas ta' xogħol konġunt ta' spiss jista' jkun previst mill-inkompatibilità ta' PICS);

– minn dak li jittestja protokoll, bħala l-bażi biex jintgħażel l-aħjar test kontra liema t-talba tista' tkun assessjata għal konformità ta' l-implementazzjoni.

D.2. **Istruzzjonijiet għal Mili ta' Proforma PICS**

D.2.1. *Struttura Ġenerali tal-Proforma PICS*

D.2.1.1. L-Identifikazzjoni ta' l-Implementazzjoni u Sommarju tal-Protokoll hija l-ewwel parti ta' kull proforma PICS u għandha tkun imwettqa kif indikat bl-informazzjoni meħtieġa biex ikunu identifikati bis-sħiħ il-fornitur u wkoll l-implementazzjoni.

D.2.1.2. Il-parti ewlenija tal-proforma PICS hija kwestjonarju ta' formatt fiss. Tweġibiet għad-dettalji tal-kwestjonarju għandhom ikunu ipprovduti fil-kolonna li tinsab l-aktar fil-lemin, jew sempliċement billi tkun immarkata tweġiba biex tindika l-għażla (normalment Iva jew Le). Jew billi jiddaħħal valur jew sensiela jew grupp ta' valuri.

NOTI

1. *Kull dettal huwa identifikat b'referenza ta' unità unika fl-ewwel kolonna; it-tieni kolonna fiha l-mistoqsija li għandha tkun imwieġba; it-tielet kolonna fiha r-referenza jew referenzi għal materjal li jispeċifika d-dettall f'dan l-istandard Eurocontrol. Il-kumplament tal-kolonni jirreġistraw l-istatus tad-dettall (meta s-sostenn ikun mandatorju, voluntarju, ipprojbit jew ikkondizzjonat) u jipprovdi spazju għat-tweġibiet:ara wkoll hawn taħt.*

2. *Fornitur jista' jipprovdi wkoll, jekk ikun meħtieġ li jipprovdi, aktar informazzjoni ikkategorizzata jew bħala Informazzjoni Addizzjonali jew bħala Informazzjoni Eċċezzjonali. Meta preżenti, kull tip ta' informazzjoni għandha tkun ipprovduta f'sub-klassi oħra tad-dettalji bit-tikketta A< i > jew X< i > rispettivament għal skopijiet ta' kontra referenza, meta < i > tkun xi identifikazzjoni mhux-ambigwa għal-unità (e.g. sempliċement numerika): ma hemm l-ebda restrizzjonijiet oħra dwar il-format u l-preżentazzjoni tagħha.*

D.2.1.3. Proforma PICS mimlija, inkluża xi Informazzjoni Addizzjonali u Informazzjoni Eċċezzjonali, għandha tkun irreferuta bħala l-*Protocol Implementation Conformance Statement* għall-implementazzjoni f'dak il-każ.

NOTA *Meta l-implimentazzjoni tkun f'qagħda li tiġi ikkonfigurata f'aktar minn mod wieħed, PICS singola tista' tkun tiddeskrivi dawk il-konfigurazzjonijiet kollha. B'danakollu, il-fornitur għandu l-għażla li jipprovdi aktar minn PICS waħda, kull waħda tkopri sub-set tal-possibiltajiet ta' konfigurazzjoni ta' l-implementazzjoni, f'każ li tgħamilha aktar faċili u ċara l-preżentazzjoni ta' l-informazzjoni.*

D.2.2. *Informazzjoni Addizzjonali*

Dettalji ta' Informazzjoni Addizzjonali tippermetti fornitur li jipprovdi aktar informazzjoni intenzjonata biex tgħin fl-interpretazzjoni tal-PICS.

NOTI

1. *Mhux intenzjonat jew mistenni li kwantitàa kbira tkun fornuta, u PICS jista' jkun meqjus bħala sħiħ mingħajr informazzjoni bħal din. Eżempji jistgħu jagħtu abbozz tal-metodi li bihom l-implementazzjoni (waħda) tkun tista' tiġi esiġita biex topera f'ambjenti u f'konfigurazzjonijiet varji; jew inkella rationale qasir (ibbażat, forsi, fuq ħtiġiet ta' applikar speċifiku) għall-esklużjoni ta' fatturi li, għalkemm voluntarji, huma xorta waħda komunament preżenti fl-implimentazzjonijiet ta' dan il-protokoll.*

2. *Referenzi għal Unitajiet ta' Informazzjoni Addizjonali jistgħu jkunu inklużi ma' ġenb xi tweġiba fil-kwestjonarju, u jistgħu jkunu inklużi bħala dettalji ta' Informazzjoni Eċċezzjonali.*

D.2.3. *Informazzjoni Eċċezzjonali*

D.2.3.1. Jista okkażjonalment jiġri li fornitur ikun jixtieq li jwieġeb dettal bi status mandatorju jew ipprojbit (wara li xi kundizzjonijiet ikunu ġew applikati) b'tali mod li jkun b'konflitt mal-ħtieġa indikata. L-ebda tweġiba stampata bil-quddiem ma tkun tinstab fil-kolonna ta' Sostenn dwar dan: Minflok, il-fornitur għandu jikteb it-tweġiba nieqsa fil-kolonna ta' Sostenn, flimkien ma' referenza X< i > ta' dettal ta' Informazzjoni Eċċezzjonali.

D.2.3.2. Il-fornitur għandu jipprovdi *r-rationale* xieraq fid-dettal ta' l-Eċċezzjoni nnifsha.

D.2.3.3. Implementazzjoni li dwarha dettal ta' Eċċezzjoni jkun meħtieġ b'dan il-mod ma jkunx konformi għal din l-ispeċifikazzjoni.

NOTA *Raġuni possibbli għas-sitwazzjoni deskritta hawn fuq hija li difett fl-istandard ikun ġie rrapurtat, u li korrezzjoni dwaru tkun mistennija li tbiddel il-ħtieġa li ma tkunx milħuqa mill-implementazzjoni.*

D.2.4. *Dettalji Kondizzjonati*

D.2.4.1. Dettalji individwali ikkundizzjonati huma indikati b'simbolu kundizzjonat fil-għamla ta "<item> : < s>" fil-kolonna Status, meta "<item>" ikun dettal ta' referenza li jidħer fl-ewwel kolonna tat-tabella għal xi dettal ieħor, u "< s >" ikun status simbolu, M, O, O. < n > jew X.

NOTA *Proforma PICS tista' tkun fiha numru ta' dettalji kkondizzjonati. Dawn huma dettalji li dwarhom iż-żewġ applikazzjonijiet tad-dettal innifsu, u l-istatus tiegħu jekk ma jkunx applikabbli (mandatorju, voluntarju jew ipprojbit) ikun dipendenti dwar jekk jew le ċerti dettalji oħra jkunu sostnuti.*

D.2.4.2. Id-dettall li hemm referenza dwaru bis-simbolu kkondizzjonat huwa immarkat bħala sostnut, id-dettall ikkondizzjonat huwa applikabbli, u l-istatus tiegħu huwa mogħti bi "< s >": il-kolonna ta' sostenn għandha tkun mimlija bl-istess mod. Altrimentri, id-dettal ikkondizzjonat ma jkunx relevanti u t-tweġiba "Not Applikable" (NA) (mhux applikabbli) għandha tkun immarkata.

D.2.4.3. Kull dettal li r-referenza tiegħu hija użata f'simbolu ikkondizzjonat huwa indikat b'asterisk (stilla) fil-kolonna "Item".

D.3. **Proforma PICS għal Protokoll ta' Trasferiment ta' Messaġġ**

D.3.1. *Abrevjazzjonijiet u Simboli Speċjali*

D.3.1.1. Simboli ta' Status

M: Mandatorju

O: Voluntarju

D.3.1.2. Referenzi ta' Dettalji

Dettalji fi proforma PICS huma identifikati b'referenzi ta' dettall mnemoniku. Dettalji PICS li jitrattaw mal-funzjonijiet relatati huma identifikati b'referenza tad-dettal li miegħu jaqsmu l-istess ittra inizzjali jew par-ittri (f'ittri kbar). Issegwi mbagħad il-lista ta' dawk l-inizjali, li fl-ordni tagħhom il-gruppi ta' dettalji jsehħu fil-proforma PICS.

— MTsy, MTop, MTst, Mtor	tipi ta' messaġġ
— MAE, MAR, MCI, MDT, MAV	proċeduri
— MEsu, MEsd, MEhb, Mety	kodifikar
— messaġġ MNmsg	daqs
— Ts, Tr	hinijiet

D.3.2. *Identifikazzjoni*

Tabella 1

Implimentazzjoni ta' identifikazzjonijiet ta' Trasferiment ta' Messaġġ

Fornitur	
Punt ta' kuntatt għal mistiqsijiet dwar il-PICS	
Implementazzjoni isem/verżjoni	
Magna isem/verżjoni	
Sistema ta' operazzjoni isem/verżjoni	
Hardware ieħor u sistemi ta' operazzjoni użati	
Isem tas-sistema (jekk applikabbli)	

D.3.3. *Implimentazzjoni tal-Protokoll*

Tabella 2

Trasferiment ta' Messaġġ Implementazzjoni ta' Protokoll

Dettall	Spjegazzjoni	Referenzi	Status	Sostenn
	Dawn il-messaġġi li ġejjin huma sostnuti:	A.4.2		
MTsy	– messaġġi tas-sistema?		M	Iva ☐
MTop	– messaġġi voluntarji?		M	Iva ☐
MTst	– messaġġi ta' status?		O	Le ☐ Iva ☐
MTor	– messaġġi ta' l-operatur?		O	Le ☐ Iva ☐
MAE	Proċeduri ta' assoċjazzjoni ta' stabbeliment	A.4.3	M	Iva ☐
MAR	Proċedura ta' assoċjazzjoni ta' rilaxx	A.4.5	M	Iva ☐
MCI	Proċedura ta' assoċjazzjoni ta' integrità	A.4.7	M	Iva ☐
MDT	Proċedura ta' trasferiment ta' dettalji	A.4.4	M	Iva ☐
MAV	Proċedura ta' assoċjazzjoni ta' rkupru	A.4.9	M	Iva ☐
	Messaġġ ta' kodifika ta' Sistema	A.4.10.1, A.4.10.3		
MEsu	STARTUP?	A.4.10.3	M	Iva ☐
MEsd	SHUTDOWN?	A.4.10.3	M	Iva ☐
MEhb	HEARTBEAT?	A.4.10.3	M	Iva ☐
MEty	Kodifikar ta' oqsma TYP għal tipi ta' messaġġi oħra	A.4.10.1, A.4.10.4	M	Iva ☐
MNmsg	Daqs massimu tal-messaġġ sostnut	A.4.10.2	mill-anqas 4 096 octets	Valur:
	Valuri tal-ħin sostnuti	A.4.7		
Ts	Assoċjazzjonijiet ta' integrità *heartbeat*		M	Iva ☐ Valuri:
Tr	Assoċjazzjonijiet ta' integrità *timeout*		Tr > 2Ts	Iva ☐ Valuri:

D.4. **Proforma PICS għal Protokoll ta' Intestatura ta' Messaġġ**

D.4.1. *Abrevjazzjonijiet u Simboli Speċjali*

D.4.1.1. Simboli ta' Status

M	mandatorja
O	voluntarja
O.<n>	voluntarja, imma bis-sostenn ta' mill-anqas wieħed mill-grupp ta' għażliet immarkati bl-istess numru < n > meħtieġ
X	ipprojbit
< item>	simbolu ta' dettall-ikkondizzjonat, dipendenti mis-sostenn immarkat għal < item > (ara D.2.4)

D.4.1.2. Abbrevjazzjonijiet

NA mhux applikabbli

D.4.1.3. Referenzi ta' Dettalji

Dettalji fi proforma PICS huma identifikati b'referenzi ta' dettal mnemoniku. Dettalji PICS li jittrattaw mal-funzjonijiet relatati huma identifikati b'referenza tad-dettal li miegħu jaqsmu l-istess ittra inizjali jew par-ittri (f'ittri kbar). Issegwi imbagħad il-lista ta' dawk l-inizjali, li fl-ordni tagħhom il-gruppi ta' dettalji iseħħu fil-proforma PICS.

— IHC1, IHC2, IHC3, IHC4, IHCC Stabbiliment konness

— IHR1, IHR2 rilaxx ta' konnessjoni

— IHT1, IHTx trasferiment ta' dettalji

— Tcr tul ta' ħin

D.4.2. *Identifikazzjoni*

Tabella 3

Implementazzjoni ta' identifikazzjonijiet ta' Intestatura ta' Messaġġ

Fornitur	
Punt ta' kuntatt għal mistoqsijiet dwar il-PICS	
Implementazzjoni isem/verżjoni	
Magna isem/verżjoni	
Sistema ta' operazzjoni isem/verżjoni	
Hardware ieħor u sistemi ta' operazzjoni użati	
Sistema isem (jekk applikabbli)	

D.4.3. *Implementazzjoni tal-Protokoll*

Tabella 4

Intestatura ta' Messaġġ Implimentazzjoni ta' Protokoll

Dettall	Spjegazzjoni	Referenzi	Status	Sostenn
	Tagħmel il-proċedura tal-konnessjoni stabbilita:	B.4.1.		
IHC1 (*)	– tuża N-Connect?		O.1	Iva ☐ Le ☐
IHC2 (*)	– tistrieħ fuq konnessjoni b'qafas pre-stabbilit?		O.1	Le ☐ Iva ☐
lHC3	– qiegħed mill-ġdid il-konnessjoni pre-stabbilita		**IHC2:** O	MA ☐ Iva ☐ Le ☐
IHC4 (*)	– ipprova mill-ġdid il-N-Connect awtomatikament		**IHC1:** O	MA ☐ Le ☐ Iva ☐
IHCC	Proċedura ta' resoluzzjoni ta' ħabta ta' konnessjoni	B.4.2	M	Iva ☐
	Il-proċedura ta' konnessjoni ta' rilaxx tuża:	B.4.3		
IHR1	– N-Disconnect?		**IHC1:** M	MA ☐ Iva ☐
			IHC2: X	Le ☐
IHR2	– żomm il-konnessjoni tal-qafas		**IHC2:** M	MA ☐ Le ☐
			IHC1: X	Iva ☐
IHT1	Kodifikar tat-trasferiment ta' dettalji PDU	B.4.4	M	Iva ☐
IHTx	Uża l-oqsma ADEST, DEST, AEMM, EMM, u ADR bill-valuri apparti minn "40"H	B.4.4	O	Le ☐ Iva ☐
	Valuri tal-ħin sostnuti			
Tcr	– Prova mill-ġdid ta' stabbiliment ta' konnessjoni tul ta' ħin	B.4.1	**IHC4:** M	MA ☐ Le ☐ Iva ☐ Valuri:

NOTI:

1. IHC1 hija użata f'dettalji IHC4, IHR1 u IHR2.
2. IHC2 hija użata f'dettalji IHC3, IHR1 u IHR2.
3. IHC4 hija użata f'dettall Tcr.

D.5. **Proforma PICS għal Protokol ta' Qafas**

D.5.1. *Abrevjazzjonijiet u Simboli Speċjali*

D.5.1.1. Simboli ta' Status

M mandatorja

O voluntarja

D.5.1.2. Referenzi ta' Dettalji

Dettalji fi proforma PICS huma identifikati b'referenzi ta' dettal mnemoniku. Dettalji PICS li jitrattaw mal-funzjonijiet relatati huma identifikati b'referenza tad-dettal li mieghu jaqsmu l-istess ittra inizjali jew par-ittri (f'ittri kbar). Issegwi imbagħad il-lista ta' dawk l-inizjali, li fl-ordni tagħhom il-gruppi ta' dettalji jseħħu fil-proforma PICS.

— SNDCP1	protocoll ID qasam
— NCRdae, NCRgae, NCCx, NDRx	parametri fil-protokolli tal-messaġġi
— NCD1, NCD2, NCN1, NCN2	validazzjoni ta' indirizzi
— NDT	trasferiment ta' dettallji

D.5.2. *Identifikazzjoni*

Tabella 5

Identifikazzjoni ta' qafas ta' implementazzjoni

Fornitur	
Punt ta' kuntatt għal mistoqsijiet dwar il-PICS	
Implimentazzjoni isem/verżjoni	
Magna isem/verżjoni	
Sistema ta' operazzjoni isem/verżjoni	
Hardware ieħor u sistemi ta' operazzjoni użati	
Sistema isem (jekk applikabbli)	

D.5.3. *Implimentazzjoni tal-Protokoll*

Tabella 6

Implimentazzjoni tal-qafas ta' protokoll

Dettall	Spjegazzjoni	Referenzi	Status	Sostenn
SNDCP1	Qasam tal-protokoll ID fil-*Call User Data* qasam ta' CALL REQUEST	C.5.1	M	Iva ☐
	Parametri fil-messaġġ N-CR:	C.5.1		
NCRdae	– estensjoni ta' l-indirizz imsejjaħ		M	Iva ☐
NCRgae	– estensjoni ta' l-indirizz li jsejjaħ		M	Iva ☐
NCCx	Parametri fil-messaġġ N-CC: xejn	C.5.1	M	Iva ☐
NDRx	Parametri fil-messaġġ N-DR: xejn	C.5.1	M	Iva ☐
	Validazzjoni ta' indirizzi:	C.5.4		
NCD1	– indirizzi DTE li jsejħu		M	Iva ☐
NCD2	– indirizzi DTE msejħa		O	Le ☐ Iva ☐
NCN1	– indirizzi NSAP li jsejħu		M	Iva ☐
NCN2	– indirizzi NSAP msejħa		O	Le ☐ Iva ☐
NDT	Proċedura ta' trasferiment ta' dettalji	C.5.5	M	Iva ☐

NOTA — estenzjoni ta' indirizzi — huma dawk ikkodifikati fil-qasam *Call User Data* skond l-ISO/IEC 8878 l-Anness A.5 (Referenza 12), u mhux X.25, faċilitajiet ta' estensjoni ta' indirizz, li l-użu taghhom huwa ipprojbit f'dan il-protokoll.

L-ANNESS E (Normattiv)

PROFIL TA' LISTA TA' ĦTIĠIET

E.1. **Introduzzjoni**

E.1.1. Dan l-Anness jipprovdi l-PRL għal profill FDE ICD definit f'dan id-Dokument Bażiku Eurocontrol. Din l-Istqarrija ta' Konformità ta' Implimentazzjoni għall-implimentazzjoni li titlob konformità ma' dan il-profil għandha tkun iġġenerata bi qbil ma' l-istruzzjonijiet mogħtija hawn taħt.

NOTA *Il-proformi ta' dan l-Anness huma bbażati fuq dawk li jakkumpanjaw l-istandards bażiċi li hemm referenza dwarhom.*

E.1.2. Konformità ta' l-implimentazzjoni għandha tissodisfa l-ħtiġiet mandatorji ta' konformità ta' l-istandards bażiċi li hemm referenza dwarhom f'dan il-profil.

E.2. **Ir-Rwol tal-PRL u l-Proformi PICS**

L-istatus ta' din is-sezzjoni (E.2) hija informattiva: ma tikkonstitwix dispożizzjoni ta' din il-parti ta' l-istandard Eurocontrol.

– L-objettiv li tkun ippreżentata l-konformità tal-ħtiġiet fl-għamla tabulari tal-proformi PRL u PICS huwa li tkun ipprovduta lista ta' verifika tal-fatturi li għandhom jew jistgħu jkunu implimentati. Il-kunċetti bażiċi huma definiti u deskritti ISO/IEC 9646-1 (Referenza 14) (ITU-T Rakkomandazzjoni X.290 hija ekwivalenti) u ISO/IEC TR 10000-1 (Referenza 2).

– Profil jiġbor fih u jagħżel l-għażliet ta' diversi standards bażiċi sabiex titwettaq funzjoni ta' proċessar ta' informazzjoni speċifika. Kull standard bażika għandha proforma PICS, li tinkludi l-ħtiġiet ta' l-istandard. Il-PRL tinkludi s-sub-set ta' l-istandard bażika ta' dettalji ta' proforma PICS li huma illimitati bil-profil, flimkien ma ħtiġiet speċifiċi ta' profil; din tiddefinixxi t-tweġibiet meħtieġa fuq *l-istandard* bażika ta' proformi PICS biex dawn ikunu konformi mal-profil. B'żieda, l-PRL għandu jkun fiha d-dettalji tip PICS li huma speċifiċi għall-profil (mill-anqas, għandu jkun hemm dettall li jeżamina jekk il-proformi PICS kollha li huma meħtieġa jkunux ġew mimlija kif suppost); dawn id-dettalji għandhom ikunu mimlija flimkien ma' l-istandard bażika tal-proformi PICS. Il-proformi mimlija, flimkien jikkostitwixxu l-profil *Implementation Conformance Statement* (ICS) — (Implementazzjoni ta' Stqarrija ta' Konformità).

– B'segwiment tal-metodoloġija ta' ISO/IEC TR 10000-1 (Referenza 2), it-talba ta' konformitá lejn profil għandha tkun sostnuta bi proformi PICS li jkunu mimlija skond il-PRL. L-użu ta' dan il-materjal għandu jiddependi fuq l-akkwist tar-resqien ta' l-implementazzjoni FDE ICD.

– Diversi possibiltajiet ta' resqien lejn implementazzjoni FDE jistgħu jkunu immaġinati:

  – Implementazzjoni minn ġewwa minn Amministrazzjoni jew Organizzazzjoni Nazzjonali: il-PRL għandha tkun użata bħala l-bażi ta' l-ispeċifikazzjoni ta' ħtiġiet u speċifikazzjonijiet ta' testijiet għal aċċettazzjoni ta' l-implementazzjoni; l-ICS kompluta għandha tkun ipproduċuta bħala parti tal-proċedura ta' aċċettazzjoni.

  – Implimentazzjoni tal-profil minn kuntrattur: il-materjal għandu jkun użat u pproduċut bħalli kieku għal implementazzjoni minn ġewwa, imma l-kuntrattur għandu jipprovdi l-ICS u n-neċessità għal din għandha tkun ħtieġa kontrattwali.

  – Implimentazzjoni tal-profil minn kuntrattur bħala parti ta' kuntratt ta' integrazzjoni li jkun komprensiv jew ta' sistema. il-materjal għandu jkun użat u pproduċut bħalli kieku għal implementazzjoni minn ġewwa, imma l-kuntrattur għandu jkun meħtieġ li jagħmel dan kemm internament kif ukoll li jipprovdi l-ICS mimlija. Konformità mal-profil tassigura, per eżempju, li fornitur li jaħdem għal żewġ amministrazzjonijiet ma jkunx jista jintroduċi l-protokolli proprjetarji biex ilaħħaq mal-ħtieġa FDE u b'hekk jgħin biex jagħti kontroll lill-amministrazzjonijiet kontrattwanti.

